**ALDE:** Alvaro, Andrejevs, Andria, Attwooll, Beaupuy, Birutis, Bourlanges, Bowles, Budreikaitė, Busk, Cappato, Carlshamre, Chatzimarkakis, Cocilovo, Cornillet, Costa, Davies, Degutis, Deprez, De Sarnez, Dičkutė, Drčar Murko, Duff, Ek, Fourtou, Gentvilas, Geremek, Gibault, Guardans Cambó, Hall, Harkin, Hennis-Plasschaert, in 't Veld, Jäätteenmäki, Jensen, Juknevičienė, Kacin, Karim, Klinz, Koch-Mehrin, Krahmer, Kułakowski, Lambsdorff, Laperrouze, Lax, Lehideux, Losco, Ludford, Lynne, Maaten, Manders, Matsakis, Morillon, Mulder, Newton Dunn, Onyszkievicz, Ortuondo Larrea, Oviir, Pannella, Polfer, Prodi, Ries, Riis-Jørgensen, Savi, Staniszewska, Starkevičiūtė, Sterckx, Susta, Szent-Iványi, Takkula, Toia, Väyrynen, Van Hecke, Veraldi, Virrankoski, Watson

**GUE/NGL:** Pafilis, Toussas

**IND/DEM:** Batten, Bloom, Bonde, Booth, Clark, Farage, Goudin, Grabowski, Karatzaferis, Knapman, Krupa, Nattrass, Pęk, Piotrowski, Rogalski, Titford, Tomczak, Whittaker, Wise, Zapałowski, Żelezný

**NI:** Allister, Belohorská, Bobošíková, Borghezio, Chruszcz, Claeys, Czarnecki Marek Aleksander, Czarnecki Ryszard, Dillen, Giertych, Gollnisch, Helmer, Lang, Le Pen Jean-Marie, Le Pen Marine, Le Rachinel, Martinez, Masiel, Mólzer, Mote, Piskorski, Romagnoli, Rutowicz, Schenardi, Speroni, Wojciechowski Bernard Piotr



**It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006**

**PPE-DE:** Albertini, Antoniozzi, Ashworth, Atkins, Audy, Ayuso González, Bachelot-Narquin, Barsi-Pataky, Bauer, Beazley, Becsey, Belet, Berend, Bonsignore, Bowis, Braghetto, Brejc, Brepoels, Březina, Bushill-Matthews, Busutil, Buzek, Callanan, Carollo, Casa, Casini, Caspary, Castiglione, Cederschiöld, Chichester, Chmielewski, Coelho, Coveney, Daul, De Blasio, Demetriou, Descamps, Deß, Deva, De Veyrac, Díaz de Mera García Consuegra, Dimitrakopoulos, Doorn, Dover, Doyle, Duka-Zólyomi, Ebner, Ehler, Eurlings, Evans Jonathan, Fatuzzo, Ferber, Fernández Martín, Fjellner, Florenz, Fontaine, Fraga Estévez, Friedrich, Gahler, Gál, Gaía, Galeote, Gargani, Gaubert, Gauzès, Gawronski, Gewalt, Gklavakis, Glattfelder, Goepel, Gomolka, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gyürk, Handzlik, Hannan, Harbour, Hatzidakis, Heaton-Harris, Hennicot-Schoepges, Herranz García, Herrero-Tejedor, Hieronymi, Higgins, Hökmark, Hoppenstedt, Hudacký, Hybášková, Ibrisagic, Itälä, Iturgaiz Angulo, Jackson, Jałowiecki, Járóka, Jarzembowski, Jeggler, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Kamall, Kasoulides, Kauppi, Kelam, Kirkhope, Klamt, Klač, Klich, Koch, Konrad, Korhola, Kratsa-Tsagaropoulou, Kudrycka, Kušiš, Lamassoure, Landsbergis, Langen, Langendries, Lauk, Lechner, Lehne, Lewandowski, López-Istúriz White, Lulling, Maat, McGuinness, McMillan-Scott, Mann Thomas, Marques, Martens, Mathieu, Mato Adrover, Matsis, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mayor Oreja, Méndez de Vigo, Mikolášik, Millán Mon, Montoro Romero, Nassauer, Nicholson, van Nistelrooij, Novak, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Óry, Pack, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Parish, Peterle, Pieper, Píks, Pinheiro, Pirker, Pleštinská, Podestà, Poettering, Pomés Ruiz, Posdorf, Posselt, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Quisthoudt-Rowohl, Rack, Radwan, Reul, Ribeiro e Castro, Roithová, Rudi Ubeda, Rübig, Sartori, Saryusz-Wolski, Schierhuber, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Seeber, Seeborg, Siekierski, Silva Penada, Sommer, Sonik, Spautz, Šťastný, Stauner, Stevenson, Stubb, Sudre, Sumberg, Surján, Tajani, Thyssen, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vatanen, Veneto, Vernola, Vidal-Quadras, Vlasto, Weber Manfred, Weisgerber, Wieland, von Wogau, Wortmann-Kool, Zaleski, Zappalà, Zatloukal, Zieleniec, Zvěřina, Zwiefka

**PSE:** Attard-Montalto, van den Berg, Berman, Bozkurt, Busquin, Corbett, De Vits, Ford, Gill, Goebbels, Golik, Grech, Honeyball, Howitt, Hughes, Kinnock, Leinen, McAvan, McCarthy, Martin David, Mastenbroek, Matsouka, Moraes, Muscat, Myller, Simpson, Skinner, Stihler, Titley, Willmott

**UEN:** Angelilli, Aylward, Berlato, Bielan, Camre, Crowley, Didžiokas, Foglietta, Kamiński, Krasts, Kristovskis, Libicki, Maldeikis, Muscardini, Musumeci, Ó Neachtain, Pirilli, Tatarella, Vaidere, Wojciechowski Janusz, Zile

**Kontra: 197**

**ALDE:** Samuelsen

**GUE/NGL:** Meijer, Sjöstedt

**IND/DEM:** Belder, Blokland, Sinnott

**NI:** De Michelis, Martin Hans-Peter

**PPE-DE:** Cabrnock, Duchoň, Fajmon, Ouzký, Škottová, Strejček, Szájer, Vlasák

**PSE:** Andersson, Arif, Arnaoutakis, Assis, Ayala Sender, Badia I Cutchet, Barón Crespo, Batzeli, Beglitis, Beňová, Berès, Berger, Bösch, Bono, Bourzai, Bullmann, Calabuig Rull, Capoulas Santos, Carlotti, Carnero González, Castex, Cercas, Chiesa, Christensen, Corbey, Correia, Cottigny, De Rossa, Désir, Díez González, Dobolyi, Douay, Estrela, Ettl, Evans Robert, Fazakas, Fernandes, Ferreira Anne, Ferreira Elisa, Fruteau, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierek, Glante, Gomes, Gottardi, Grabowska, Gröner, Grootte, Gurmai, Guy-Quint, Hänsch, Hamon, Hasse Ferreira, Haug, Hazan, Hedh, Hedkvist Petersen, Herczog, Ilves, Jöns, Kindermann, Koterec, Krehl, Kreissl-Dörfler, Kristensen, Kuc, Kuhne, Laignel, Lambrinidis, Lavarra, Lehtinen, Leichtfried, Lévai, Locatelli, Madeira, Maňka, Mann Erika, Martínez Martínez, Masip Hidalgo, Medina Ortega, Menéndez del Valle, Miguélez Ramos, Mikko, Moreno Sánchez, Moscovici, Napolitano, Obiols i Germà, Occhetto, Öger, Paasilinna, Pahor, Paleckis, Panzeri, Patrie, Peillon, Piecyk, Pinior, Pittella, Pleguezuelos Aguilar, Prets, Rapkay, Rasmussen, Reynaud, Riera Madurell, Rothe, Rouček, Roure, Sacconi, Sakalas, Salinas García, Sánchez Presedo, dos Santos, Savary, Schapira, Scheele, Schulz, Segelström, Sifunakis, Siwec, Sornosa Martínez, Stockmann, Swoboda, Szejna, Tabajdi, Tarabella, Tarand, Thomsen, Trautmann, Tzampazi, Van Lancker, Vaugrenard, Vergnaud, Vincenzi, Walter, Weber Henri, Weiler, Westlund, Xenogiannakopoulou, Yañez-Barnuevo García, Zani, Zingaretti

**Verts/ALE:** Aubert, Auken, Beer, Bennahmias, Breyer, Cohn-Bendit, Cramer, Evans Jill, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein Mintz, Harms, Hassi, Horáček, Isler Béguin, Joan i Marí, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schlyter, Schmidt, Schroedter, Staes, Trüpel, Turmes, Voggenhuber, Zdanoka

**Astensjonijiet: 50**

**GUE/NGL:** Adamou, Agnoletto, Aita, Brie, Catania, de Brún, Figueiredo, Flasarová, Guerreiro, Guidoni, Henin, Kaufmann, Kohlíček, Liotard, McDonald, Markov, Maštálka, Meyer Pleite, Morgantini, Musacchio, Papadimoulis, Pflüger, Portas, Ransdorf, Remek, Rizzo, Seppänen, Strož, Svensson, Triantaphyllides, Uca, Wagenknecht, Wurtz, Zimmer

**IND/DEM:** Coûteaux, Louis

**NI:** Kilroy-Silk

**PPE-DE:** Mitchell, Záborská

**PSE:** De Keyser, El Khadraoui, Hutchinson, Wiersma

**UEN:** Foltyn-Kubicka, Janowski, Kuźmiuk, Roszkowski

**Verts/ALE:** van Buitenen, Hudghton, Smith

**12. Rapport Riis-Jørgensen A6-0240/2006****Proposta modifikata****Favur: 385**

**ALDE:** Andrejevs, Andria, Attwooll, Beaupuy, Birutis, Bourlanges, Bowles, Budreikaitė, Busk, Cappato, Chatzimarkakis, Cocilovo, Cornillet, Costa, Davies, Degutis, Deprez, De Sarnez, Dičkutė, Drčar Murko, Duff, Ek, Fourtou, Gentvilas, Geremek, Gibault, Guardans Cambó, Hall, Harkin, Hennis-Plasschaert, in 't Veld, Jääteenmäki, Jensen, Juknevičienė, Kacin, Karim, Klinz, Koch-Mehrin, Kułakowski, Lambsdorff, Laperrouze, Lax, Lehideux, Losco, Ludford, Lynne, Maaten, Manders, Matsakis, Morillon, Mulder, Newton Dunn, Onyszkiewicz, Ortuondo Larrea, Oviir, Pannella, Pistelli, Polfer, Prodi, Ries, Riis-Jørgensen, Sterckx, Susta, Szent-Iványi, Takkula, Toia, Väyrynen, Van Hecke, Veraldi, Virrankoski, Watson

**IND/DEM:** Bonde, Karatzaferis, Sinnott

**NI:** Belohorská, Bobošíková, Borghezio, Czarnecki Marek Aleksander, Czarnecki Ryszard, De Michelis, Martin Hans-Peter, Masiel, Piskorski, Rutowicz, Speroni

**PPE-DE:** Albertini, Antoniozzi, Audy, Ayuso González, Bachelot-Narquin, Barsi-Pataky, Bauer, Becsey, Belet, Bonsignore, Braghetto, Busuttil, Buzek, Carollo, Casa, Casini, Caspary, Castiglione, Cederschiöld, Chmielewski, Coelho, Daul, De Blasio, Descamps, Deß, De Veyrac, Díaz de Mera García Consuegra, Dimitrakopoulos, Doorn, Duka-Zólyomi, Ebner, Eurlings, Fatuzzo, Fernández Martín, Fjellner, Fontaine, Fraga Estévez, Friedrich, Gahler, Galeote, García-Margallo y Marfil, Gargani, Gaubert, Gauzès, Gawronski, Gklavakis, Glattfelder, Goepel, Gomolka, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gyürk, Handzlik, Hatzidakis, Herranz García, Herrero-Tejedor, Hieronymi, Höckmark, Hoppenstedt, Ibrisagic, Itälä, Járóka, Jeggel, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Kasoulides, Kauppi, Kelam, Klich, Konrad, Kratsa-Tsagaropoulou, Kuškis, Lamassoure, Landsbergis, Langen, Langendries, Lechner, Lewandowski, Liese, López-Istúriz White, Lulling, Maat, Marques, Martens, Mato Adrover, Matsis, Mavrommatis, Mayor Oreja, Méndez de Vigo, Millán Mon, Montoro Romero, Nassauer, van Nistelrooij, Novak, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Óry, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Peterle, Pieper, Píks, Pinheiro, Pirker, Podestà, Poettering, Pomés Ruiz, Posdorf, Posselt, Queiró, Quisthoudt-Rowohl, Rack, Radwan, Reul, Ribeiro e Castro, Rudi Ubeda, Rübig, Sartori, Saryusz-Wolski, Schmitt, Schöpflin, Schröder, Seeber, Siekierski, Silva Peneda, Sommer, Sonik, Spautz, Stauner, Stubb, Sudre, Szájer, Tajani, Thyssen, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Varela Suanzes-Carpegna, Vatanen, Veneto, Vernola, Vidal-Quadras, Vlasto, Weber Manfred, Weisgerber, Wortmann-Kool, Zappalà, Zatloukal, Zieleniec, Zwiefka

**PSE:** Andersson, Attard-Montalto, Batzeli, Beňová, Berès, Bono, Bullmann, Busquin, Calabuig Rull, Carlotti, Carnero González, Chiesa, Corbett, De Keyser, De Rossa, Désir, De Vits, Dobolyi, Douay, El Khadraoui, Estrela, Fazakas, Fernandes, Ferreira Anne, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierak, Glante, Gomes, Gottardi, Grabowska, Grech, Gröner, Groote, Gurmai, Guy-Quint, Hasse Ferreira, Haug, Hazan, Hedh, Hedkvist Petersen, Herczog, Hutchinson, Ilves, Jöns, Kindermann, Kinnock, Koterec, Krehl, Kreissl-Dörfler, Kuhne, Lambrinidis, Lavarra, Lehtinen, Leinen, Lévai, Locatelli, Madeira, Mañka, Mann Erika, Martínez Martínez, Matsouka, Mikko, Moscovici, Muscat, Napoletano, Obiols i Germà, Occhetto, Öger, Paasilinna, Pahor, Paleckis, Panzeri, Patrie, Piecyk, Pinior, Poignant, Rapkay, Riera Madurell, Rothe, Rouček, Roure, Sacconi, Sakalas, dos Santos, Savary, Schulz, Sifunakis, Siwiec, Stockmann, Swoboda, Szejna, Tabajdi, Tarabella, Tarand, Thomsen, Trautmann, Tzampazi, Van Lancker, Vaugrenard, Walter, Weiler, Westlund, Xenogiannakopoulou, Zani

**It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006**

**UEN:** Camre, Kamiński, Krasts, Kristovskis

**Verts/ALE:** Aubert, Beer, Bennahmias, Breyer, Cohn-Bendit, Cramer, Evans Jill, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein Mintz, Harms, Hassi, Horáček, Isler Béguin, Joan i Marí, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schlyter, Staes, Trüpel, Turmes, Voggenhuber, Zdanoka

**Kontra: 139**

**GUE/NGL:** Adamou, Agnoletto, Aita, Brie, Catania, de Brún, Figueiredo, Flasarová, Guerreiro, Henin, Kaufmann, Kohlčėk, Liotard, McDonald, Markov, Maštálka, Meijer, Meyer Pleite, Morgantini, Musacchio, Pafilis, Papadimoulis, Pflüger, Portas, Ransdorf, Remek, Seppänen, Sjöstedt, Strož, Svensson, Toussas, Triantaphyllides, Uca, Wagenknecht, Wurtz, Zimmer

**IND/DEM:** Batten, Belder, Blokland, Bloom, Booth, Clark, Coúteaux, Farage, Goudin, Grabowski, Knapman, Krupa, Louis, Natrass, Pėk, Piotrowski, Rogalski, Titford, Tomczak, Whittaker, Wise, Zapalowski

**NI:** Allister, Chruszcz, Claeys, Giertych, Gollnisch, Helmer, Kilroy-Silk, Lang, Le Pen Jean-Marie, Le Pen Marine, Martinez, Mólzer, Mote, Romagnoli, Schenardi, Wojciechowski Bernard Piotr

**PPE-DE:** Cabrnoc, Callanan, Coveney, Doyle, Duchoň, Ehler, Fajmon, Florenz, Garriga Polledo, Harbour, Higgins, Jarzembowski, Klamt, Lehne, McGuinness, Mann Thomas, Mayer, Mitchell, Nicholson, Ouzký, Pack, Seeberg, Škottová, Strejček, Vlasák, von Wogau, Zvěřina

**PSE:** Berger, Berman, Bösch, Bozkurt, Christensen, Corbey, Cottigny, Ettl, Evans Robert, Hamon, Jørgensen, Kristensen, Kuc, Laignel, Leichtfried, Mastenbroek, Prets, Rasmussen, Scheele

**UEN:** Angelilli, Aylward, Berlato, Crowley, Didžiokas, Foglietta, Foltyn-Kubicka, Janowski, Kuźmiuk, Libicki, Maldeikis, Musumeci, Ó Neachtain, Podkański, Roszkowski, Tatarella, Wojciechowski Janusz

**Verts/ALE:** Hudghton, Smith

**Astensjonijiet: 109**

**ALDE:** Alvaro, Carlshamre, Kraemer, Samuelsen, Savi, Staniszevska, Starkevičiūtė

**PPE-DE:** Ashworth, Atkins, Beazley, Berend, Böge, Bowis, Brejc, Brepoels, Březina, Bushill-Matthews, Chichester, Demetriou, Deva, Dover, Elles, Evans Jonathan, Ferber, Gál, Gała, Gewalt, Hannan, Heaton-Harris, Hennicot-Schoepges, Hudacký, Hybášková, Iturgaiz Angulo, Jackson, Jałowicki, Kamall, Kirkhope, Klab, Koch, Korhola, Lauk, McMillan-Scott, Mauro, Mikolášik, Pleštinská, Protasiewicz, Purvis, Schierhuber, Schnellhardt, Šťastný, Stevenson, Surján, Tannock, Van Orden, Varvitsiotis, Wieland, Záborská, Zaleski

**PSE:** Ayala Sender, Barón Crespo, Beglitis, van den Berg, Castex, Cercas, Correia, Díez González, Ferreira Elisa, Ford, Gill, Goebbels, Golik, Hänsch, Howitt, Hughes, McAvan, McCarthy, Martin David, Masip Hidalgo, Medina Ortega, Menéndez del Valle, Miguélez Ramos, Moraes, Moreno Sánchez, Myller, Peillon, Pittella, Pleguezuelos Aguilar, Reynaud, Salinas García, Sánchez Presedo, Schapira, Simpson, Skinner, Sornosa Martínez, Stihler, Titley, Vincenzi, Wiersma, Willmott, Zingaretti

**UEN:** Bielan, Muscardini, Pirilli, Vaidere, Zile

**Verts/ALE:** Auken, van Buitenen, Schmidt, Schroedter

**Korrezzjonijiet ta' vot**

**Favur:** Panagiotis Beglitis

**Astensjonijiet:** Richard Corbett

---

**TESTI ADOTTATI****P6\_TA(2006)0326****Miżuri speċifiċi fil-qasam tal-biedja favur il-gżejjer żgħar tal-baħar Eġew \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jstabilixxi miżuri speċifiċi fil-qasam tal-biedja favur il-gżejjer żgħar tal-baħar Eġew u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (COM(2006)0264 — C6-0232/2006 — 2006/0093(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0264) <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Parlament għe kkonsultat mill-Kunsill (C6-0232/2006),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0244/2006),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jimmodifika l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6\_TA(2006)0327****Miżuri speċjali biex jinkoraġġixxu t-tkabbir tad-dud tal-ħarir \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jstabilixxi miżuri speċjali biex jinkoraġġixxu t-tkabbir tad-dud tal-ħarir (verżjoni kkodifikata) (COM(2006)0004 — C6-0042/2006 — 2006/0003(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0004) <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu għe kkonsultat mill-Kunsill (C6-0042/2006),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0259/2006),
1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jiċħad it-test approvat mill-Parlament;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

**P6\_TA(2006)0328**

### **Eżenzjoni minn taxxi ta' importazzjoni ta' kunsinni żgħar ta' oġġetti \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-eżenzjoni minn taxxi ta' importazzjoni ta' kunsinni żgħar ta' oġġetti ta' natura mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi (verżjoni kkodifikata) (COM(2006)0012 — C6-0059/2006 — 2006/0007(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0012) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0059/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0258/2006),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni;
2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jiċħad it-test approvat mill-Parlament;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6\_TA(2006)0329**

### **Ħlas ta' taxxa fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-regolament (KE) nru 1788/2003 li jstabbilixxi l-ħlas ta' taxxa fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (COM(2006)0330 — C6-0234/2006 — 2006/0108(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0330) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0234/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0245/2006),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta mill-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

P6\_TA(2006)0330

## **Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Informat bil-quddiem għal ċerti kimiċi perikolużi \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Informat bil-quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (COM(2006)0250 — C6-0186/2006 — 2006/0080(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0250) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Informat bil-quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 u l-Artikolu 175(1), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema Trattat il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0186/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sigurta' ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0239/2006),

1. Japprova l-konklużjoni tal-konvenzjoni;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din il-pożizzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

P6\_TA(2006)0331

## **Rapport Speċjali dwar l-infiq fuq l-interpretazzjoni**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri Nru 5/2005: L-infiq fuq l-interpretazzjoni magħmul mill-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill (2006/2001(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri Nru 5/2005: L-infiq fuq l-interpretazzjoni magħmul mill-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill, flimkien mar-risposti ta' l-Istituzzjonijiet <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 248(4), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 276(3) u l-Artikolu 280(5) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0261/2006),

<sup>(1)</sup> ĠU C 291, 23.11.2005, p. 1.

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

### **Rispett għall-multilingwiżmu**

1. Jikkunsidra li l-multilingwiżmu hu wieħed mill-karatteristiċi ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea, li jenfasizza d-diversità kulturali u lingwistika u jiżgura trattament ugwali taċ-ċittadini ta' l-UE;
2. Jikkunsidra li l-multilingwiżmu jiggarantixxi d-dritt taċ-ċittadini li jikkomunikaw ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tagħha, b'hekk jagħmilha possibbli li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' kontroll demokratiku;
3. Jikkunsidra li s-servizzi lingwi ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE jiffaċilitaw il-komunikazzjoni, u li, fil-waqt li jagħmlu dan, l-istituzzjonijiet jibqgħu miftuħa għaċ-ċittadini ta' l-Ewropa;
4. Jikkunsidra li l-ispiża totali tas-servizzi lingwi kollha ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni f'daqqa, jirrappreżentaw biss 1 % tal-baġit totali ta' l-UE;
5. Jikkunsidra li r-Regoli ta' Proċedura tiegħu jistipulaw li l-Membri jistgħu jtkellmu fil-lingwa uffiċjali ta' l-għażla tagħhom u li interpretazzjoni għal-lingwi l-oħra tkun ipprovduta; jikkunsidra li, barra minn hekk, l-użu ta' lingwi uffiċjali hu rregolat mill-'Kodiċi tal-Kondotta fuq il-Multilingwiżmu' tiegħu, aġġornat fl-2004;
6. Jikkunsidra li l-multilingwiżmu hu espressjoni tad-diversità kulturali ta' l-UE, li trid tiġi mħarsa, u li, għalhekk, fil-waqt li n-numru jiżdied ta' lingwi uffiċjali jitlob soluzzjonijiet prammatiċi fix-xogħol preparatorju fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-multilingwiżmu jrid jiġi garantit biex jiżgura l-leġittimità u d-diversità ta' l-Unjoni Ewropea;

### **Rigward l-istituzzjonijiet kollha**

7. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-kwalità għolja ta' interpretazzjoni fl-istituzzjonijiet ta' l-UE; barra dan hu ta' l-opinjoni li l-kwalità għolja ta' interpretazzjoni trid tiġi evalwata u garantita kontinwament;
8. Jinnota li l-ispiża totali ta' interpretazzjoni fl-2003 kienet EUR 57 000 000 fir-rigward tal-Parlament Ewropew u EUR 106 000 000 fir-rigward tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat tar-Reġjuni u ta' xi aġenziji;
9. Hu, iżda, imħasseb ħafna li fl-2003 madwar 16 % (EUR 25 900 000) ta' l-ispejjeż totali ta' interpretazzjoni ta' EUR 163 000 000 kienu spejjeż għal servizzi pprovduti iżda mhux użati u għal arranġamenti ta' *stand-by*;
10. Hu ta' l-opinjoni li l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu sforz biex inaqqsu 'xogħol ta' *stand-by* impliċitu jew espliċitu', b'dawn l-arranġamenti jinvolvu EUR 18 000 000 li ntefqu fuq servizzi ta' interpretazzjoni pprovduti iżda mhux użati; jinnota li interpreti ta' riserva għandhom ikunu disponibbli għal laqgħat ad hoc mitluba f'ħin qasir;
11. Jistieden lill-amministrazzjoni tiegħu, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex itejbu l-koperazzjoni interistituzzjonali;
12. Jistieden lis-servizzi ta' interpretazzjoni tal-Parlament u tal-Kummissjoni, sabiex ikunu iktar effiċjenti, biex jagħmlu skambju ta' interpreti u joħolqu timijiet imħallta ta' interpretazzjoni, u biex jagħmlu possibbli l-użu ta' interpreti disponibbli fejn u meta jkunu mitluba sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet reali;
13. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw l-użu ta' 'interpreti lokali', fejn l-għaqda lingwistika tippermetti, u jenfasizza li d-disposizzjonijiet amministrattivi nazzjonali ma jridux ikunu ta' ostaklu; jinnota li trid tiġi garantita kwalità għolja ta' interpretazzjoni;
14. Jikkunsidra li l-Parlament u l-Kummissjoni għandhom jistabbilixxu deskrizzjoni fil-qosor tal-proporzjon uffiċjali/ free-lance għal kull lingwa fil-ħin għall-kwintanza ta' l-2006;

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrinforza, f'koordinazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra, il-koperazzjoni ma' Stati Membri fit-taħriġ ta' interpreti mill-pajjiżi rispettivi tagħhom;
16. Jistieden lill-istituzzjonijiet ta' l-UE biex jinneogzjaw mill-ġdid il-ftehim ma' l-Interpreti Awżiljarji tal-Konferenzi (ACI) rigward l-arranġamenti ta' l-ivvjaġġar, il-ħlas, il-koperazzjoni interistituzzjonali u s-simplifikazzjoni amministrattiva;
17. Jinnota s-sehem għoli ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni; iħeġġeġ lil organizzaturi ta' laqgħat u lil servizzi ta' interpretazzjoni biex inaqqsu l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni; jitlob għal koordinazzjoni, ippjanar u organizzazzjoni aħjar ta' arranġamenti ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni;

### **Rigward il-Parlament**

18. Jistenna lill-amministrazzjoni tiegħu tipprovdi l-estimi ta' l-ispiża totali medja ta' ġurnata ta' l-ACIs u ta' l-interpreti permanenti fil-ħin għar-rapport ta' kwittanza ta' l-2005;
19. Jinnota li l-ispiża sħiħa għal ġurnata ta' interpretazzjoni hi kważi 30% ogħla fil-Parlament milli fil-Kunsill jew fil-Kummissjoni, raġuni waħda tkun li wisq ftit interpreti lokali jistgħu jintużaw matul is-sessjonijiet ta' Strasburgu, li żżid l-ispejjeż ta' interpretazzjoni tal-Parlament fi Strasburgu bi 13%;
20. Jinnota r-rifjut tiegħu li jieħu parti fevalwazzjoni bil-ħsieb li jinħoloq uffiċċju interistituzzjonali li jipprovdi servizz ta' interpretazzjoni lill-istituzzjonijiet kollha, dan kien ġie kkunsidrat mill-Bureau fl-4 ta' Settembru 2005, bħala inkompatibbli ma' l-interessi tal-Parlament;
21. Jistieden lill-amministrazzjoni tiegħu biex tkompli tħejji b'reqqa rapporti ta' sessjonijiet rilevanti, u cioe rapporti mill-kap ta' tim ta' interpretazzjoni dwar l-użu attiv u passiv tal-lingwi waqt laqgħat tal-gruppi, tal-kumitati u tad-delegazzjonijiet, u biex tirrapporta lura dwar dak li tkun sabet fil-ħin għall-proċedura ta' kwittanza ta' l-2005;
22. Iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tiegħu biex iżżid l-għarfien tal-Membri dwar l-ispejjeż ta' interpretazzjoni; isaqsi jekk tagħmilx l-aħjar użu possibbli tal-profil tal-lingwa tal-Membri; jenfasizza li dan m'għandux iwassal għal klassifikazzjoni tal-lingwi uffiċjali ta' l-UE;
23. Ifakkar li, skond l-Artikolu 1 tal-Kodiċi tal-Kondotta fuq il-Multilingwiżmu tad-19 ta' April 2004, ir-riżorsi għandhom jiġu allokati fil-waqt li jingħata każ tal-ħtiġijiet reali ta' l-utenti;
24. Jistieden lill-amministrazzjoni tiegħu biex teżamina kif is-sistema ta' talba tal-Kunsill, is-sistema interna tal-ħruġ tal-kontijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa, jew is-sistema ta' kwota għall-interpretazzjoni tal-UNESCO tista' tintuża mill-Parlament;
25. Jinnota li fl-2003, nefaq EUR 4 000 000 fuq servizzi ta' interpretazzjoni li saru disponibbli iżda ma ntużawx minħabba talbiet li saru tard jew tħassir; jitlob li t-tħassir fl-aħħar minuta u t-talbiet fl-aħħar minuta jkunu skuraġġiti; barra minn hekk jistieden lis-servizzi ta' interpretazzjoni biex ikunu iktar flessibbli fis-sistema tagħhom ta' ppjanar u ta' talba;
26. Jistieden lill-entitajiet responsabbli tiegħu biex jadattaw il-kalendarju tal-ġimgħat ta' sessjoni tal-kumitati, tal-gruppi u tas-sessjonijiet plenarji biex jintlaħaq bilanċ aħjar bejn il-ħtiġijiet u r-riżorsi disponibbli;

\*

\* \*

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.



It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

P6\_TA(2006)0332

### Fondi għall-għieda kontra t-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti \*\*\*I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fondi multi-annwali għall-azzjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima għat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 (COM(2005)0210 — C6-0153/2005 — 2005/0098(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0210) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skond liema trattat il-Kummissjoni ippreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0153/2005),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0184/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jirrimarka li l-appropriazzjonijiet allokat li l-Aġenzija indikata fil-proposta tal-Kummissjoni għandhom ikunu kompatibbli mal-limiti massimi totali għal aġenziji deċentralizzati stabbiliti fil-prospettivi finanzjarji 2007-2013;
3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex, ladarba tkun ġiet adottata l-prospettiva finanzjarja li jmiss, tikkonferma l-ammonti indikati fil-proposta għal regolament jew, jekk ikun il-każ, sabiex tippreżenta l-ammonti aġġustati għal approvazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, sabiex b'hekk tiżgura li daww l-ammonti huma kompatibbli mal-limiti massimi;
4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tissostitwiha b'test ieħor;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6\_TC1-COD(2005)0098**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' Settembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru ... /2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dwar finanzjament pluriennali għall-azzjonijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-rispons għal tniġġis ikkawżat minn bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Ċerti ftehim bilaterali u reġjonali konklużi bejn stati tal-kosta, bħal ma huma l-Konvenzjoni ta' Helsinki u dik ta' Barċellona ta' l-1992 u l-1976 rispettivament, jipprovdu għal assistenza reċiproka fil-każ ta' inċident ta' tniġġis marittimu.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") bl-iskop li jkun assigurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima u jkun hemm prevenzjoni ta' tniġġis mill-bastimenti.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 724/2004, li emenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002, ta lill-Aġenzija kompiti ġodda fil-qasam tal-prevenzjoni tat-tniġġis u tar-rispons għal tniġġis ikkawżat minn bastimenti, b'rispons għall-aċċidenti reċenti filmijiet Komunitarji, b'mod partikolari dawk tat-tankers taż-żejt "Erika" u "Prestige".
- (4) Għall-finijiet li jiġu implimentati dawn il-kompiti ġodda ta' prevenzjoni tat-tniġġis u rispons għat-tniġġis, il-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija adotta fit-22 ta' Ottubru 2004 Pjan ta' Azzjoni għal Preparazzjoni u Rispons għat-Tniġġis miż-Żejt, li jiddetermina l-attivitajiet ta' l-Aġenzija bħala rispons għat-tniġġis miż-żejt u huwa maħsub għall-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Aġenzija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni").
- (5) L-azzjoni ta' rispons kontra t-tniġġis ta' l-Aġenzija, kif iddefinita fil-Pjan ta' Azzjoni, hi marbuta ma' l-attivitajiet fl-oqsma ta' l-informazzjoni, tal-koperazzjoni u tal-koordinazzjoni u fuq kollox ma' l-għoti ta' assistenza operazzjonali lill-Istati Membri billi jingħataw, fuq talba, bastimenti addizzjonali kontra t-tniġġis biex jiġġieldu kontra t-tniġġis taż-żejt u tipi oħra ta' tniġġis, bħal dak ikkawżat minn sustanzi perikolużi u li jaġhmlu l-ħsara. L-Aġenzija għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dawk iż-żoni identifikati bħala l-aktar vulnerabbli mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe żona oħra fil-bżonn.
- (6) L-attivitajiet ta' l-Aġenzija f'dan il-qasam m'għandhomx jeżoneraw lill-Istati tal-kosta mir-responsabbiltà tagħhom li jkollhom għal-lest mekkaniżmi xierqa għal rispons għat-tniġġis u għandhom jirrispettaw arranġamenti eżistenti ta' koperazzjoni bejn Stati Membri jew bejn gruppi ta' Stati Membri f'dan il-qasam. Fil-każ ta' inċident ta' tniġġis marittimu, l-Aġenzija għandha tgħin lill-Istat(i) Membru/i affettwati, u l-operazzjoni ta' tindif għandha titmexxa taħt l-awtorità ta' dan/dawn l-Istat(i) Membru/i.
- (7) Skond il-Pjan ta' Azzjoni, l-Aġenzija għandha jkollha rwol attiv fl-iżvilupp ta' servizz ċentralizzat ta' immaġni bis-satellita għas-sorveljanza, is-sebien bikri ta' tniġġis u l-identifikazzjoni tal-bastimenti responsabbli. Din is-sistema ġdida ttejjeb id-disponibbiltà tad-data u l-effettività tar-rispons għat-tniġġis ikkaġunat minn bastimenti.
- (8) Il-mezzi addizzjonali li għandhom jiġu provduti mill-Aġenzija lill-Istati Membri għandhom ikunu disponibbli permezz tal-mekkaniżmu Komunitarju fil-qasam ta' l-interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili, inkluż it-tniġġis tal-baħar aċċidentali, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom <sup>(4)</sup>.
- (9) Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni bir-reqqa tal-Pjan ta' Azzjoni u jissaħħu l-prevenzjoni u r-rispons għat-tniġġis ikkaġunat minn bastimenti billi jiżdiedu l-attivitajiet attwali ta' kontra t-tniġġis, l-Aġenzija għandha tkun provduta b'sistema vijabbli u effettiva f'sens ta' nfiq biex tiffinanzja, b'mod partikolari, l-assistenza għall-operazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> ĠU C 28, 3.2.2006, p. 16.

<sup>(2)</sup> Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Settembru 2006.

<sup>(3)</sup> ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħjar bir-Regolament (KE) Nru 724/2004 (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 1).

<sup>(4)</sup> ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7.

**It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006**

- (10) Huwa għaldaqstant meħtieġ li tkun provduta sigurtà finanzjarja xierqa għall-iffinanzjar tal-kompiti mogħtija lill-Aġenzija fil-qasam tar-rispons għat-tniġġis u azzjonijiet oħrajn marbuta ma' dan fuq il-bażi ta' impenn pluriennali. L-ammonti annwali tal-kontribuzzjoni Komunitarja għandhom jiġu determinati skond il-proċeduri applikabbli.
- (11) L-ammonti li għandhom jiġu impenjati biex jinħarġu fondi għar-rispons kontra t-tniġġis għandhom ikopru l-perjodu mill-2007 sal-2013 skond il-qafas finanzjarju l-ġdid.
- (12) Għandu għaldaqstant jiġi provdut pakkett finanzjarju ta' referenza li jkopri l-istess perjodu għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.
- (13) Jeħtieġ li l-ammont ta' dak il-pakkett jitqies bħala l-minimu meħtieġ sabiex jitwettqu l-kompiti fdati lill-Aġenzija fil-qasam tar-rispons għat-tniġġis ikkaġunat minn bastimenti.
- (14) Sabiex ikun hemm l-aħjar allokkazzjoni ta' l-impenji u jitqiesu kwalunkwe tibidliet li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet bħala rispons għal tniġġis ikkaġunat minn bastimenti, jeħtieġ li jkun żgurat monitoraġġ kontinwu tal-bżonnijiet partikolari għal azzjoni sabiex ikun hemm lok għal addattament ta' l-impenji finanzjarji annwali.
- (15) Il-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija għandu għaldaqstant jirrivedi l-impenji baġitarji, fuq il-bażi ta' rapport li għandu jsir mid-Direttur Eżekuttiv, biex jinkludi l-aġġustamenti meħtieġa fil-baġit ta' l-Aġenzija. Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandu għaldaqstant jiġi emendat skond dan,

**ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:****Artikolu 1****Għan**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-kontribut finanzjarju tal-Komunità għall-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għall-implimentazzjoni tal-kompiti mogħtija lilha fil-qasam tar-rispons għat-tniġġis ikkawżat minn bastimenti u azzjonijiet oħrajn marbuta ma' dan, skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

**Artikolu 2****Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- a) "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.
- b) "ftehim reġjonali" tfisser kull ftehim bilaterali u reġjonali konkluż bejn l-Istati tal-kosta sabiex jagħtu assistenza lil xulxin fil-każ ta' inċident ta' tniġġis marittimu.
- c) "żejt" tfisser petroljum fi kwalunkwe forma inkluż żejt mhux raffinat, żejt kombustibbli, ħama, skart ta' żejt u prodotti raffinati kif stabbilit mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Preparazzjoni, Rispons u Koperazzjoni għat-Tniġġis miż-Żejt, 1990.
- d) "sustanzi perikolużi u li jagħmlu l-ħsara" tfisser kwalunkwe sustanza apparti ż-żejt li, jekk tiġi introdotta fl-ambjent tal-baħar, x'aktarx li toħloq perikli għas-saħħa tal-bniedem, tagħmel ħsara lir-riżorsi ħajjin u lill-ħajja fil-baħar, tagħmel ħsara lil faċilitajiet jew tinterferixxi ma' użi leġittimi oħra tal-baħar, kif stabbilit mill-Protokoll dwar Preparazzjoni, Rispons u Koperazzjoni għal Inċidenti ta' Tniġġis minn Sustanzi Perikolużi u Li Jagħmlu l-ħsara, 2000.

## Artikolu 3

## Kamp ta' Applikazzjoni

Il-kontribut finanzjarju tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun allokat lill-Aġenzija bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet bħal dawk imsemmija fil-Pjan ta' Azzjoni u, b'mod partikolari, dawk li għandhom x'jaqsmu ma':

- a) informazzjoni u l-ġbir flimkien, l-analiżi u t-tixrid ta' l-aħjar prattiki, tekniki u innovazzjonijiet, bħal ma huma strumenti li jimmonitorjaw it-tbattil ta' tankijiet, fil-qasam tar-rispons għat-tniġġis ikkaġunat minn bastimenti,
- b) kooperazzjoni u koordinazzjoni u l-għoti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ta' assistenza teknika u xjentifika fil-qafas ta' l-attivitajiet tal-ftehim reġjonali rilevanti,
- c) assistenza għal operazzjonijiet u appoġġ, fuq talba, b'mezzi addizzjonali, bħal bastimenti u tagħmir kontra t-tniġġis lesti għall-azzjoni, għall-azzjonijiet ta' rispons għat-tniġġis ta' l-Istati Membri fil-każ ta' tniġġis aċċidentali jew maħsub ikkaġunat minn bastimenti.

## Artikolu 4

## Finanzjament Komunitarju

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 154 000 000.

Approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu determinati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju. F'dan ir-rigward, l-iffinanzjar meħtieġ ta' l-assistenza operazzjonali lill-Istati Membri skond l-Artikolu 3(c) għandu jiġi garantit.

## Artikolu 5

## Monitoraġġ ta' kapaċitajiet eżistenti

Sabiex jiġu definiti r-rekwiżiti għal assistenza operazzjonali, bħal bastimenti addizzjonali kontra t-tniġġis, li għandhom jiġu pprovduti mill-Aġenzija lill-Istati Membri, l-Aġenzija għandha tfassal fuq bażi regolari lista tal-mekkaniżmi tal-privat u ta' l-Istat ta' rispons għat-tniġġis u ta' kapaċità ta' rispons disponibbli fir-reġjuni varji ta' l-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 6

## Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jassiguraw li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali, permezz ta' kontrolli effettivi u bl-irkupru ta' kwalunkwe ammonti mħallsin mhux kif dovut u, fejn jinstabu xi irregolaritajiet, b'penali effettivi, proporzjonali u dissważivi, skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95<sup>(1)</sup> u (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>(2)</sup>, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(3)</sup>.

2. Għall-azzjonijiet tal-Komunità ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser il-ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew nuqqas minn operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew baġits amministrati minnha, minħabba nefqa mhux iġġustifikata.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki fuq il-post u spezzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej mill-frodi u irregolaritajiet oħrajn (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

<sup>(3)</sup> Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet kondotti mill-Uffiċju Ewropew għal Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.).

**It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006**

3. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija, kull waħda minnhom fl-isfera tal-kompetenza rispettiva tagħha, għandhom jiżguraw li jinkiseb l-aħjar valur meta mqabbel ma' l-ammont minfuq fl-iffinanzjar ta' l-azzjonijiet tal-Komunità skond dan ir-Regolament.

## Artikolu 7

## Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1406/2002

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 10(2):

"l) jirriveđi l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat imsemmi f'(k) u l-impenji baġitarji previsti fir-Regolament (KE) Nru... /2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar finanzjament pluriennali għall-azzjonijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-rispons għal tniġġis ikkaġunat minn bastimenti (\*) abbażi tar-rapport stipulat fl-Artikolu 15(2)(g) ta' dan ir-Regolament. Din ir-reviżjoni għandha ssir meta jinħareġ ir-rendikont ta' l-estimi tad-dħul u n-nefqa ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li jkun imiss, kif previst fl-Artikolu 18(5) ta' dan ir-Regolament.

(\*) ĠU L ..."

(b) Il-punt li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 15(2):

"g) huwa għandu jressaq rapport lill-Kummissjoni u lill-Bord Amministrattiv, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija għall-istat ta' preparazzjoni u għall-attivitajiet ta' rispons għat-tniġġis u jaġhti aġġornament ta' l-istatus ta' kull azzjoni ffinanzjata skond dak il-pjan. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta dan ir-rapport għall-finijiet ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 2001/792/KE, Euratom."

## Artikolu 8

## Evalwazzjoni f'nofs iż-żmien

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta mill-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux iktar tard minn ... (\*). Ir-rapport, li għandu jiġi stabbilit bla ħsara għall-irwol tal-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija, għandu jaġhti r-risultati ta' l-użu tal-kontribut Komunitarju kif imsemmi fl-Artikolu 4 dwar is-somom impenjati u n-nefqa li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2009.

Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippromponi emendi għal dan ir-Regolament sabiex jitqies il-progress xjentifiku fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis mill-bastimenti, inkluż dak ikkaġunat miż-żejt jew minn sustanzi perikolużi u li jaġhmlu l-ħsara.

## Artikolu 9

## Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President

Għall-Kunsill  
Il-President

(\*) Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

P6\_TA(2006)0333

**Il-ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne) 2007–2013 \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta u l-proposta emendata għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi għal perijodu 2007-2013 il-Programm speċifiku “Il-ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne)” bħala parti mill-programm ġenerali “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja” (COM(2005)0122 — COM(2006)0230 — C6-0388/2005 — 2005/0037A(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0122) <sup>(1)</sup> u l-proposta emendata (COM(2006)0230),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 152 tat-Trattat KE, skond liema Trattat il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0388/2005),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, l-Ġustizzja u l-Intern (A6-0193/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirreferi għal darb'oħra l-kwistjoni lill-Parlament jekk għandha l-intenzjoni li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tissostitwiha b'test ieħor;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6\_TC1-COD(2005)0037A**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' Settembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm speċifiku “Il-ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne III) u l-prevenzjoni tad-droga u l-informazzjoni dwarha” għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja”**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 152 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni <sup>(2)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(3)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU C 69, 21.3.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 192, 16.8.2006, p. 25.

<sup>(3)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Settembru 2006.

## It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

Billi:

- (1) It-Trattat jistabbilixxi li fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u ta' l-attivitajiet kollha tal-Komunità għandu jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni saħħa tal-bniedem; l-Artikolu 3(1)(p) tat-Trattat jitlob li tittieħed azzjoni Komunitarja biex tiġi inkluża kontribuzzjoni sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa.
- (2) L-azzjoni Komunitarja għandha tikkomplementa l-politiki nazzjonali *maħsuba sabiex tittejjeb is-saħħa pubblika, biex jitwarrbu l-għejun ta' periklu għal saħħet il-bniedem.*
- (3) Il-vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika *kontra* it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa, inkluż *theddud tat-twerttiq ta' dawn l-atti, sfurzar jew tneħħija arbitrarja tal-libertà, kemm jekk fil-ħajja pubblika kif ukoll privata, u b'mod partikulari, l-ittraffikar ta' persuni u l-prostituzzjoni sfurzata*, jikkostitwixxu ksur tad-dritt tagħhom għall-ħajja, għas-sigurtà, għal-libertà, għad-dinjità u għall-integrità fiżika u emozzjonali tagħhom u theddud serju għas-saħħa fiżika u mentali tal-vittmi ta' din il-vjolenza. L-effetti ta' din il-vjolenza, li huma tant imxerredin fil-Komunità kollha, jikkostitwixxu **ksur tad-drittijiet tal-bniedem u joħlqu problema serja tas-saħħa u ostaklu għat-tgawdija ta' ċittadinanza sigura, ħielsa u ġusta.**
- (4) ***It-tradizzjonijiet u l-prattiki kulturali assoċjati ma' l-eżerċizzju tal-vjolenza fiżika fuq in-nisa, bħal mutilazzjoni ġenitali u r-reati għall-unur, jikkostitwixxu forma partikulari ta' vjolenza fuq in-nisa b'effetti detrimental fuq perjodu ta' żmien qasir u fuq perjodu ta' żmien fit-tul fuq is-saħħa tagħhom, waqt li l-vittmi prinċipali huma membri ta' komunitajiet ta' minoranza.***
- (5) L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tiddefinixxi s-saħħa bħala stat ta' benesseri fiżiku, mentali u soċjali sħiħ u mhux biss in-nuqqas ta' mard *jew saħħa*. Skond rizzoluzzjoni ta' l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa ta' l-1996, il-vjolenza hija problema ewlenija tas-saħħa pubblika fid-dinja kollha. Fir-rapport tagħha dwar il-vjolenza u s-saħħa tat-3 ta' Ottubru 2002 l-organizzazzjoni tirrikmanda li jiġu promossi r-reażjonijiet ewlenin għall-prevenzjoni, li jissaħħu r-reażjonijiet għall-vittmi tal-vjolenza u li jżiedu l-kollaborazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza.
- (6) Dawn il-prinċipji huma rikonoxxuti f'bosta konvenzjonijiet, dikjarazzjonijiet u protokoll ta' l-organizzazzjonijiet u ta' l-istituzzjonijiet internazzjonali ewlenin bħall-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol, il-Konferenza Dinjija dwar in-Nisa u l-Kungress Dinji kontra l-Isfruttament Sesswali Kummerċjali tat-Tfal.
- (7) ***Il-ġlieda kontra l-vjolenza għandha tkun stabbilita fil-kuntest tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, kif garantiti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea<sup>(1)</sup>, li tafferma mill-ġdid, inter alia, id-drittijiet għad-dinjità, għall-ugwaljanza u għas-solidarjetà. Tinkludi numru ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni u l-inkoraġġiment ta' l-integrità fiżika u mentali, it-trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa, id-drittijiet tat-tfal u n-non-diskriminazzjoni, kif ukoll il-projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti, l-iskjavità u x-xogħol sfurzati, u x-xogħol tat-tfal. Tafferma mill-ġdid li għandu jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni għal saħħet il-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u ta' l-attivitajiet Komunitarji kollha.***
- (8) Il-Parlament Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni biex tfassal u timplimenta programmi ta' azzjoni biex jegħlbu din il-vjolenza, *inter alia*, fir-Rizzoluzzjonijiet tiegħu tad-19 ta' Mejju 2000 *dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew*. "Għal aktar azzjonijiet fil-ġlieda kontra t-traffikar tan-nisa"<sup>(2)</sup>, *ta' l-20 ta' Settembru 2001 dwar il-mutilazzjoni ta' l-organi ġenitali tan-nisa<sup>(3)</sup>, tas-17 ta' Jannar 2006 dwar strateġiji għal prevenzjoni tat-traffikar ta' nisa u ta' tfal li huma vulnerabbli għall-isfruttar sesswali<sup>(4)</sup>, u tat-2 ta' Frar 2006 dwar is-sitwazzjoni attwali fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u dwar kwalunkwe azzjoni fil-futur<sup>(5)</sup>.*
- (9) Il-programm ta' azzjoni Komunitarja (*il-programm Daphne*) (*mill-2000 sa l-2003*) *dwar miżuri preventivi biex tingħeleb il-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa<sup>(6)</sup>* stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 293/2000/KE, *għen* biex jiżied l-għarfien ġewwa l-Unjoni Ewropea u tiżied u tissaħħaħ il-koooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet fl-Istati Membri li huma attivi fil-ġlieda kontra l-vjolenza.

<sup>(1)</sup> ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU C 59, 23.2.2001, p. 307.<sup>(3)</sup> ĠU C 77 E, 28.3.2002, p. 126.<sup>(4)</sup> *Għadha mhix pubblikata fil-ĠU.*<sup>(5)</sup> ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1.

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

- (10) Il-programm ta' azzjoni Komunitarja (mill-2004 sa l-2008) għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u għall-protezzjoni tal-vittmi u l-gruppi li jinsabu friskju (il-programm Daphne II)<sup>(1)</sup> stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE, żviluppa aktar ir-riżultati miksuba diġà mill-programm Daphne; skond l-Artikolu 8(2) tiegħu l-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi meħtieġa biex tara li jkun hemm konsistenza bejn l-approprijazzjonijiet annwali u l-qafas finanzjarju l-ġdid.
- (11) Huwa mixtieq li tkun żgurata l-kontinwità għall-proġetti sostnuti mill-programmi Daphne u Daphne II.
- (12) Huwa importanti u neċessarju li jiġu rikonoxxuti l-implikazzjonijiet serji immedjati u dawk fit-tul tal-vjolenza **fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa** għas-saħħa **fiżika u mentali**, għall-iżvilupp psikoloġiku u dak soċjali u għall-opportunitajiet indaqs għal dawk ikkonċernati, għall-individwi, il-familji u l-komunitajiet u l-ispejjeż għolja soċjali u ekonomiċi għas-soċjetà b'mod ġenerali.
- (13) **Huwa meħtieġ li jkun rikonoxxut li xi gruppi, b'mod partikulari nisa li jappartjenu għal gruppi ta' minoranza, nisa rifuġjati, nisa emigranti, nisa li jgħixu fil-faqar f'komunitajiet rurali jew remoti, nisa f'istituzzjonijiet jew f'detenzjoni, tfal bniet, nisa lisbjani, nisa b'diżabbiltajiet, u nisa anzjani, huma vulnerabbli għal vjolenza.**
- (14) **Għandhom jitqiesu mhux biss tfal li huma suġġetti b'mod dirett għal vjolenza iżda wkoll tfal li huma xhieda ta' vjolenza fuq omnijiethom bħala vittmi ta' vjolenza bi qbil ma' dan il-programm.**
- (15) Dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza, inkluż **il-maltrattament ta' trabi jew** l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, taż-żgħażaġh u tan-nisa u l-protezzjoni tal-vittmi u tal-gruppi li jinsabu friskju, l-Unjoni Ewropea **ser** tagħti valur miżjud lill-azzjonijiet li **prinċipalment** għandhom jieħdu l-Istati Membri b'dawn il-mezzi li ġejjin: it-tixrid u l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-esperjenza u l-prattiki tajba; il-promozzjoni ta' l-strateġija ta' tiġdid; **l-inklużjoni ta' mudelli ġodda ta' familji**, it-twaqqif konġunt tal-prijoritajiet; l-iżvilupp ta' networking, **mhux inqas biex jappoġġja lill-vittmi ta' vjolenza sesswali, psikoloġika jew fiżika u lill-gruppi friskju**; kif jixraq; l-għażla ta' proġetti fi ħdan il-Komunità; u l-motivazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-partijiet kollha konċernati. Dawn l-azzjonijiet għandhom **jikkonċernaw** ukoll lit-tfal u lin-nisa miġjuba fl-Istati Membri permezz tat-traffikar tal-bnedmin.
- (16) **L-objettiv ġenerali tal-miżuri ta' l-Unjoni Ewropea kontra l-vjolenza huwa li jkunu evitati u miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza biex ikun eliminat dan ir-reat kif ukoll il-ksur flagranti tad-drittijiet tal-bniedem b'mod sħiħ. Jinħtieġu miri ċari u kredibbli biex jinkiseb dan l-objettiv.**
- (17) Il-Federazzjoni Ewropea għal Tfal Nieqsa u Sfruttati Sesswalment tiġbor fuq livell Ewropew lill-Organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) differenti li jaħdmu dwar il-problema ta' l-għejbien u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Il-Federazzjoni tqajjem l-għarfien u tiġġieled kontra l-fenomeni ta' tfal nieqsa jew sfruttati sesswalment billi tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn organizzazzjonijiet Ewropej biex jinstab mod aktar effiċjenti kif tiġi trattata l-problema, tqanqal il-ħolqien ta' ċentru ta' studju Ewropew sabiex jiċċentralizza u janalizza data li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-fenomeni u tippromwovi u ttwettaq attivitajiet biex titjieb il-qagħda ta' minorenni, vittmi ta' għajbien u/jew abbuż sesswali, u biex tibdel in-normi legali, il-mentalità u l-imġiba fl-Ewropa.
- (18) **Il-programm irid jagħti attenzjoni għas-sitwazzjoni tat-tfal fit-toroq — sitwazzjoni li qed issir drammatika peress li t-tfal fit-toroq mhux biss huma vittmi ta' traffikanti ta' droga u ta' persuni, iżda jsofru wkoll abbużi sesswali u vjolenti. Huwa meħtieġ programm li jipprovdi soluzzjonijiet għal problemi soċjali u familjari u jqis il-ħtiġijiet ta' dawn it-tfal biex isseħħ l-integrazzjoni mill-ġdid ta' dawn it-tfal fis-soċjetà.**
- (19) **In-Network Ewropew ta' Ombudspersone għat-Tfal (ENOC) jgħaqqad l-istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet tat-tfal f'24 Stat Membru tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Il-miri tiegħu huma li jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni bl-iktar mod sħiħ possibbli tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tat-Tfal, biex jappoġġja l-lobbying kollettiv għad-drittijiet tat-tfal, biex jaqsam l-informazzjoni, l-approċċi u l-istrateġiji, u biex jippromwovi l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet indipendenti effettivi għat-tfal.**

(<sup>1</sup>) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1.



## It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

- (20) L-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri li tipprevjeni u tikkumbatti l-forom kollha ta' vjolenza fuq itfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u l-prevenzjoni tad-droga u l-informazzjoni dwarha ma jstgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri minħabba l-ħtieġa għal skambju ta' informazzjoni fuq livell ta' UE u għat-tixrid ta' prattika tajba fil-Komunità kollha. Dan jista' jinkiseb aħjar fuq livell Komunitarju. Minħabba l-ħtieġa għal strateġija koordinata u multidixxiplinari u minħabba d-daqs jew l-impatt ta' l-inizjattiva, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.
- (21) Għandhom ukoll jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jinġabru lura l-fondi mitlufin, imħallsa b'mod żbaljat u użati b'mod mhux korrett.
- (22) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi *pakkett* finanzjarju għal matul il-programm kollu li għandu jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fis-sens tal-punt 33 tal-Ftehim *Inter istituzzjonali* tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina *tal-baġit u tmexxija finanzjarja solida, għall-awtorità tal-baġit matul il-proċedura annwali tal-baġit* <sup>(1)</sup>.
- (23) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(2)</sup>, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju", u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(3)</sup>, li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom jiġu applikati, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-prinċipji tas-sempliċità u tal-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti għall-baġit, limitazzjoni fuq in-numru tal-każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tagħhom, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv relatat ma' l-użu tagħhom.
- (24) Ir-Regolament Finanzjarju jeħtieġ li jiġi provdut b'att bażiku biex ikopri l-għotjiet operattivi.
- (25) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni <sup>(4)</sup>, il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati bl-użu tal-proċedura ta' konsultazzjoni stipulata fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni. Dan huwa xieraq minħabba li l-programm m'għandux impatt sinifikanti fuq il-baġit Komunitarju.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

#### Artikolu 1

#### **Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

- Filwaqt li tibni fuq il-politiki u l-obiettivi stipulati fil-programmi Daphne u Daphne II**, din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-programm **speċifiku** "Il-Ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne III)", minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-programm", bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", biex **jip-provdi liċ-ċittadini Ewropej b'żona** ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja **mingħajr frontieri interni**.
- Il-programm għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. **Il-programm jista' jkun estiż.**

#### Artikolu 2

#### **Definizzjonijiet**

- Għall-iskopijiet tal-programm, it-terminu 'tfal' ikopri l-etajiet minn 0 sa 18-il sena, bi qbil ma' l-istrumenti internazzjonali dwar id-drittijiet tat-tfal.**
- Madankollu, proġetti b'azzjonijiet imfassla b'mod partikulari għal gruppi benefiċjarji bħal, pereżempju, "adoloxxenti" (minn 13 sa 19-il sena) jew persuni minn 12 sa 25 sena, għandhom jitqiesu li qed jimmiraw għall-kategorija ta' "persuni żgħażaġh".**

<sup>(1)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. *Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1248/2006 (ĠU L 227, 19.8.2006, p. 3).*

<sup>(4)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. *Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).*

## Artikolu 3

## L-għanijiet ġenerali

1. Dan il-programm għandu jkollu l-għanijiet ġenerali li ġejjin:
  - a) jikkontribwixxi **għaż-żamma u għall-iżvilupp** ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-Komunità Ewropea billi jiġġieled **u jevita** l-vjolenza **fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u jiproteġi vittmi u gruppi friskju;**
  - b) jiproteġi **t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa** kontra l-vjolenza u biex jakkwista livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa **fiżika u mentali**, għal benessri u għall-koezzjoni soċjali.
  
2. Bla ħsara għall-għanijiet u s-setgħat tal-Komunità Ewropea, l-għanijiet ġenerali tal-programm għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika komunitarja u b'mod aktar speċifiku, għal dawk relatati mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, **b'mod speċjali fir-rigward tat-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa, ta' l-ugwaljanza tas-sessi, tal-ġlieda kontra l-vjolenza domestika, tal-ġlieda kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sessi f'sitwazzjonijiet ta' konflitt**, il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali, **u l-ġlieda kontra l-mutilazzjoni ġenitali femminili.**

## Artikolu 4

## L-għanijiet speċifiċi

Il-programm għandu jkollu l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

- a) *jevita* u jikkumbatti l-forom kollha ta' vjolenza li jseħħu fil-pubbliku jew fil-privat kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa billi jittieħdu miżuri preventivi u jingħata appoġġ **u protezzjoni** lill-vittmi u lill-gruppi li jinsabu friskju b'dawn il-mezzi li ġejjin:
  - jgħin u jinkoraġġixxi lil NGOs, **korpi**, organizzazzjonijiet **u assoċjazzjonijiet** attivi fil-protezzjoni mill-vjolenza u l-prevenzjoni tagħha, **fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa**, u jgħin lill-vittmi, **kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew u f'pajjiżi terzi;**
  - **ikompli jipprovdi servizz ta' helpdesk** lil NGOs u lill-organizzazzjonijiet **oħrajn biex jgħinjom ifasslu l-proġetti tagħhom u biex jiġu f'kuntatt ma' msieħba oħrajn;**
  - **jistabbilixxi istituzzjoni ta' riċerka biex tipprovdi linjigwida lill-Kummissjoni dwar il-kuntest politiku, soċjali u kulturali fir-rigward ta' l-għażla tal-proġetti u ta' azzjonijiet kumplementari. L-istituzzjonii ta' riċerka għandha tinkludi rappreżentanti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew kif ukoll rappreżentanti ta' l-NGOs ewlenin fil-qasam;**
  - jiżviluppa u jimplementa azzjonijiet li jqajmu għarfien u li huma mmirati lejn udjenzi speċifiċi, **pereżempju professjonijiet speċifiċi, sezzjonijiet speċifiċi tal-popolazzjoni u l-awturi tal-vjolenza**, biex jifasslu materjali li jiżiedu ma' dawk diġà disponibbli, jew inkella jiġu adattati jew użati l-materjali eżistenti f'żoni ġeografiċi oħrajn jew għal gruppi oħrajn li għalihom huma maħsuba dawn l-azzjonijiet;
  - **jipromwovi s-Sena Ewropea kontra l-vjolenza fuq in-nisa u biex jappoġġja l-attivitajiet relatati ma' l-avveniment;**
  - **jieħu miżuri mmirati lejn in-nisa li huma membri ta' komunitajiet speċifiċi f'sens kulturali jew ta' gruppi etniċi ta' minoranza u lejn il-forom speċifiċi ta' vjolenza li dawn in-nisa jiltaqgħu magħhom;**
  - **jiżviluppa u jimplementa azzjonijiet biex jintegra mill-ġdid fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja soċjali lil vittmi tal-vjolenza;**
  - **iwettaq riċerka dwar il-kawżi u s-sitwazzjoni attwali tat-traffikar ta' nisa u tfal għall-iskopijiet ta' sfruttar sesswali, u biex iwettaq kampanji effettivi ta' tagħrif għal pubbliku dwar dan is-suġġett;**
  - **jibni fuq l-oġġettivi u l-azzjonijiet speċifiċi taż-żewġ programmi Daphne u jxerred ir-riżultati miksuba taħthom**, inkluż l-adattament, it-trasferiment u l-użu tagħhom minn benefiċjarji oħrajn jew f'żoni ġeografiċi oħrajn;

## It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

- *jidentifika* u jtejjeb l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-trattament pożittiv **u għall-integrazzjoni mill-ġdid ta' tfal, iżgħażaġh u nisa li huma vittmi ta' vjolenza u/jew huma** friskju minn vjolenza, jiġifieri li jinkoraġġixxi rispettt għalihom u jippromwovi l-benesseri u l-iżvilupp tal-personalitá tagħhom;
  - **ihjeji u jwettaq azzjonijiet imfassla speċifikament għal gruppi friskju biex ikun evitat l-abbuż fuq it-trabi ġodda;**
  - **jitfasslu u jitwettqu azzjonijiet iddisinjati b'mod speċifiku għal gruppi fir-riskju, per eżempju t-tfal fit-toroq;**
  - **jiffoka l-appoġġ b'mod partikulari fuq il-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' nisa emigranti;**
- b) li jipromwovi azzjonijiet li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali biex:
- jiġu stabbiliti netwerks multidixxiplinari, **b'mod partikulari biex jappoġġjaw vittmi ta' vjolenza fuq it-tfal, iżgħażaġh u nisa u vittmi tat-traffikar ta' persuni;**
  - jiġu assigurati t-tkabbir tal-bażi ta' għarfien, l-iskambju ta' informazzjoni u l-identifikazzjoni u t-tixrid tal-prattika tajba, inkluż permezz ta' taħriġ, żjarat ta' studju u skambju ta' impjegati;
  - **jipprovdi edukazzjoni u taħriġ xieraq għal professjonisti responsabbli mill-irreġstrar ta' inċidenti u ta' data relatati mal-vjolenza domestika biex każi bħal dawn ikunu rikonoxxuti aktar malajr;**
  - jitqajjem għarfien dwar il-vjolenza **fil-forom kollha tagħha** fost udjenzi partikulari, **bħal awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, professjonisti, u sezzjonijiet tal-popolazzjoni**, biex tiġi mifhuma aħjar, tiġi promossa l-adozzjoni ta' l-ebda tolleranza għall-vjolenza u jiġi inkoraġġit l-appoġġ lill-vittmi u r-rappurtar tal-vjolenza lill-awtoritajiet kompetenti;
  - jiġu studjati l-fenomeni relatati mal-vjolenza **fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa u l-mezzi possibbli biex jiġu evitati**, biex jiġu esplorati, **evitati** u indirizzati l-kawżi fl-għerq tal-vjolenza fuq il-livelli kollha tas-soċjetá.

## Artikolu 5

## L-Azzjonijiet

Sabiex jimxi fuq l-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, il-programm jagħti appoġġ għat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

- a) l-azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u *surveys*, tfassil ta' indikaturi u metodologġiji komuni, ġbir, iżvilupp u tixrid ta' data u statistiċi, seminars, konferenzi u laqgħat ta' l-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, iżvilupp u manutenzjoni ta' siti fuq l-internet, preparazzjoni u tixrid ta' materjali ta' informazzjoni (**inklużi applikazzjonijiet ta' l-IT u riżorsi għat-taħriġ**), appoġġ lil u animazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, sorveljanza u valutazzjoni; jew
- a) proġetti speċifiċi transnazzjonali li huma ta' interess Komunitarju *ppreżentati minn għallinqas tliet Stati, li għallinqas tnejn minnhom iridu jkunu* Stati Membri, **possibilment bil-koperazzjoni ta' pajjiżi assoċjati jew kandidati**, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali; jew
- b) appoġġ għall-attivitajiet ta' NGOs jew entitajiet oħrajn li għandhom għan ta' interess ġenerali Ewropew dwar l-għanijiet ġenerali tal-programm taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali; jew
- c) għotja operattiva biex tiġi kofinanzjata n-nefqa marbuta mal-programm ta' ħidma permanenti tal-Federazzjoni Ewropea tat-Tfal Nieqsa jew Sfruttati Sesswalment, **ENOC u ta' organizzazzjonijiet oħra li jiġ-ġieldu kontra l-ħtif tat-tfal u l-pedofilija**, li għandhom għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tad-drittijiet u tal-protezzjoni tat-tfal; jew
- e) appoġġ għat-talba u għat-twaqqif ta' **helpline għat-tfal fuq livell Ewropew, li għandu jkun numru tat-telefown wieħed bla hłas għat-tfal.**

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

## Artikolu 6

## Il-parteċipazzjoni

Dawn il-pajjiżi li ġejjin, minn issa 'l quddiem imsejħa "pajjiżi parteċipanti", jistgħu jieħdu schem fl-azzjonijiet tal-programm:

- a) l-Istati ta' l-EFTA li huma parti mill-Ftehim taż-ŻEE, skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim;
- b) il-pajjiżi kandidati assoċjati ma' l-UE, kif ukoll il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent inklużi fil-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' l-assoċjazzjoni jew fil-protokolli addizzjonali tagħhom dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi Komunitarji konklużi jew li ser jiġu konklużi ma' dawk il-pajjiżi;

Il-proġetti jistgħu jassoċjaw magħhom lill-pajjiżi kandidati li mhux qed jieħdu *sehem il-programm*, fejn dan jikkontribwixxi għall-preparazzjoni tagħhom għall-adeżjoni, jew pajjiżi terzi oħrajn li mhux qed jieħdu *sehem fil-programm*, fejn dan iservi għall-għanijiet tal-proġetti, **il-mod partikolari, pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant u ta' l-Asja Ċentrali skond il-Ftehimiet ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni rispettivi, pajjiżi ta' l-ACP u pajjiżi tal-Mediterran fil-qafas tal-ftehimiet rispettivi.**

**Il-Kummissjoni għandha timmira biex tiżgura l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kollha li għalihom il-programm hu miftuħ u li tinkoraġġixxi b'mod partikolari lil NGOs, speċjalment lil gruppi indipendenti, biex jipparteċipaw fih.**

## Artikolu 7

## Il-gruppi mmirati

1. **Il-gruppi speċifiċi li għalihom huma mmirati l-ħidmiet fil-programm ser ikunu dawk kollha li direttament jew indirettament għandhom x'jaqsmu mal-vjolenza *fil-forom kollha tagħha u mat-traffikar tal-persuni.***
2. **Il-gruppi ewlenin li għalihom hu maħsub il-programm huma l-vittmi tal-vjolenza u l-gruppi friskju mill-vjolenza, *speċjalment it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa.*** Gruppi oħrajn li għalihom huwa maħsub il-programm huma, *inter alia*, għalliema u impjegati fl-edukazzjoni, ħaddiema soċjali, awtoritajiet lokali u nazzjonali, impjegati mediċi u paramediċi, impjegati ġudizzjarji, NGOs, *trade unions* u komunitajiet reliġjużi. *Hu wkoll rilevanti li jkunu kkunsidrati programmi ta' trattament għal vittmi, minn naħa waħda, u dawk li jwettqu l-vjolenza minn naħa l-oħra, bil-ħsieb li l-vjolenza tkun evitata.*

## Artikolu 8

## L-aċċess għall-programm

L-aċċess għall-programm għandu jkun miftuħ għal *organizzazzjonijiet* u istituzzjonijiet pubbliċi jew privati (awtoritajiet lokali fuq livell kompetenti, dipartimenti ta' l-università u ċentri ta' riċerka **u ġurnalisti u l-midja**) li jaħdmu biex *jevitaw* u jegħlbu l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa jew biex jipproteġu minn din il-vjolenza jew biex jagħtu appoġġ lill-vittmi jew jimplementaw azzjonijiet maħsuba biex jippromwovu ċ-ċaħda ta' din il-vjolenza jew iħeġġu tibdil fl-attitudni u fl-imġieba lejn il-gruppi vulnerabbli u l-vittmi tal-vjolenza.

## Artikolu 9

## It-tipi ta' intervent

1. L-għoti ta' fondi mill-Komunità jista' *jieħu l-forom* legali li ġejjin:
  - għotjiet,
  - kuntratti ta' akkwist pubbliku.
2. L-għotjiet Komunitarji għandhom jingħataw wara sejħiet għal proposti, ħlief f'każijiet urġenti eċċezzjonali sostanzjali kif inhu xieraq jew fejn il-karatteristiċi tal-benefiċjarju ma jħallu l-ebda għażla oħra ħlief għal azzjoni partikolari, u għandhom jingħataw permezz ta' għotjiet operattivi u għotjiet għall-azzjonijiet. Ir-rata massima tal-kofinanzjament għandha tiġi speċifikata fil-programmi ta' ħidma annwali.

**It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006**

3. Barra minn hekk, hija prevista nefqa għall-miżuri li *jakkumpanjaw*, permezz ta' kuntratti ta' l-akkwist pubbliku, f'liema każ il-fondi Komunitarji se jkopru x-xiri ta' servizzi u prodotti. Dan ikopri, *inter alia*, infiq fuq informazzjoni u komunikazzjoni, preparazzjoni, implimentazzjoni, sorveljanza, verifika u valutazzjoni ta' proġetti, politika, programmi u leġiżlazzjoni.

**Artikolu 10****Il-miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-*għajnuna* Komunitarja skond ir-Regolament *Finanzjarju*.
2. *Biex* timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-għanijiet ġenerali stabbiliti fl-*Artikolu 3*, tadotta programm ta' ħidma annwali li jispjega l-għanijiet speċifiċi, il-prijoritajiet tematiċi, deskrizzjoni tal-miżuri li jakkumpanjaw iddikjarati fl-*Artikolu 9* u, jekk meħtieġ, lista ta' azzjonijiet oħrajn.
3. Il-programm ta' ħidma annwali ser ikun adottat skond il-proċedura stabbilita fl-*Artikolu 11(2)*.
4. Il-proċeduri ta' *evalwazzjoni* u għotjiet relatati ma' għotjiet lil azzjonijiet għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni, fost l-oħrajn, dawn il-kriterji li ġejjin:
  - a) il-konformità mal-programm ta' ħidma annwali, l-għanijiet ġenerali kif speċifikati fl-*Artikolu 3* u l-miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikati fl-*Artikoli 4 u 5*;
  - b) il-kwalità ta' l-azzjoni proposta f'dak li għandu x'jaqsam mal-bidu, l-organizzazzjoni, il-preżentazzjoni u r-riżultati *mistennija*;
  - c) l-ammont mitlub għall-finanzjament Komunitarju u kemm dan huwa xieraq meta jitqiesu r-riżultati *mistennija*;
  - d) l-impatt tar-riżultati *mistennija* fuq l-għanijiet ġenerali *definiti* fl-*Artikolu 3* u fuq il-miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikat fl-*Artikoli 4 u 5*.
5. L-applikazzjonijiet għal għotjiet operattivi, imsemmija fl-*Artikolu 5(c) u (d)*, għandhom jiġu *evalwati* fid-dawl ta' dawn:
  - il-konsistenza ma' l-għanijiet tal-programm;
  - il-kwalità ta' l-attivitajiet ippanati;
  - l-effett multiplikatur possibbli ta' dawn l-attivitajiet fuq il-pubbliku;
  - l-impatt ġeografiku ta' l-attivitajiet imwettqa;
  - l-involviment taċ-ċittadini fl-organizzazzjoni tal-korpi konċernati;
  - il-proporzjon ta' l-*għotja* mqabbla mal-benefiċċji *mistennija* mill-attività proposta.
6. Skond l-*Artikolu 113 (2)* tar-Regolament *Finanzjarju*, il-prinċipju ta' tnaqqis gradwali m'għandux japplika għall-*għotja* ta' ħidma mogħtija lill-Federazzjoni Ewropea għal Tfal Nieqsa jew Sfruttati Sesswalment, *ENOC* u *organizzazzjonijiet oħra* li jiġġieldu kontra l-*ħtif tat-tfal* u l-*pedofilija*, minħabba li dawn għandhom għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal u l-protezzjoni tagħhom.

**Artikolu 11****Il-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha *tkun assistita* minn kumitat **li jkollu rappreżentazzjoni bilanċjata tas-sessi**, magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi mir-rappreżentant tal-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-*"Kumitat"*.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-*Artikoli 3 u 7* tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-*Artikolu 8* tagħha.

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu.

**4. Il-Kummissjoni tista' tistieden rappreżentanti mill-pajjiżi parteċipanti għal laqgħat ta' informazzjoni wara l-laqgħat tal-Kumitat.**

#### Artikolu 12

##### Il-komplementarjetà

1. *Sinerġiji* u komplementarjetà ma' strumenti oħrajn Komunitarji *ser jiġu mfittxija*, b'mod partikolari mal-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" u "s-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni", is-seba' Programm ta' *Qafas* tar-Riċerka u l-Iżvilupp kif ukoll il-programmi fuq il-protezzjoni tas-saħħa u "Internet Dejjem Aktar Sigur" ("Safer Internet Plus"). ***Ser tkun ukoll imfittxija l-komplementarjetà ma' l-Istitut futur għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiżgura li l-attivita-jiet tal-programm Daphne III jkunu mmirati b'mod iktar effettiv lejn gruppi f'riskju.*** L-element statistiku ta' l-informazzjoni dwar il-vjolenza ser jiġi żviluppat b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu kif meħtieġ tal-Programm Statistiku Komunitarju.

2. Il-programm jista' jaqsam ir-riżorsi ma' strumenti oħrajn Komunitarji, b'mod partikolari l-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet", "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni" u s-seba' Programm ta' qafas tar-Riċerka u l-Iżvilupp sabiex jimplementa l-azzjonijiet li jilħqu l-għanijiet tal-programmi kollha.

3. L-operazzjonijiet ifffinanzjati skond din id-Deċiżjoni m'għandhomx jirċievu assistenza għall-istess skop minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Komunità. Il-benefiċjarji ta' din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-fondi li jirċievu mill-baġit tal-Komunità u minn għejun oħrajn, kif ukoll bl-informazzjoni dwar applikazzjonijiet kurrenti għall-fondi.

#### Artikolu 13

##### Ir-Riżorsi Baġitarji

1. *Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm hu ffissat għal EUR 125 miljun* għall-perjodu imsemmi fl-Artiklu 1.

2. Ir-riżorsi tal-baġit imqassma għall-azzjonijiet *stipulati fil-programm għandhom jiddaħħlu fl-appropriazzjonijiet ta' kull sena tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.* L-appropriazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

#### Artikolu 14

##### Monitoraġġ

1. Għal kwalunkwe azzjoni ffinanzjata mill-programm, il-benefiċjarju għandu jressaq rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tax-xogħol. Għandu jressaq ukoll rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-forma u l-kontenut tar-rapporti.

2. Bla ħsara għall-verifiki mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mal-korpi jew id-dipartimenti nazzjonali tal-verifika kompetenti skond l-Artikolu 248 tat-Trattat, jew kwalunkwe ispezzjoni mwettqa skond l-Artikolu 279(c) tat-Trattat, l-uffiċjali u l-impjegati l-oħrajn tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifika fuq il-post, inklużi verifiki kampjuni, fuq azzjonijiet ffinanzjati taħt il-programm.

3. Il-kuntratti u l-ftehim li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu b'mod partikolari għas-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ fuq il-post, u verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

4. Għal ħames snin wara l-aħħar pagament għal kwalunkwe azzjoni, il-benefiċjarju ta' l-assistenza finanzjarja għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' appoġġ dwar in-nefqa fuq l-azzjoni.

**It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006**

5. Fuq il-bażi tar-risultati tar-rapporti u l-verifiki kampjuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kundizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' l-ghajjnuna finanzjarja, oriġinarjament approvata, kif ukoll l-iskeda ta' meta jsiru l-ħlasijiet.

6. Il-Kummissjoni għandha tiegħu kull pass ieħor meħtieġ biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati qed jitwettqu kif suppost u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

**Artikolu 15****Il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità**

1. Il-Kummissjoni għandha tassicura li, meta l-azzjonijiet ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività oħra illegali, permezz ta' verifiki effettivi u bil-ġbir lura ta' l-ammonti mħallsa żejda u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, b'piani effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar verifiki fuq il-post u spezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni sabiex l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ikunu protetti kontra l-frodi u irregolaritajiet oħrajn<sup>(2)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju ta' Kontra l-Frodi (OLAF)<sup>(3)</sup>.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji iffinanzjati taħt il-programm, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż ksur ta' l-obbligu kuntrattwali stipulat fuq il-bażi tal-programm, li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew il-baġits amministrati mill-Komunitajiet Ewropej, b'nefqa mhux iġġustifikata.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tiġbor lura l-ammont ta' ghajjnuna finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk issib irregolaritajiet, inkluż nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew id-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt jew il-ftehim li jagħtu l-appoġġ finanzjarju konċernat, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni tkun għaddiet minn tibdil li jmur kontra n-natura jew il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tal-proġett.

4. Jekk it-termini ta' żmien ma jkunux ġew osservati jew jekk parti biss mill-ghajjnuna finanzjarja mqassma hija ġġustifikata mill-progress li sar bl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex iressaq osservazzjonijiet f'perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix risposta sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tħassar l-ghajjnuna finanzjarja li jifdal u titlob il-ħlas lura tas-somom diġà mħallsa.

5. Kwalunkwe ħlas żejded għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. Għandhom jiżiedu l-interessi ma' kwalunkwe somma mhux imħallsa lura f'waqtha skond il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju.

**Artikolu 16****Evalwazzjoni**

1. Il-programm għandu jiġi mmonitorjat b'mod regolari sabiex tkun segwita l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet imwettqin taħtu.

2. Il-Kummissjoni għandha tassicura l-evalwazzjoni regolari, indipendenti, u esterna tal-programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

a) rapport interim ta' evalwazzjoni dwar ir-risultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-programm, mhux aktar tard mill-**31 ta' Marzu 2010, flimkien ma' lista tal-proġetti sussidjati u l-miżuri;**

b) komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-programm, mhux aktar tard mill-**31 ta' Diċembru 2011;**

c) rapport ta' evalwazzjoni ex post **dwar l-implimentazzjoni u r-risultati tal-programm** mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

<sup>(1)</sup> ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

<sup>(3)</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

**Artikolu 17****Pubblikazzjoni tal-proġetti**

**Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, ser tippubblika kull sena lista tal-proġetti ffinanzjati taħt il-programm flimkien ma' deskrizzjoni qasira ta' kull proġett.**

**Artikolu 18**

Miżuri transitorji

Id-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE hija mħassra.

L-azzjonijiet mibdija qabel il-31 ta' Diċembru 2006 skond dik id-Deċiżjoni jkomplu jkunu rregolati minnha sakemm jitlestew. Il-Kumitat stipulat fl-Artikolu 7 tagħha għandu jiġi sostitwit minn dak stipulat fl-Artikolu 11 ta' din id-Deċiżjoni.

**Artikolu 19**

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fi,

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President

Għall-Kunsill  
Il-President

P6\_TA(2006)0334

**Taxxi relatati mal-karozzi tal-passiġġieri \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar taxxi relatati mal-karozzi tal-passiġġieri (COM(2005)0261 — C6-0272/2005 — 2005/0130(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0261) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, skond liema l-Kunsill ikkonsulta l-Parlament (C6-0272/2005),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0240/2006),

(<sup>1</sup>) Għadha mhix pubblikata fil-ĠU.



**It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006**

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jstieden lill-Kummissjoni biex tbiddel il-proposta skond dan, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat tal-KE;
3. Jstieden lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob il-ftuħ tal-proċedura ta' konċiljazzjoni skond id-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-4 ta' Marzu 1975 jekk il-Kunsill ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
5. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
6. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 30

Premessa 1

(1) It-tassazzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri tista' tkun għodda komplementari importanti li tappoġġa għanijiet ambjentali, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gass ta' l-effett serra u għalhekk ikun *adattat* li jiġi introdott element ibbażat fuq **id-dijossidu tal-karbonju** fit-taxxa bażi kemm tat-taxxi ta' reġistrazzjoni u kif ukoll tat-taxxi annwali taċ-ċirkolazzjoni. *Minkejja dan*, sabiex jagħtu kontribut sabiex jintlaħqu l-impenji li hađu l-Komunità u l-Istati Membri taħt il-protokoll ta' Kyoto, l-elementi proposti li huma relatati direttament ma' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju, għandhom jiddaħħlu fit-taxxa bażi tat-taxxi relatati mal-passiġġieri applikati matul il-perjodu ta' impenn 2008-2012. Minħabba li l-għan strateġiku tal-Komunità li jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri *jeħtieġ* li jintlaħaq sa, *l-aktar tard*, is-sena 2010 huwa *adattat* li l-element ibbażat fuq id-dijossidu tal-karbonju jkun *applikat b'mod sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2010*.

(1) It-tassazzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri tista' tkun għodda komplementari importanti li tappoġġa għanijiet ambjentali, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gass ta' l-effett serra u għalhekk ikun *xieraq* li jiġi introdott element ibbażat fuq **is-sustanzi li jniġġsu u l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil** fit-taxxa bażi kemm tat-taxxi ta' reġistrazzjoni u kif ukoll tat-taxxi annwali taċ-ċirkolazzjoni. *Madanakollu*, sabiex jagħtu kontribut sabiex jintlaħqu l-impenji li hađu l-Komunità u l-Istati Membri taħt il-protokoll ta' Kyoto, l-elementi proposti li huma relatati direttament ma' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju, għandhom jiddaħħlu fit-taxxa bażi tat-taxxi relatati mal-passiġġieri applikati matul il-perjodu ta' impenn 2008-2012. Minħabba li l-għan strateġiku tal-Komunità li jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri *jeħtieġ* li jintlaħaq sa, *l-aktar tard*, is-sena 2010 huwa *adattat* li l-element ibbażat fuq id-dijossidu tal-karbonju jkun *applikat b'mod sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2010*.

Emenda 2

Premessa 2

(2) It-tielet pilastru ta' l-istrateġija tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet **tad-dijossidu tal-karbonju** mill-karozzi tal-passiġġieri u għat-titjib ta' l-ekonomija tal-karburant, imħaddan mill-Kunsill fl-1996, huwa magħmul minn miżuri fiskali u huwa l-uniku pilastru li għad jonqos li jkun implimentat fil-livell ta' Komunità.

(2) It-tielet pilastru ta' l-istrateġija tal-Komunità għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' **sustanzi li jniġġsu** mill-karozzi tal-passiġġieri u għat-titjib ta' l-ekonomija tal-karburant, imħaddan mill-Kunsill fl-1996, huwa magħmul minn miżuri fiskali u huwa l-uniku pilastru li għad jonqos li jkun implimentat fil-livell ta' Komunità.

Emenda 3

Premessa 3

(3) L-Istati membri għandhom ikunu mħeġġa li japplikaw inċentiv fiskali kkoordinat għal karozzi tal-passiġġieri li josservaw il-limit aktar stretti ta' emissjoni minn dawk li saru mandatorji *taħt* id-Direttiva 98/69/KE (Euro 4), *li tirrelata ma'* miżuri li

(3) L-Istati membri għandhom ikunu mħeġġa li japplikaw inċentiv fiskali kkoordinat għal karozzi tal-passiġġieri li josservaw il-limiti aktar stretti ta' emissjoni minn dawk li saru mandatorji *skond* id-Direttiva 98/69/KE (Euro 4), *dwar* miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn emissjonijiet minn

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn emissjonijiet minn vetturi *motorizzati* u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE, li tħaffef it-tqegħid fis-suq ta' karozzi tal-passiġġieri jew tagħmir tal-karozzi li jissodisfaw kondizzjonijiet mitluba futuri li għandhom jiġu adottati fil-livell ta' Komunità (Euro 5).

vetturi *bil-mutur* u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE, li tħaffef it-tqegħid fis-suq ta' karozzi tal-passiġġieri li jissodisfaw kondizzjonijiet mitluba futuri li għandhom jiġu adottati fil-livell ta' Komunità (Euro 5). **Flimkien ma' l-element bbażat fuq id-dijossidu tal-karbonju introdott b'din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu tassazzjoni differenzjata bbażata fuq emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu u l-klassifikazzjonijiet ta' l-Euro fis-sistemi nazzjonali tagħhom ta' tassazzjoni ta' vetturi bil-mutur.**

## Emenda 4

Premessa 3 a (ġdida)

**(3a) L-Istati Membri huma mħeġġa bis-sħiħ biex ma jimpognux tassazzjoni doppja fil-każ ta' taxxi ta' reġistrazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri; għandha tingħata konsiderazzjoni partikolari lill-każ ta' ċittadini ta' l-UE li jirritornaw lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom wara li jgħaddu iżjed minn sentejn fi Stat Membru ieħor.**

## Emenda 5

Premessa 3 b (ġdida)

**(3b) L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa wkoll biex japplikaw inċentivi fiskali kkoordinati għal vetturi tal-passiġġieri sabiex iħeffu t-tqegħid fis-suq ta' vetturi tal-passiġġieri u tagħmir ta' vetturi li jissodisfaw r-rekwiżiti ta' l-iffrankar ta' l-enerġija u ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija, sew jekk is-sors ta' l-enerġija użat huwa karburant fossili, bħal petrol, diżil, jew LPG, karburant alternattiv, bħall-bijokarburant, gass naturali, jew idroġenu, jew enerġija elettrika, inklużi magni ibridi.**

## Emenda 6

Premessa 3 c (ġdida)

**(3c) L-Istati Membri għandhom ikollhom l-opportunità, flimkien ma' l-element ibbażat fuq id-dijossidu tal-karbonju, li jkomplu jagħmlu divrenzjar bejn il-kategoriji ta' sustanzi li jniġġsu skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja b'emissjonijiet minn vetturi b'mutur *positive-ignition* <sup>(1)</sup>(normi Euro) bħala l-bażi għall-kalkoli tat-taxxa ta' ċirkolazzjoni u tat-taxxa ta' reġistrazzjoni annwali.**

<sup>(1)</sup> ĠU L 76, 6.4.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/76/KE (ĠU L 206, 15.8.2003, p. 29)..

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

Emenda 7

Premessa 4

(4) Għandu jkun possibbli għal dan it-tip ta' miżuri fiskali li jieħdu l-forma ta' divrenzjar tat-taxxa tat-taxxi relatati mal-karozzi tal-passiġġieri, applikati fuq bażi ta' ***l-ammont imsarraff fi grammi ta' dijossidu tal-karbonju li joħroġ f'kull kilometru*** minn kull karożza partikolari.

(4) Għandu jkun possibbli għal dan it-tip ta' miżuri fiskali li jieħdu l-forma ta' divrenzjar tat-taxxa tat-taxxi relatati mal-karozzi tal-passiġġieri, applikati fuq bażi ta' ***l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fil-forma ta' ossidi tan-nitroġenu u partikuli ta' ġmid*** minn kull karożza partikolari ***kif ukoll l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju tagħhom, imkejla fi grammi għal kull kilometru, u l-konsum tal-karburant tagħhom, ikkalkulat f'litri għal kull 100 kilometru skond il-parametri stipulati fid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/100/KE tal-15 ta' Diċembru 1999 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE li tirrigwardja l-emissjoniet ta' carbon dioxide u l-konsum ta' karburanti minn vetturi bil-mutur*** <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 334, 28.12.1999, p. 36.

Emenda 9

Premessa 5 a (ġdida)

(5a) ***Id-divrenzjar tat-taxxa stabbilita fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi kkunsidrata fir-reviżjoni, li għandha sseħħ, tad-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar id-disponibbiltà ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburant u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> rigward il-marketing ta' karożżi tal-passiġġieri ġodda*** <sup>(1)</sup> ***sabiex tkun żgurata il-provista ta' tagħrif konsistenti għal sidien ta' karożżi prospettivi.***

<sup>(1)</sup> ĠU L 12, tat-18.1.2000, p. 16. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

Emenda 10

Premessa 6

(6) Fis-suq intern, l-ostakli tat-taxxa għaċ-ċaqliq ħieles ta' persuni u tal-propjetà personali tagħhom, inklużi karożżi tal-passiġġieri, għandhom jitneħħew. Id-Direttiva preżenti timmira li tneħħi dan it-tip ta' ostakli billi jkunu strutturati mill-ġdid it-taxxi relatati mal-karożżi tal-passiġġieri applikati mill-Istati Membri, mingħajr ma torbothom li jintroduċu xi taxxi ġodda.

(6) Fis-suq intern, l-ostakli tat-taxxa għaċ-ċaqliq ħieles ta' persuni u tal-propjetà personali tagħhom, inklużi karożżi tal-passiġġieri, għandhom jitneħħew. Id-Direttiva preżenti timmira li tneħħi dan it-tip ta' ostakli billi jkunu strukturati mill-ġdid it-taxxi relatati mal-karożżi tal-passiġġieri applikati mill-Istati Membri, mingħajr ma torbothom li jintroduċu xi taxxi ġodda ***u, skond il-prinċipju tan-newtralità tal-baġit.***

Emenda 12

Premessa 8 a (ġdida)

(8a) ***It-tneħħija tat-taxxi tar-reġistrazzjoni għandha effett tajjeb fuq is-sikurezza tat-toroq u l-ambjent peress li twassal għal tiġdid iżjed mgħaġġel tal-flotta tal-karożżi. It-tnaqqis fl-ispiża tax-xiri huwa incientiv biex jitbiddlu vetturi qodma b'vetturi li huma iżjed sikuri, iniġġsu inqas, u li għandhom***

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

*effiċjenza tal-karburant akbar. Il-prinċipju li l-użu u l-impatt ambjentali ta' vettura jkunu ntaxxati huwa konformi mal-prinċipju fundamentali tal-politika ambjentali tal-Komunità li teħtieġ li min iniġġes ikun responsabbli għall-ispejjeż tal-ħsara ambjentali.*

Emenda 13

Premessa 10

(10) Huwa *adattat* li fejn huma applikabbli, is-sistemi ta' rimbors kemm għat-taxxi ta' reġistrazzjoni kif ukoll għat-taxxi annwali ta' ċirkolazzjoni, jiddaħħlu mingħajr dewmien, sabiex jevitaw distorsjonijiet u trattament differenti tat-taxxa tal-karozzi tal-passiġġieri.

(10) Huwa *xieraq* li fejn huma applikabbli, is-sistemi ta' rimbors kemm għat-taxxi ta' reġistrazzjoni kif ukoll għat-taxxi annwali ta' ċirkolazzjoni, jiddaħħlu mingħajr dewmien, sabiex jevitaw distorsjonijiet u trattament differenti tat-taxxa tal-karozzi tal-passiġġieri. **L-ispejjeż tat-transazzjoni assoċjati mal-ħlas ta' taxxi tar-reġistrazzjoni għandhom jitnaqqsu billi jiġu stabbiliti soluzzjonijiet one-stop online li jipprovdu servizzi ta' kalkoli, rimborsi u ħlas ta' taxxi tar-reġistrazzjoni ta' karozzi meta wieħed jiċċaqqaq minn Stat Membru għal ieħor.**

Emenda 40

Premessa 11 a (ġdida)

**(11a) Fl-interess li jiġu ppreservati vetturi antiki klassiċi u godma, m'hemm xejn f'din id-Direttiva li għandu jneħħi d-dritt ta' l-Istati Membri milli jeżentaw vetturi b'eżistenza ta' mill-inqas 20 sena mit-taxxi taċ-ċirkolazzjoni.**

Emenda 14

Premessa 13 a (ġdida)

**(13a) Meta titqies il-koperazzjoni mill-qrib bejn bosta Stati Membri fuq naħa waħda u l-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea u ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (pajjiżi taż-ŻEE-EFTA) fuq in-naħa l-oħra, u sabiex ikun żgurat livell oġhla ta' koperazzjoni, speċjalment fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent, huwa rakkomandat illi d-dispożizzjonijiet rispettivi jiġu estiżi għall-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA in kwistjoni.**

Emenda 15

Premessa 14

(14) Minħabba li l-*għanijiet* li jittejjeb it-tħaddim tas-suq intern fil-qasam tal-karozzi tal-passiġġieri, kif ukoll minħabba l-użu li rnexxa ta' miżuri fiskali għall-implimentazzjoni ta' l-istrategġja tal-Komunità li tnaqqas emissjonijiet ***tad-dijossidu tal-karbonju*** mill-karozzi tal-passiġġieri, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwali u għalehkk, minħabba raġuni ta' l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta dawn il-miżuri, skond il-prinċipju tas-*sussidjarjetà* kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-*għanijiet*,

(14) Minħabba li l-*obbjettivi* li jittejjeb it-tħaddim tas-suq intern fil-qasam tal-karozzi tal-passiġġieri, kif ukoll minħabba l-użu li rnexxa ta' miżuri fiskali għall-implimentazzjoni ta' l-istrategġja tal-Komunità li tnaqqas emissjonijiet **li jniġġsu** mill-karozzi tal-passiġġieri, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwali u għalehkk, minħabba raġuni ta' l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta dawn il-miżuri, skond il-prinċipju tas-*sussidjarjetà* kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-*obbjettivi*,

It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONIEMENDI  
TAL-PARLAMENT

## Emenda 16

Artikolu 1, paragrafu 1

Din id-Direttiva tistipula regoli għall-kalkoli tat-taxxi fuq il-karozzi tal-passiġġieri, fuq il-bażi ta' l-emissjonijiet tagħhom **tad**-dijossidu tal-karbonju.

Din id-Direttiva tistipula r-regoli għall-kalkoli tat-taxxi fuq il-karozzi tal-passiġġieri, fuq il-bażi ta' l-emissjonijiet **li jniġġsu** tagħhom **bħad**-dijossidu tal-karbonju.

## Emenda 17

Artikolu 4, titolu

Divrenzjar b'referenza għall-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju

Divrenzjar b'referenza għall-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju, **il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu**

## Emenda 20

Artikolu 5, paragrafu 1, sub paragrafu 1 a (ġdid)

**Il-Kummissjoni għandha tippreżenta studju dwar il-piż li għandu jingħata lil fatturi possibbli oħrajn fit-twaqqif ta' bażi ta' taxxa għal taxxa ta' karożżi tal-passiġġieri, sal-31 ta' Diċembru 2006.**

## Emenda 21

- J. billi fl-Unjoni Ewropea ma ngħatawx biżżejjed attenzjoni jew riżorsi lis-saħħa mentali tat-tfal u taż-żgħażaġh, u dan anki jekk il-mard mentali qed jiżdied b'mod sinjifikanti fost iż-żgħażaġh;
- K. billi hemm dimensjoni ta' sessi ċara fil-kwistjoni tas-saħħa, partikolarment f'dak li jirrigwarda d-disturb fil-prattiċi ta' l-ikel, id-disturbi newrodegenerattivi, l-iskizofrenja, d-disturb fil-burdata, l-ansjetà, il-paniku, id-depressjoni, l-abbuż mill-alkoħol u minn sustanzi psikoattivi oħra, kif ukoll is-suwiċidju u d-delinkwenza, oqsma li ukoll għandhom bżonn ta' riċerka sistematika;
- L. billi n-nisa jfittxu għajjnuna mis-servizzi aktar mill-irġiel u għalhekk jiġu ordnati lilhom mediċinali psikotropiċi d-doppju ta' kemm ordnt lill-irġiel; billi l-istudji farmakokinetiċi wrew li n-nisa għandhom tolleranza aktar baxxa għal dawn il-prodotti;
- M. billi l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni minn kmieni, l-intervenzjoni u t-trattament ta' mard mentali jnaqqas b'mod sinjifikanti r-riperkussjonijiet personali, finanzjarji u soċjali;
- N. billi numru kbir ta' persuni jsofru minn disturbi newrodegenerattivi u dan in-numru huwa mistenni li jiżdied minħabba, inter alia, it-tul tal-ħajja u ż-żieda fil-popolazzjoni anzjana li takkumpanjaha;
- O. billi f'ħafna Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kien hemm ċaqlieqa lejn kura istituzzjonalizzata fit-tul, kemm għat-tfal bi problemi ta' żvilupp u ta' imġieba li jipperikolaw l-iżvilupp normali tagħhom, partikolarment fil-qasam ta' l-edukazzjoni, u kemm għall-adulti b'disturbi kroniċi u severi u għal dawk b'diżabilitajiet marbuta mat-tagħlim, lejn għajxien imsostni mill-komunità, imma billi dan kien mingħajr ippanar xieraq u mingħajr ma nstabu r-riżorsi għas-servizzi tal-komunità;
- P. billi l-problemi tas-saħħa mentali relatati mal-vjolenza fuq in-nisa u t-tfaliet huma ftit li xejn identifikati; billi statistika tal-vittmi ma tiġix ikkunsidrata regolarment u ħafna nisa u tfaliet m'humieqx disposti jagħtu rendikont ta' abbuż vjolenti sakemm it-tobba jew l-istaff mediku ma jistaqdux direttament dwar l-abbuż;
- Q. billi kundizzjoni minn qabel għas-saħħa mentali tajba hija trobbija f'ambjent ta' familja b'saħħitha li tipprovi għas-sigurtà psikoloġika u għall-mħabba tal-ġenituri;
1. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għall-promozzjoni tas-saħħa mentali; jistieden għal aktar prijorità fil-politika tas-saħħa, **b'enfasi fuq il-prevenzjoni**, u fil-politika ta' riċerka ta' l-Unjoni, u jemmen li dan għandu jkun inkluż fil-politiki u fil-leġislazzjoni ta' kull Direttorat tal-Kummissjoni u tal-ministeri ta' kull Stat Membru, li għandhom jieħdu impenn sabiex jarmonizzaw l-indikaturi tas-saħħa mentali kurrenti nazzjonali u internazzjonali, bil-għan li jkun żgurat sett komparabbli ta' dejta fuq il-livell ta' l-UE;



**L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006**

2. jikkunsidra li d-dimensjoni ta' bejn is-sessi għadha ma ġietx ikkunsidrata fil-Green Paper; għalhekk jistieden sabiex din id-dimensjoni tkun ikkunsidrata b'mod sistematiku fil-miżuri proposti għall-promozzjoni tas-saħħa mentali, fil-miżuri ta' prevenzjoni u fir-riċerka, li s'issa kienu insuffiċċjenti u mhux xierqa, sal-punt li l-progress dwar il-prevenzjoni u l-kura tal-mard mentali kien b'mod sinjifikanti inqas minn dak magħmul fil-qasam ta' mard ieħor;
3. jikkunsidra li l-irwol tat-tobba fil-monitoraġġ tal-pazjenti huwa ta' importanza kbira;
4. jemmen li saħħa mentali tajba hija ħtieġa minn qabel għal saħħa ġenerali u l-benessri taċ-ċittadini Ewropej u għal twettiq ekonomiku b'saħħtu fl-UE; jinkoraġġixxi u jappoġġja l-miżuri kollha li għandhom l-għan li jgħinu u jipprevjenu d-disturbi mentali;
5. jenfasizza l-bżonn li jinħaseb l-aħjar mod sabiex jintużaw l-istrumenti Komunitarji disponibbli, bħas-seba' programm ta' qafas ta' riċerka sabiex tinbena kapaċità li tista' tappoġġja r-riċerka fis-saħħa mentali fl-Unjoni;
6. jemmen li kwalunkwe proposta futura tal-Kummissjoni rigward is-saħħa mentali għandha tinvolvi sħubija u konsultazzjoni ma' dawk li għaddew jew qegħdin jgħaddu minn problemi ta' saħħa mentali, kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħhom, tal-familji tagħhom u tal-kuraturi u l-appoġġ ta' l-NGOs, l-assoċjazzjonijiet tal-membri familjari u partijiet oħra interessati, sabiex il-proċess ta' deċiżjonijiet ikun aktar rappreżentattiv u jinkludi lil kulħadd, u għandha tippromwovi l-għaqda bejn qraba u l-pazjenti psikjatriċi;
7. jenfasizza d-differenzi imdaqqa fl-ispiża fuq is-saħħa mentali fl-Istati Membri individwali, kemm fl-ammont assolut u kemm bħala proporzjon ta' spiża fuq il-kura tas-saħħa b'mod ġenerali;
8. jemmen li se jkun hemm bżonn ta' azzjonijiet differenti sabiex jintlaħqu t-tliet għanijiet tal-promozzjoni tas-saħħa mentali, it-titjib tas-saħħa mentali u l-prevenzjoni tad-disturbi mentali; jemmen li l-għanijiet ta' dawn l-azzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni xierqa, sabiex jinkiseb l-għarfien rilevanti u jiżviluppaw attitudnijiet xierqa u għarfien speċjalizzat sabiex tkun protetta s-saħħa mentali u fiżika u tittejjeb il-kwalità ta' l-għajxien taċ-ċittadini Ewropej;
9. jenfasizza l-bżonn li termini bħal "Mard Mentali", "Disturbi Mentali", "Mard Mentali Qawwi" u "Disturb fil-Personalità" jkunu użati b'attenzjoni;
10. jenfasizza l-importanza tal-bżonn ta' monitoraġġ minn kmieni, ta' sejbien u djanjosi u ta' kura integrata, u mfassla għal dak li jkun;
11. jenfasizza l-bżonn li b'azzjoni xierqa jiġu miġġielda l-inugwaljanzi fit-trattament tal-mard mentali li huma evidenti f'dan il-qasam;
12. jistieden sabiex nies b'diżabilità fit-tagħlim ikunu inklużi fi kwalunkwe strateġija futura, għaliex huma jaffaċċjaw kwistjonijiet simili għal dawk ta' nies b'disturbi mentali, inkluż ukoll l-esklużjoni soċjali, l-istituzzjonalizzazzjoni, l-abbuż mid-drittijiet tal-bniedem, id-diskriminazzjoni, l-istigma u n-nuqqas ta' appoġġ lejhom infushom u lejn il-familji tagħhom u l-kuraturi; fl-istess ħin jistieden għal aktar sforzi sabiex tfal u zgħażaġh b'don konjittiv ikunu identifikati u appoġġjati b'mod aħjar;
13. jenfasizza l-importanza ta' għajnuna reċiproka u l-irwol kbir ta' l-esperjenzi tat-trattament ta' persuni, il-mard u l-irkupru;
14. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni enfasizzat bħala gruppi speċifiċi lit-tfal, l-impjegati, l-anzjani u l-membri tas-soċjetà żvantaġġjati, imma kieku tagħmel estenzjoni sabiex tinkludi, per eżempju, dawk b'mard mentali qawwi, dawk b'mard fit-tul u terminali, dawk b'diżabilità, il-ħabsin, il-gruppi ta' minoranza etnika u gruppi oħra, u l-kwistjonijiet ta' mard mentali speċifiċi għan-nisa;
15. jirrikonoxxi li d-disturbi fil-personalità joffru sfidi ta' djanjosi partikulari, it-trattament jew l-immunigġjar u l-kura, u jitolbu aktar riċerka u politiki distinti; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħti aktar attenzjoni lill-aggressjoni, il-fatturi ta' imġieba aggressiva u l-konsegwenzi psikoloġiċi;

## L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006

16. jirrikonoxxi li l-irġiel u n-nisa jista' jkollhom bżonnijiet ta' saħħa mentali differenti, u jappella għal aktar riċerka partikularment fil-konnessjoni bejn kura in-patient obbligatorja u li wieħed iweġġa' lilu nnifsu u r-rata għola ta' preskrizzjoni ta' mediċinali psikotropiċi fost in-nisa;
17. jenfasizza l-bżonn ta' riċerka fil-varjetajiet pruvati fl-istruttura u fl-attività ta' l-imħuħ maskili u dawk femminili, sabiex jiġu żviluppati avvċinamenti separati u kura għaż-żewġ sessi fil-qasam tal-mard mentali;
18. jistieden għall-appoġġ għall-ommijiet fil-perjodi ta' qabel it-twelid u ta' wara sabiex id-dipressjoni jew kundizzjonijiet oħra psikopatoloġiċi li jimmanifestaw ruħhom f'numru sinjifikanti ta' każi f'dawn is-sitwazzjonijiet ikunu evitati;
19. jemmen li s-saħħa mentali tajba ta' l-ommijiet u tal-ġenituri tgħin lit-tfal jiżviluppaw mingħajr xkiel u jsiru adulti f'saħħithom;
20. jistieden għal tweġiba multi-dixxiplinarja u b'ħafna aġenziji sabiex ikunu kkurati sitwazzjonijiet kumpleksi ta' mard mentali, bħal kif l-aħjar ikunu appoġġjati t-tfal jew l-adolexxenti bi problemi ta' żvilupp jew ta' imġieba jew ta' disturbi fil-prattiċi ta' l-ikel, u/jew kif il-ġenituri nfushom f'ħafna mid-drabi huma stess ikunu jsofru minn saħħa mentali ħażina (jew qed jinżammu fit-tul f'istituzzjonijiet);
21. jinnota li stampi soċjalment definiti ta' kif l-immaġini tat-tfajliet u tan-nisa għandhom ikunu għandhom impatt fuq is-saħħa mentali u l-benessri tan-nisa u tat-tfajliet, bir-riżultat inter alia ta' disturbi tal-prattiċi ta' l-ikel;
22. jirrimarka li nuqqas ta' saħħa mentali u disturbi mentali b'mod komuni jsibu l-għeruq tagħhom fit-tfulija u jirrimarka l-importanza tar-riċerka fi tfulija b'saħħitha;
23. jenfasizza l-importanza ta' taħriġ kontinwu u taħriġ tan-nies intermedjarji waqt ix-xogħol: l-għalliema, il-ħaddiema tas-sanità, is-servizzi soċjali u ġuridiċi u min iħaddem;
24. jilqa' l-fatt li l-Green Paper tirrikonoxxi li fatturi soċjali u ta' l-ambjent bħal l-esperjenzi personali, il-familja u l-appoġġ soċjali; il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien bħall-faqar, l-għajxien fi bliet kbar, u l-iżolament rurali; u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħan-nuqqas ta' sigurtà tax-xogħol, il-qgħad u s-sieġhat twal tax-xogħol għandhom rwol fis-saħħa mentali tan-nies; jenfasizza li d-disturbi mentali huma waħda mir-raġunijiet ta' rtirar mix-xogħol kmieni u l-pensjonijiet ta' diżabilità;
25. jikkunsidra li kundizzjonijiet tajba tax-xogħol jikkontribwixxu lejn is-saħħa mentali u jistieden lil min iħaddem sabiex jintroduċi politiki ta' "Saħħa Mentali fuq ix-Xogħol" bħala parti neċessarja tar-responsabbiltà tagħhom fil-qasam tas-saħħa u sikurezza fuq ix-xogħol, bil-għan li jkunu żgurati "l-aħjar impjegi possibbli" għal u għall-aħjar inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' nies b'disturbi mentali, u li dawn għandhom ikunu publikati u għandu jsir monitoraġġ fil-limitu tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar saħħa u sikurezza, filwaqt li jkunu kkunsidrati l-bżonnijiet u l-opinjoni tal-ħaddiema;
26. jilqa' l-inizjattivi soċjali fi ħdan il-politika soċjali u ta' l-impjegi sabiex ikunu promossi t-trattament mhux diskriminatorju ta' individwi b'mard mentali, l-integrazzjoni soċjali ta' individwi b'diżabilitajiet mentali, u l-prevenzjoni tat-tensjoni fuq il-post tax-xogħol;
27. f'dak li jirrigwarda l-istrateġija ta' l-impjegi ta' l-UE, jenfasizza l-influweżna tas-saħħa mentali fuq l-impjegi kif ukoll l-influenza tal-qgħad fuq is-saħħa mentali tan-nies;
28. jemmen li l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien sabiex isibu u jimplementaw strateġiji effettivi li jnaqqsu s-suwċidju, partikularment fost iż-żgħażaġh u gruppi oħra fir-riskju;
29. jistieden għal rikonoxximent akbar tal-konnessjoni bejn id-diskriminazzjoni, il-vjolenza u s-saħħa mentali ħażina, li tenfasizza l-importanza li kull forma ta' vjolenza u diskriminazzjoni għandha tiġi miġielda bħala parti minn strateġija għall-promozzjoni ta' saħħa mentali permezz tal-prevenzjoni;

**L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006**

30. jikkunsidra li l-popolazzjoni Ewropea li dejjem qed tixxjeh bħala waħda mill-akbar sfidi tas-saħħa mentali u jinkoraġġixxi aktar enfasi fuq ir-riċerki f'mekkaniżmi u kawżi ta' mard newrodiġenerattiv u mard ieħor psikjatriku fix-xjuħ u l-prevenzjoni tagħhom kif ukoll il-kura tagħhom, inkulż l-iżviluppar ta' terapji ġodda;

31. jemmen ukoll li għandha ssir enfasi fuq il-konnessjoni bejn il-konsum ta' l-alkoħol u d-drogi illegali u l-mard mentali; jikkunsidra li l-alkoħol u d-dipendenza mid-drogi jikkawżaw problemi ta' saħħa mentali u fiżiċi serji u problemi lis-soċjeta b'mod ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi bla dewmien liema programmi ta' diżintossikazzjoni u metodi ta' kura huma l-aktar effettivi;

32. 32 jenfasizza li nies b'disturbi mentali għandhom ikunu trattati u kkurati b'dinjità u umanità u li l-kura medika u s-servizzi ta' l-appoġġ għandhom ikunu effettivi u ta' kwalità għolja, aċċessibbli għal kull min isofri minn mard mentali u għandhom ikunu universali; għandu jkun hemm fehim aktar ċar dwar id-drittijiet tagħhom jekk għandhom ikunu kkurati; li għandhom ikunu kapaċi jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet dwar il-kura tagħhom stess u kkonsultati kollettivament dwar is-servizzi; li meta jkunu ordnati mediċinali, l-effetti negattivi li jagħmlu għandhom ikunu l-inqas possibbli; u għandu jkun hemm informazzjoni u pariri għal dawk li jkunu jixtiequ jwaqqfu l-mediċinali b'mod sikur;

33. jemmen li l-użu tal-forza huwa kontroproduċenti, bħalma hu l-użu obligatorju tal-mediċini; jemmen li kull forma ta' kura in-patient u medikazzjoni obligatorja għandha jkollha limitu u għandha, fejn possibbli, tkunu eżaminata regolarment u tkun suġġetta għall-kunsens tal-pazjent jew, fl-assenza ta' dan il-kunsens, għall-awtorizzazzjoni minn awtoritajiet xierqa u dan biss bħala l-aħħar għażla;

34. huwa ta' l-opinjoni li kull restrizzjoni għal-libertajiet personali għandha tkun evitata, b'referenza partikulari għad-detenzjoni fiżika li teħtieġ il-monitoraġġ, il-verifika u l-viġilanza minn istituzzjonijiet demokratiċi responsabbli mill-ħarsien tad-drittijiet individwali, sabiex ikun hemm protezzjoni kontra l-abbużi;

35. jistieden sabiex ir-rebħa fuq l-istigma tkun iċ-ċentru ta' kull strateġija futura, eżempju billi jkunu stabbiliti kampanji annwali dwar kwistjonijiet ta' saħħa mentali sabiex jingħelbu l-injoranza u l-inġustizzja bħall-istigma konnessa mal-mard mentali li twassal għar-rifjut mis-soċjeta f'kull qasam mill-impjeg sal-familja, u mill-komunità sa l-professjonisiti fil-qasam tas-saħħa; jikkunsidra wkoll li bil-għan li jkunu mtejba s-saħħa mentali u l-kundizzjonijiet tal-pazjenti, id-drittijiet soċjali bażiċi u d-drittijiet ċivili għandhom ikunu garantiti, bħad-dritt għal abitazzjoni u appoġġ ekonomiku għal dawk li ma jistgħux jaħdmu u d-dritt taż-żwieġ u d-dritt li wieħed jimmaniġġja l-affarjiet personali; jemmen ukoll li l-istigma hija forma ta' diskriminazzjoni u għandha tkun ikkunsidrata minn liġijiet kontra d-diskriminazzjoni;

36. jirrikonoxxi li l-element ta' l-istigma huwa l-perċezzjoni mifruxa li disturbi fis-saħħa mentali huma kbar u għal tul il-ħajja kollha, meta huwa importanti li jkun enfasizzat li, b'għajjnuna xierqa, in-nies jistgħu jirkupraw, u oħrajn jagħmlu progress fuq livell suffiċċjenti ta' funzjonalità jew stabbiltà;

37. jenfasizza l-bżonn ta' riforma fis-servizzi relatati mas-saħħa mentali sabiex jissejsu fuq kura komunitarja ta' kwalità għolja fid-dar jew f'akkomodazzjoni protetta b'aċċess għall-kura soċjali u tas-saħħa xierqa; b'monitoraġġ regolari u b'evalwazzjoni; b'kura ta' mistrieħ għal nies bi problemi mentali u għall-kuraturi tagħhom; b'avviċinament permezz ta' ċentri apposta li jservu għal kollox sabiex ikun hemm aċċess għall-benefiċċji tas-saħħa, soċjali, tad-djar, tat-taħriġ, tat-trasport u tas-servizzi l-oħra; jenfasizza li dan għandu jkun appoġġat minn medda ta' servizzi in-patient għal bżonnijiet kbar, kroniċi jew sikuri imma għandu jkun hemm dejjem monitoraġġ indipendenti ta' kull min jirċievi kura obbligatorja b'żamma fl-isptar;

38. meta jżomm f'moħħu dan, jenfasizza l-bżonn li koperattivi iffurmati minn pazjenti psikjatriċi u l-attivitajiet kollha bil-għan li jinkludu l-utenti u dawk li kienu pazjenti jkunu appoġġati u r-riżorsi għat-taħriġ ta' l-istaff ikunu identifikati sabiex ikunu jistgħu jikkunsidraw il-bżonnijiet tal-pazjenti psikjatriċi;

39. jenfasizza l-bżonn ta' taħriġ kontinwu dwar kwistjonijiet ta' saħħa mentali għat-tobba tal-familja u professjonisti oħra fis-servizzi tal-kura tas-saħħa primarji;

L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006

40. jirrikonoxxi li l-gvern lokali għandu rwol integrali fil-promozzjoni ta' saħħa mentali tajba, fl-appoġġ ta' dawk b'saħħa mentali dgħajfa fil-komunità lokali tagħhom u sabiex ilaqqgħa punti diversi ta' avviciament b'ħafna aġenziji għat-twassil ta' servizzi tas-saħħa mentali;
41. jemmen li d-dijanjsi doppja ta' nies bi problemi ta' saħħa mentali u bi problemi ta' dipendenza għandhom iwasslu għal trattament simultanju;
42. jenfasizza li l-aspetti mentali u fiżiċi tas-saħħa huma magħquda u li d-disturbi mentali jistgħu jkollhom bażi bijoloġika, soċjali, emozzjonali jew storika li għandha tkun indirizzata sabiex avviciamenti oħra jkunu ta' suċċess;
43. jstieden għal attenzjoni akbar lill-konsegwenzi psikoloġiċi u s-sintomi ta' mard somatiku; jenfasizza l-bżonn li tingħata importanza ugwali lill-benessri mentali u fiżiku fil-protokoll tal-kura fl-isptar, inkluż it-trattament ta' mard serju u/jew li m'hemmx kura għalih; u jemmen li huwa essenzjali għall-personal mediku u paramediku li jaħdem f'oqsma speċjalizzati li jingħata taħriġ kontinwu fil-psikopatoloġija għaliex ħafna drabi d-disturbi jibqgħu bla dijanjsi jew ikunu sottovalutati;
44. jappoġġja l-kummenti tal-Kummissjoni fuq id-destituzzjonalizzazzjoni, għax qagħda fit-tul f'istituzzjonijiet psikijatriċi tista' twassal għal tkomplija u għal aggravament ta' kundizzjonijiet psikopatoloġiċi, l-infurzar ta' l-istigma u l-esklużjoni soċjali, imma jirrikonoxxi li għandhom isiru sforzi akbar sabiex il-pubbliku jkun konvint li jinkisbu riżultati aħjar meta nies b'disturbi mentali kbar u disturbi relatati mat-tagħlim jingħataw kura fil-komunità;
45. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, permezz tal-Programm ta' Saħħa Pubblika, għandha tiġbor dejta dwar il-mard mentali, ir-rati ta' l-irkupru ta' pazjenti li jkunu hađu l-kura u l-effikaċja ta' l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-soċjeta;
46. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tidentifika siti u eżempji ta' prassi tajba u xxerred id-dettalji tagħhom ma' l-Istati Membri kollha, u li dawn is-"Siti ta' Dimostrazzjoni" jkunu kumparabbli mas-siti tal-WHO tal-programm tan-"Nazzjonijiet għas-Saħħa Mentali"; jikkunsidra li s-siti ta' dimostrazzjoni, il-"kuri ta' dimostrazzjoni" u d-"dimostrazzjoni ta' l-istrategġiji ta' prevenzjoni" jistgħu jkunu metodi importanti kif jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa mentali bejn l-Istati Membri; jstieden lill-Kummissjoni sabiex tinvolvi istituzzjonijiet ta' għarfien fl-identifikazzjoni ta' siti ta' dimostrazzjoni, ta' kura ta' dimostrazzjoni u ta' dimostrazzjoni ta' l-istrategġiji ta' prevenzjoni;
47. jemmen li, minħabba li l-persuni kollha (skond ir-Riżoluzzjoni 46/199 ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tas-17 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-persuni b'mard mentali u t-titjib tal-kura tas-saħħa mentali) għandhom id-dritt għall-aħjar kura tas-saħħa mentali disponibbli, l-aħjar prassi għandhom jinxterdu u jkun disponibbli għaċ-ċittadini kollha l-informazzjoni rilevanti;
48. jemmen li l-kelma "kura" għandha tkun interpretata b'mod wiesa', b'enfasi fuq l-identifikar u l-eliminazzjoni tal-fatturi soċjali u ambjentali, u l-użu ta' mediċini għandu jkun l-aħħar għażla, partikularment fil-każ ta' tfal u żgħażaġh; jikkritika t-tkattir tal-medikalizzazzjoni u l-ippatoloġizzar ta' l-istadji tal-ħajja, mingħajr tfittix komprensiv għall-kawżi; jstieden sabiex jiġu kkunsidrati fatturi bħall-esperjenzi personali, il-familja, l-appoġġ soċjali u l-kundizzjonijiet ta' l-għejxien u tax-xogħol li għandhom irwol importanti fil-mard mentali kif ukoll fil-fatturi ġenetiċi;
49. Jiġbed l-attenzjoni dwar in-numru kbir ta' tfal li jikbru f'istituzzjonijiet ta' kura statali fuħud mill-Istati Membri, speċjalment fuħud minn dawk ġodda; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja b'mod aktar effettiv il-ħolqien ta' sistemi alternattivi, li għandhom jgħinu lill-ġenituri li ġejjin mill-gruppi fir-riskju li jieħdu ħsieb ta' wliedhom kif support; jitlob għall-proġett "Is-saħħa mentali tat-tfal u l-adoloxxenti f'Ewropa mkabbra: l-iżvilupp ta' linji politiċi u Prattiki effettivi," li jikkoordina l-progress fl-istrategġija tas-saħħa mentali fit-tfal fl-Istati Membri ta' l-UE, li jibda mill-aktar fis possibbli u implimentat b'mod effettiv;

**L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006**

50. jemmen ukoll li barra mill-kura, l-ambjent soċjali u tax-xogħol xieraq, kif ukoll l-appoġġ tal-familja u tal-komunita' huma b'zonnjuzi għall-prevenzjoni tal-problemi relatati mas-saħħa mentali u mat-titjib u l-promozzjoni tal-benessri u ta' l-istrateġija terapewtika għar-rijabilitazzjoni ta' min isofri minn disturb mentali; jenfazizza l-b'zonn ta' rċerka fl-ambjenti li jwasslu għas-saħħa mentali u l-irkupru;

51. iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja riformi kontinwi fi kwalunkwe Stat Membru li kien jipprattika l-abbuż tal-psikjatrija, l-użu tal-mediċini aktar mill-b'zonn, prattiki inumani b'has-soddod f'għamla ta' gaggga jew l-użu eċċessiv ta' ċelel ta' iżolament, partikolarment **f'uħud mill-Istati Membri l-ġodda; jisħaq li f'uħud mill-Istati Membri l-ġodda l-indikaturi tas-saħħa mentali fis-soċjetà bħala regola huma mexjin fid-direzzjoni l-ħażina, b'ħafna suwiċidji, vjolenzi u dipendenzi, speċjalment fuq l-alkoħol; jenfazizza li dawn il-pajjiżi wirtu sistemi ta' kura inadegwati fis-saħħa mentali u ħafna istituzzjonijiet psikjatriċi u ta' kura li jżidu l-esklużjoni soċjali u l-istigma, filwaqt li fl-istess ħin hemm nuqqas ta' servizzi fil-komunità li jhejtiegu jkunu integrati f'sistemi ta' saħħa ġenerali u protezzjoni soċjali**; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tpoġġi r-riforma tal-psikjatrija fuq l-aġenda tan-negożjati għas-sħubija ma' l-UE; jikkunsidra li l-ħabs mhux ambjent xieraq għal dawk li jbatu minn mard tal-moħħ u li għandhom jinstabu alternattivi;

52. jistieden għal aktar rċerka fl-intervenzjonijiet terapewtiċi u psikoloġiċi, fl-iżvilupp ta' mediċini aktar effettivi u b'inqas effetti mhux mixtieqa, fil-fatturi li jwasslu għad-disturbi mentali u s-suwiċidju, fl-eżitu ta' miżuri għall-investiment fil-promozzjoni tas-saħħa mentali u fil-metodi li jikkontribbwixxu għall-irkupru b'suċċess u għat-titfija; b'mod partikolari jistieden sabiex tingħata attenzjoni speċjali lir-rċerka f'mediċini aktar adattati għat-tfal; jenfazizza wkoll li r-rċerka m'għandhiex tkun limitata għall-prodotti farmaċewtiċi imma għandha testendi wkoll għal studji epidemoloġiċi, psikoloġiċi u ekonomiċi dwar il-komunità u l-fatturi soċjali tal-mard mentali; jistieden ukoll għal żieda fl-involviment ta' l-utenti tas-servizzi f'kull aspekk tar-rċerka fil-mard mentali;

53. jemmen li hemm b'zonn aktar rċerka fil-fatturi li jwasslu għall-istigma u l-metodi ta' kif tista' tint-għeleb; l-esperjenza ta' utenti individwali tas-servizz u tal-kuraturi tagħhom; relazzjonijiet li jaħdmu bejn servizzi differenti u l-professjonijiet u l-utenti preċedenti tas-servizz; u d-dispożizzjoni lil hinn mill-fruntieri;

54. jemmen li s-servizzi għas-saħħa mentali għandhom jirċievu biżżejjed fondi sabiex jirriflettu l-ispiża fuq id-disturbi mentali għall-individwi, għas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, u għas-soċjetà ġenerali, sabiex tkun effettiva u tispira l-fiducia tal-pubbliku;

55. jemmen li huwa essenzjali li jkunu applikati metodi individwali ta' kwalità għolja sabiex tkun promossa s-saħħa mentali, b'mod li jitqiesu il-b'zonnijiet partikulari ta' l-individwi u l-gruppi fil-mira;

56. jirrikonoxxi l-kontribut siwi li l-membri tal-familja u l-kuraturi informali jagħtu fl-appoġġ ta' nies bi problemi mentali, u bl-istess mod jirrikonoxxi li ħafna minnhom ikollhom il-b'zonnijiet ta' kura tagħhom infushom, u jkollhom b'zonn ta' informazzjoni u appoġġ minn nies professjonali jekk ikunu jridu jkomplu jipprovdur kura; jirrikonoxxi wkoll il-kontribut siwi li l-utenti tas-servizz jagħtu fl-appoġġ lil xulxin;

57. jenfazizza l-b'zonn li jkunu użati vokabularju u terminoloġija li jgħinu fil-għieda kontra l-istigma, per eżempju miżuri li jneħħu l-preġudizzji, li jibdlu l-attitudnijiet u li jikkritikaw l-isterjotipi fir-rigward ta' kull kategorija ta' disturb mentali;

58. jistieden għall-formazzjoni ta' "Grupp għall-Koordinazzjoni u l-Monitoraġġ tas-Saħħa Mentali" stabbilit mill-Kummissjoni sabiex tinġabar informazzjoni dwar il-prassi fis-saħħa mentali u l-promozzjoni fl-UE, sabiex ssir evalwazzjoni tas-suffiċjenza (kemm ta' numru u kemm ta' taħriġ) tan-nies professjonali u ta' l-infrastruttura eżistenti fil-kamp tas-saħħa mentali; jenfazizza li l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti li jipprovdur t-trattament, l-istituzzjonijiet ta' kura u l-istituzzjonijiet ta' għarfien għandhom ikunu involuti f'dan il-Grupp ta' Koordinazzjoni u Monitoraġġ;

L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006

59. jistieden lill-Kummissjoni sabiex issegwi l-Green Paper bi proposta għal direttiva dwar is-saħħa mentali fl-Ewropa u d-difiża ta' tad-drittijiet ċivili u d-drittijiet fundamentali tal-persuni li jsofru minn disturbi mentali u tar-rispett għalihom;

60. ihegġegħ lill-UE u l-pajjiżi ta' l-ACP sabiex jaħdmu mill-qrib fl-investiment f'saħħa mentali tajba permezz ta' l-iżvilupp u l-politiki ta' Kotonou;

61. jagħti istuzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-pajjiżi li qed jaderixxi u lill-pajjiżi kandidati, lill-pajjiżi ta' l-ACP u lid-WHO Ewropa.

---

P6\_TA(2006)0342

## **Simplifikazzjoni u titjib tal-Politika Komuni tas-Sajd (2006-2008)**

### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Pjan ta' Azzjoni 2006 — 2008 għas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-Politika Komuni tas-Sajd (2006/2053(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament intitolata "Pjan ta' Azzjoni 2006 — 2008 għas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-Politika Komuni tas-Sajd" (COM(2005)0647),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Perspettivi għas-simplifikazzjoni u t-titjib ta' l-ambjent regolatorju tal-Politika Komuni tas-Sajd" (COM(2004)0820), u d-dokument ta' ħidma taql-persunal tal-Kummissjoni intitolata "Analiżi tal-possibilitajiet li l-ambjent regolatorju tal-Politika Komuni tas-Sajd ikun simplifikat, imtejjeb u implimentat" (SEC(2004)1596),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: Strateġija għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju" (COM(2005)0535),
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' April 2005 rigward il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Perspettivi ta' simplifikazzjoni u ta' titjib ta' l-ambjent regolatorju tal-Politika Komuni tas-Sajd" (8077/2005),
  - wara li kkunsidra l-ftehim interistituzzjonali dwar leġiżlar aħjar li kien konkluż fis-16 ta' Diċembru 2003 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (<sup>1</sup>),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0228/2006),
- A. billi t-titjib u s-simplifikazzjoni ta' l-ambjent leġiżlattiv, bil-għan li jsir aktar effiċjenti u trasparenti, hu prijorità ta' l-Unjoni Ewropea għall-benefiċċju taċ-ċittadini fil-qafas ta' l-infurzar tal-kompetittività, tat-tkabbir u ta' l-iżvilupp sostenibbli, b'hekk jikkontribwixxi għall-oġettivi ta' Liżbona,
- B. billi l-korpi amministrattivi fl-Istati Membri u dawk li jaħdmu fil-qasam tas-sajd jiddeploraw it-tixrid u l-ikkuntrastar ta' miżuri, in-nuqqas ta' ċarezza u ta' aċċessibilità fil-każ ta' testi eżistenti u ta' diffikultajiet li jirriżultaw minn piż amministrattiv maħluq minn għadd kbir ta' rekwiżiti li uħud minnhom huma żejda,
- C. billi s-simplifikar tar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (CFP) jitlob għal involviment estensiv tas-sajjeda u ta' partijiet oħra kkonċernati,

(<sup>1</sup>) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

**L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006**

- D. billi l-industrija tas-sajd għandha tkun konsultata fi skadenzi li jippermettu l-partiċipazzjoni effettiva tagħha u l-involvement minn qabel fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet,
- E. billi l-effikaċja tas-CFP hija marbuta mill-qrib ma' l-introduzzjoni ta' sistema armonizzata ta' ispezzjoni u monitoraġġ li tapplika għall kull min jaħdem fis-settur tas-sajd,
1. Jilqa' dan il-pjan ta' azzjoni settorali li huwa mfassal sabiex iħaffef u jtejjeb is-CFP;
  2. Jappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi stabbiliti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dawk impenjati fis-simplifikazzjoni, ċarezza u aktar aċċessibiltà ta' dokumenti eżistenti, b'hekk il-piż tax-xogħol u ta' l-ispejjeż amministrattivi tal-korpi amministrattivi responsabbli mis-sajd titħaffef, u jonqsu l-piż u r-restrizzjonijiet imposti fuq is-sajjeda;
  3. Jilqa' l-metodu propost mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-abbozzar ta' plan ta' azzjoni għal tliet snin li jkopru l-perijodu 2006-2008;
  4. Jaqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-isforzi biex isir simplifikar għandhom jiffokaw fuq il-politika ta' konservazzjoni u l-monitoraġġ ta' l-attivitajiet tas-sajd;
  5. Jikkunsidra li għandu jkun hemm konsultazzjoni aktar ġenwina u estensiva qabel leġiżlar mal-partijiet kollha affettwati mill-miżuri kkontemplati u din il-konsultazzjoni sa fejn hu possibbli għandha tkun magħmula fi stadju avanzat sabiex partijiet interessati ikunu jistgħu jagħtu kontribut effettiv lejn ix-xogħol preparatorju li jsir qabel kull proposta leġiżlattiva;
  6. Jikkunsidra li qabel kull proposta leġiżlattiva għandha ssir analiżi ta' l-impatt; li għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni preċiża, oġġettiva u komprensiva u għandha tkun pubblika fil-ħin opportun;
  7. Jikkunsidra li għandu jkun hemm perjodu xieraq bejn id-data tal-adozzjoni u d-data ta' l-implimentazzjoni ta' regoli ġodda, sabiex il-partijiet ikkonċernati ikunu jistgħu jadattaw rwiehom;
  8. Jikkunsidra li t-testi regolatorji għandhom jiġu abbozzati b'mod aktar preċiż u b'mod li jifhmuhom il-partijiet interessati;
  9. Jikkunsidra li l-istimi rigward l-effikaċja u l-implimentazzjoni tal-miżuri adottati għandhom isiru sistematikament fuq il-bażi ta' oġġettivi u ta' indikaturi definiti b'mod ċar;
  10. Jinsisti li l-korpi konsultattivi (b'mod partikolari l-Kumitati Konsultattivi Reġjonali u l-Kumitati Konsultattivi dwar is-Sajd u l-Akwakultura) għandu jkollhom rwol integrali fil-proċess tas-simplifikazzjoni u f'dak ta' l-evalwazzjoni u ta' implimentazzjoni ta' miżuri eżistenti u dawk ġodda; jikkonsidra li konsultazzjoni aktar mill-qrib ma' dawn il korpi għandha bla dubju tagħti r-riżultat li dawk involuti fis-settur tas-sajd jifhmu aktar il-leġiżlazzjoni dwar is-sajd;
  11. Jikkunsidra li l-istruttura legali u d-dispożizzjonijiet rigward il-miżuri tekniċi, il-miżuri ta' l-immaniġġjar tas-sajd, il-miżuri ta' monitoraġġ u l-limiti ta' qbid għandhom ikunu irreveduti bil-għan li t-testi ikunu ċċarati, biex isiru aktar konsistenti u jiffaċilitaw il-qari, billi jħassru dispożizzjonijiet skaduti u jqassru u jikkonsolidaw id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw kull aspett tas-CFP;
  12. Jappoġġa s-simplifikazzjoni tal-linji gwida mniżżla fil-pjan ta' azzjoni għar-regolamentazzjoni tal-qbid totali permess (TACs)/kwoti u l-isforz tas-sajd, b'mod partikolari it-trattament separat ta' komponenti diversi eżistenti, immirati lejn deċiżjonijiet ta' gruppi uniformi u l-iżvlupp ta' approċi multiannwali;
  13. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirriforma leġiżlazzjoni eżistenti billi bil-mod jgħaqqad flimkien miżuri tekniċi relatati mas-sajd, u fl-istess ħin jiċċara d-dispożizzjonijiet fis-seħħ u jiżgura li r-regoli kollha huma konsistenti u koordinati aħjar;

## L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006

14. Jiċħad il-possibilità mogħtija mill-Kummissjoni li tissottometti lill-Kunsill regolament 'qasir' dwar il-miżuri tekniċi, li warajh għandhom isegwu regolamenti dettaljati tal-Kummissjoni, ladarba l-korp ta' miżuri tekniċi li minnu l-flotta tal-Komunità qed tiġi gwidata ma tistax titneħħa mid-dibattitu u mill-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill;
15. Huwa ta' l-opinjoni li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-possibilità li l-Istati Membri jkunu awtorizzati li jadottaw ċertu miżuri tekniċi applikabbli lokalment; bil-għan li jipprevjeni li dawn is-soluzzjonijiet ikollhom impatt ambjentali negattiv, jikkunsidra li għandhom isiru evalwazzjonijiet perjodiċi ta' l-implimentazzjoni tagħhom;
16. Jinnota li l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond l-Politika għas-Sajd Komuni<sup>(1)</sup> diġà jippermetti lill-Istati Membri li jadottaw miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi tas-sajd u li jnaqqsu kemm jista' jkun l-effett tas-sajd fuq il-konservazzjoni ta' l-ekosistemi tal-baħar sa 12-il mil nawtiku mill-linji ta' bażi tagħhom; iħeġġeġ il-Kummissjoni sabiex tipproċedi bil-mod b'estenzjoni ta' dan il-prinċipju, għaliex awtorizzazzjoni sabiex jiġu adottati ċertu miżuri tekniċi lokali jista' jirriżulta f'kundizzjonijiet diskriminatorji fl-Istati Membri kkonċernati;
17. Japprova l-iżvilupp ta' metodi immirati każ b'każ għal reġjuni individwali jew industrij tas-sajd individwali, ibbażati sewwa fuq kriterji ta' protezzjoni tar-riżorsi u analiżi ta' impatt soċjo-ekonomiku magħmul bir-reqqa, u jikkunsidra li l-partijiet kollha kkonċernati għandhom ikunu involuti mill-qrib fl-iżvilupp ta' dawn l-approċi;
18. Jikkunsidra li l-pjanijiet ta' l-irkupru u ta' l-immaniġġjar proposti mill-Kummissjoni bħala parti mis-CFP għandhom ikunu flessibbli bi qbil ma ċirkostanzi attwali tas-sajd fid-diversi Stati Membri;
19. Japprova l-użu akbar mill-kompjuters, mit-teknoloġiji ta' l-informatizzjoni u mill-awtomatizzazzjoni sabiex l-aċċess għal-leġiżlazzjoni Komunitarja jkun iffaċilitat u sabiex il-ġbir u t-trasferiment tad-data intiża għall-amministraturi fl-Istati Membri u għan-nies li jaħdmu fis-settur jkun razzjonali u ffaċilitat;
20. Jikkunsidra li l-informazzjoni dwar leġiżlazzjoni m'għandhiex tkun biss mogħddija mill-mezzi istituzzjonali imma għandha tasal ukoll għand partijiet interessati b'mod dirett, permezz ta' assoċjazzjonijiet, ta' kunsilli konsultattivi reġjonali, ta' l-internet u ta' l-abbozzar ta' kodiċijiet ta' mġieba;
21. Jikkunsidra li l-użu ta' teknoloġija ġdida fuq il-bastimenti tas-sajd għandhom ikunu miżjuda bil-mod, u għandhom isiru eżenzjonijiet fil-każ ta' l-iżgħar bastimenti u b'perjodi ta' tranżizzjoni adegwatament twal li għandhom jiġu stabbiliti sabiex is-settur ikun jista' jadatta ruħu;
22. Jikkunsidra li l-ghajjnuna Komunitarja għandha tingħata għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u għal taħriġ speċifiku meħtieġ;
23. Jikkunsidra li d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-aspetti kollha relatati mal-monitoraġġ u s-sorveljanza ta' l-attivitatijiet tas-sajd għandhom ikunu ikkonsolidati u riformulati;
24. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi d-dispożizzjonijiet komunitarji rigward id-daqsijiet minimi bil-għan li jkunu armonizzati;
25. Jerġa' jiddikjara li sistema armonizzata ta' ispezzjoniet u monitoraġġ li tapplika għal dawk kollha li jaħdmu fis-settur u li tkun akkompanjata b'sett uniformi ta' dispożizzjonijiet ta' interpretazzjoni u ta' proċedura ta' penali għandha tkun imwaqqfa b'urġenja sabiex tissaħħa il-fiduċja tas-sajjieda fil-prinċipju bażiku ta' trattament ugwali; jikkunsidra li l-Aġenzija Komunitarja għall-Monitoraġġ ta' l-industrija tas-sajd għandha tikkontribwixxi lejha dan l-oġettiv;
26. Jilqa' l-prinċipju ġenerali rigward ir-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtaġġ imposti fuq l-Istati Membri u fuq is-settur imma jenfasizza l-irwol kruċjali li ċertu rapporti tal-Kummissjoni għandhom, partikolarment dawk li jservu ta' monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tas-CFP;

(<sup>1</sup>) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.



**L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006**

27. Jikkunsidra li l-amministrazzjoni ta' l-awtoritajiet barra l-ibħra tal-Komunità (u tad-data dwar il-qbid u l-isforz rigward dawn l-attivitajiet) għandhom ikunu iċċarati, imtejba u kompjuterizzati, u jilqa' l-inizjattivi li l-Kummissjoni diġà ħadet f'dan il-qasam;
28. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-proċeduri kumplessi u twal applikati mill-Unjoni Ewropea sabiex issir traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjunali tas-Sajd fil-liġi Komunitarja mhumiex mixtieqa, imma huwa ta' l-opinjoni li ħafna mill-kumplessitajiet fit-traspożizzjoni ġejjin mill-burokrazija eċċessiva fi ħdan il-Kummissjoni nnifisha u għalhekk jirrifjuta kategorikament il-possibilità li jsir proċess ta' simplifikazzjoni li jkollu r-riżultat li l-Parlament Ewropew ikun misruq mir-responsabbiltajiet tiegħu f'dak li jirrigwarda l-intervent tiegħu fil-proċessi leġiżlattivi;
29. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tiffinalizza 'ftehim standard' għaż-żewġ kategoriji prinċipali ta' ftehimiet ta' sħubija tas-sajd (dawk imħalltin u dawk tat-tonn) fuq il-bażi ta' liema d-drittijiet u l-obligazzjoniet taż-żewġ partijiet (il-Komunità u pajjiż terz) ikunu imsejsa;
30. Jikkunsidra li l-proċess ta' negozjar u t' monitoraġġ tal-ftehimiet ta' sħubija tas-sajd għandhu, bħala prijorità, ikun maħdum mill-ġdid u ssimplifikat u jilqa' l-isforzi li l-Kummissjoni għamlet reċentement f'dan il-qasam;
31. Huwa lest li jikkontribwixxi b'mod attiv lejn l-isforz neċessarju sabiex ikun implimentat il-proċess ta' simplifikazzjoni u jistieden għal djalogu interistituzzjonali kontinwu dwar leġiżlar aħjar fir-rigward tas-CFP;
32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6\_TA(2006)0343**

## **Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (COM(2005)0181 — COM(2006)0213 — C6-0234/2005 — 2005/0090(CNS))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0181) <sup>(1)</sup> u l-proposta modifikata (COM(2006)0213) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 279 tat-Trattat KE u l-Artikolu 183 tat-Trattat Euratom, skond liema Trattati l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0234/2005),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġjar finanzjarju sod <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-konsultazzjoni mill-ġdid miegħu min-naħa tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2006 (C6-0207/2006),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 <sup>(3)</sup> u tas-6 ta' Lulju 2006 <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 54(3) u 56 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

<sup>(1)</sup> Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

<sup>(2)</sup> ĠU C 139 14.6.2006, p. 1.

<sup>(3)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0085.

<sup>(4)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0312.

L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006

1. Jinnota li l-Kummissjoni bidlet il-proposta taġġha skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE u, b'mod partikulari, li l-prinċipju ta' proporzjonalità, it-talba għal iktar trasparenza, id-database tal-parteċipanti esklużi u r-rapporti annwali ta' l-Istati Membri ġew inkorporati, kif mitlub mill-Parlament waqt il-votazzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006;
2. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-inkorporazzjoni tal-prinċipju ta' kontroll intern effettiv u effiċjenti, inkluż livell ta' riskju tollerabbli;
3. Japprova l-proposta modifikata tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2006 sakemm din tikkunsidra l-emendi tal-Parlament, madanakollu bla preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006, u tas-6 ta' Lulju 2006, li għadhom japplikaw mingħajr riservi;
4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
5. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-Artikolu 45 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dix-xiplina baġitarja u l-immaniġjar finanzjarju sod u lejn id-Dikjarazzjoni Nru 6 annessa magħha; jistieden lill-Kunsill sabiex jadotta l-linji gwida konġunti tiegħu u sabiex jibda l-proċedura ta' konċiljazzjoni skond id-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-4 ta' Marzu 1975 <sup>(1)</sup>;
6. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 89, 22.4.1975, p. 1.

**P6\_TA(2006)0344**

## **Ftehma UE-Albania**

### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konklużjoni tal-Ftehma ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u r-Repubblika ta' l-Albanija**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra (COM(2006)0138),
  - wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress mill-Kummissjoni dwar l-Albanija fil-kuntest tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tad-9 ta' Novembru 2005 (SEC(2005)1421),
  - wara li kkunsidra d-Dokument Strateġiku tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir tad-9 ta' Novembru 2005 (COM(2005)0561) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Marzu 2006 dwar id-Dokument Strateġiku tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir ta' l-2005 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2006 dwar din il-kwistjoni <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Albanija tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex taderixxi ma' l-SSA mal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom,
- B. billi l-SSA se tieħu post il-Ftehma ta' Koperazzjoni Kummerċjali u Ekonomika ta' l-1992,

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0096.

<sup>(2)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0339.

**L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006**

- C. billi l-konklużjoni ta' l-SSA ma' l-Albanija tqiegħed lir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Albanija fuq bażi kuntrattwali ġdida li ttiprovdi opportunitajiet ġodda għall-Albanija sabiex tippromwovi l-istat tad-dritt, biex issaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha, biex tikkontribwixxi għall-istabbiltà tagħha, li hija ta' importanza ewlenija għar-reġjun kollu, kif ukoll sabiex tkabbar il-koperazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea,
- D. billi l-Kunsill Ewropew ta' Tessalonika tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 tenna d-determinazzjoni tiegħu li jappoġġja b'mod sħiħ u effettiv il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-punent tal-Balkani, li se jsiru parti integrali mill-UE, ladarba jissodisfaw il-kriterji stabbiliti,
- E. billi l-Albanija għadha tħabbat wiċċha ma' sfidi serji sabiex tegħleb il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, sabiex tilħaq l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni adottata, ittejjeb l-amministrazzjoni pubblika u sabiex tiġġieled kontra t-traffikar tal-persuni u tad-drogi,
- F. billi l-aħħar elezzjonijiet parlamentari fl-Albanija ġew ikkritikati u kkunsidrati bħala mhux konformi ma' l-impenji ta' l-OSCE/ODIHR u ma' standards internazzjonali oħrajn għal elezzjonijiet demokratiċi,
1. Jilqa' l-SAA li għandha ttiprovdi l-prospett għal relazzjoni kuntrattwali mill-qrib u komprensiva bejn l-UE u l-Albanija, li tkun strumentali sabiex tintlaħaq stabbiltà politika, ekonomika u istituzzjonali, fil-pajjiż kif ukoll fir-reġjun kollu, u sabiex tippromwovi l-mixja ta' l-Albanija lejn demokrazija pluralista li tirrispetta l-istat tad-dritt u lejn ekonomija tas-suq li tiffunzjona;
  2. Jemmen li l-progress sabiex jintlaħqu l-istandards stipulati fl-SAA għandu jiġi mmoniterjat, permezz ta' punti ta' referenza li jistgħu jitkejlu, mill-Kunsill ta' l-SAA u mill-kumitat parlamentari konġunt rilevanti;
  3. Jirrifere għall-vantaġġi fuq tul taż-żmien ta' l-SAA, kemm għall-poplu Albaniż kif ukoll għall-UE; jinnota li l-vantaġġi ewlenin ta' l-SAA jinsabu fl-ilħuq ta' l-għan ta' żona kompletament hielesa ta' kummerċ u l-istabbiliment ta' impenn legali ċar għall-koperazzjoni fl-oqsma ta' interess komuni, kif ukoll fil-promozzjoni ta' ambjent legali li jkun aktar stabbli għall-investituri;
  4. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Albanija sabiex jagħmlu użu mill-SAA bħala opportunità li tibbenefika lit-tnejn; barra minn hekk jagħti parir lill-Albanija sabiex tisfrutta l-opportunita' sabiex tfittex rokna fis-suq Ewropew li tgħodd għaliha u tiżviluppa kompetittività f'setturi magħżulin;
  5. Jirrakkomanda lill-Albanija biex tikkonċentra aktar fuq l-iżvilupp tal-potenzjal ekonomiku tagħha, mhux l-anqas permess tat-**titjib u possibilment** it-tkabbir ta' l-infrastruttura **eżistenti** tagħha **tat-trasport** u l-iżvilupp tat-turiżmu **sostenibbli, kemm ambjentalment kif ukoll soċjalment**; jiddispijaċi għat-tnaqqis riċenti fl-għajjuna għall-azzjoni esterna, kif previst fil-Qafas Finanzjarju; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tassensja biżżejjed fondi **għat-titjib** ta' l-infrastruttura tal-pajjiż, b'mod partikulari għall-iżvilupp tat-trasport **pubbliku**;
  6. Jikkonferma, bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tessalonika tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003, l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-perspettiva Ewropea ta' l-Albanija u l-integrazzjoni futura tagħha fil-familja Ewropea; madankollu jemmen li l-impenn ta' l-Albanija fir-rigward tal-valuri u l-istandards Ewropej huwa qabel kollox għall-gwadann tagħha nnifisha u għandha għalhekk taħdem għalih bħala għan fih innifsu;
  7. Jinnota r-riformi li l-Albanija wetqet sabiex toħloq stat ibbażat fuq il-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-ekonomija tas-suq ħieles, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba; madankollu jenfasizza li l-Albanija teħtieġ li tespandi dawn ir-riformi u turi riżultati aktar tanġibbli, b'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fil-Ftehma ta' Sħubija Ewropea, u tikseb rekord sostenut ta' implimentazzjoni b'suċċess ta' l-SAA sabiex timxi lejn stadju aktar avanzat fl-integrazzjoni Ewropea; huwa partikolarment imħasseb dwar in-nuqqas ta' progress sostanzjali fir-rigward ta' l-implimentazzjoni sħiħa tal-liġijiet adottati; jikkunsidra importanti ħafna li tissaħħaħ sew il-kapaċità amministrattiva, li tiġi riformata l-ġudikatura, fil-waqt li tissaħħaħ l-indipendenza tagħha, li jitħarsu d-drittijiet tan-nisa, li tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata u li tiġi promossa l-libertà tal-midja, filwaqt li l-midja nfushom għandhom iħabirku għat-trasparenza;

## L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2006

8. Jinnota li l-gvern impenja ruħu sabiex irażżan il-kriminalità organizzata, inkluża d-deċiżjoni li jipproj-bixxi l-użu ta' spidbowts sabiex jikkumbatti t-traffiku ta' persuni u l-kuntrabandu tad-droga, iżda jinsisti li l-Albanija trid turi aktar progress sostanzjali fil-ġlieda kontra l-forom kollha tal-kriminalità organizzata, b'mod partikolari t-traffikar ta' nisa u ta' tfal għal raġunijiet ta' sfruttament sesswali, sfruttament fuq ix-xogħol jew sabiex iġeġhluhom jittallbu, bħala prerekwiżit għal koperazzjoni aktar fil-fond ma' l-UE; jistieden lill-Kummissjoni sabiex, f'dan ir-rigward, tkompli ssaħħaħ l-appoġġ tagħha lill-awtoritajiet Albaniżi;
9. Jinnota l-isforzi tal-gvern fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata; josserva li l-korruzzjoni hija ostaklu ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Albanija u għaldaqstant jistenna li l-kampanja tal-gvern tkompli tagħti riżultati tanġibbli; huwa ta' l-opinjoni li l-korruzzjoni m'għandha l-ebda kulur politiku u għandha tiġi miġġielda mingħajr ebda distinzjoni ta' affiljazzjoni politika;
10. Jinkuraġġixxi lill-entitajiet governattivi Albaniżi sabiex jagħtu setgħat lis-soċjetà ċivili billi jipprovduha opportunitajiet aktar wiesgħa sabiex tipparteċipa fid-disinn ta' politika u fil-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni u l-effettività tiegħu fil-livelli kollha tal-gvern sabiex tittejjeb il-kwalità u l-kredibilità tar-riforma, kif ukoll sabiex tiżdied it-trasparenza u r-responsabilità;
11. B'rispett jinnota l-isforzi magħmula mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni sabiex jirrifirma s-settur ta' l-edukazzjoni iżda jħeġġeġ lill-gvern ħalli jiggarantixxi opportunitajiet ugwali ta' taġlim għat-tfal madwar il-pajjiż kollu;
12. Jenfasizza li għad hemm vjolazzjonijiet sinifikanti tad-drittijiet tal-bniedem fl-Albanija li għandhom jiġu indirizzati; iħeġġeġ lill-gvern ta' l-Albanija biex jimplementa r-riformi meħtieġa ħalli jagħti l-aċċess għal difiża legali lil dawk detenuti, sabiex jikkumbatti t-tortura, il-brutalità jew it-trattament inuman jew degradanti; jitlob lill-gvern sabiex iwettaq ir-riformi leġiżlattivi rilevanti li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi tal-Familja ta' l-2003, b'mod partikolari sabiex il-vjolenza domestika titqies bħala reat kriminali;
13. Itenni s-sejħa tiegħu lill-Komunitajiet Ewropej sabiex jgħinu lill-Albanija ġġib fit-tmiem il-persistenza tal-"vendetta bid-demmi", li tikkostitwixxi falliment fl-istat tad-dritt u li hija kontra l-valuri Ewropej b'mod fundamentali;
14. Jinnota li s-sistema elettorali attwali għet użata fl-aħħar elezzjonijiet parlamentari fl-2005 sabiex tgħawweġ il-prinċipju tal-proporzjonalità, magħruf ukoll bħala 'il-fenomeni ta' Dushk', u jħeġġeġ lill-Gvern u lill-Parlament Albaniż sabiex jirrifirmaw aktar is-sistema qabel l-elezzjonijiet lokali li jmiss billi jimxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-OSCE/ODIHR, b'mod partikolari fir-rigward tal-preċiżjoni tal-listi ta' votanti u tar-reġistri ċivili;
15. Jappella lill-Albanija sabiex tagħmel aktar sforzi biex tħares id-drittijiet tal-minoranzi, inklużi d-drittijiet tal-minoranza Griega fl-Albanija, u sabiex tikkonkludi u timplimenta l-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-minoranzi sabiex issostni l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti rratifikati mill-Albanija; jinnota li b'mod partikolari jinħtieġu aktar sforzi fir-rigward taż-żieda fl-użu tal-lingwi tal-minoranzi fir-relazzjonijiet taċ-ċittadini ma' l-awtoritajiet u l-wiri ta' ismijiet lokali tradizzjonali, tat-titjib ta' l-aċċess għall-midja ta' persuni li ġejjin minn minoranzi, u ta' l-estensjoni tat-taġlim tal-lingwi tal-minoranzi; jinnota n-nuqqas ta' informazzjoni statistika eżatta dwar il-minoranzi nazzjonali;
Hedkvist Petersen, Howitt, Hughes, Hutchinson, Ilves, Jørgensen, Kindermann, Kinnock, Krehl, Kreissl-Dörfler, Kuc, Kuhne, Laignel, Lambrinidis, Lavarra, Le Foll, Leichtfried, Leinen, Liberadzki, Madeira, Mañka, Mann Erika, Martin David, Martínez Martínez, Mastenbroek, Matsouka, Medina Ortega, Menéndez del Valle, Mikko, Moraes, Moreno Sánchez, Muscat, Myller, Napoletano, Navarro, Obiols i Germà, Paasilinna, Panzeri, Peillon, Piecyk, Piniór, Pittella, Pleguezuelos Aguilar, Poinant, Rapkay, Reynaud, Riera Madurell, Rocard, Rouček, Roure, Sacconi, dos Santos, Savary, Schapira, Scheele, Schulz, Segelström, Sifunakis, Simpson, Skinner, Sornosa Martínez, Stockmann, Swoboda, Szejna, Thomsen, Titley, Trautmann, Tzampazi, Valenciano Martínez-Orozco, Van Lancker, Vaugrenard, Vergnaud, Vincenzi, Walter, Weiler, Wiersma, Willmott, Yañez-Barnuevo García, Zani

**UEN:** Angelilli, Crowley, Kamiński, Krasts, Kristovskis, La Russa, Muscardini, Ó Neachtain, Pirilli, Roszkowski, Ryan, Vaidere, Zile

**Verts/ALE:** Aubert, Beer, Bennahmias, Cohn-Bendit, Cramer, Evans Jill, Frassoni, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein Mintz, Harms, Horáček, Isler Béguin, Joan i Marí, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schmidt, Schroedter, Smith, Staes, Voggenhuber, Ždanoka

**Kontra: 13**

**GUE/NGL:** Seppänen, Svensson

**IND/DEM:** Batten, Clark, Goudin, Wise

**NI:** Bobošíková, Chruszcz, Giertych

**PPE-DE:** Cederschiöld, Fjellner, Ibrisagic

**Verts/ALE:** Schlyter

**Astensjonijiet: 11**

**GUE/NGL:** Figueiredo, Guerreiro, Liotard, Meijer

**IND/DEM:** Belder, Blokland, Sinnott

**NI:** Belohorská, Borghezio, Salvini

**Verts/ALE:** van Buitenen

**16. Riżoluzzjoni komuni B6-0471/2006 — Sri Lanka**

**Emenda 1**

**Favur: 55**

**ALDE:** Beaupuy, Geremek, Hall, Maaten, Malmström, Prodi

**IND/DEM:** Sinnott, Tomczak, Wise

**NI:** Czarnecki Ryszard, Dillen, Helmer, Rutowicz, Wojciechowski Bernard Piotr

**PPE-DE:** Andrikienė, Bauer, Bowis, Březina, Bushill-Matthews, Callanan, Caspary, Castiglione, Chichester, Chmielewski, De Blasio, Deß, Deva, Dover, Gahler, Gauzès, Grossetête, Heaton-Harris, Jeggle, Kaczmarek, Karas, Mann Thomas, Mathieu, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Panayotopoulos-Cassiotou, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Sudre, Van Orden, Vatanen, Vlasák, Wieland, Záborská, Zaleski

**PSE:** Hasse Ferreira

**UEN:** Libicki



Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

**Kontra: 27**

**ALDE:** Lynne, Matsakis

**GUE/NGL:** Brie, Kohlíček, Markov, Meijer, Pflüger, Strož, Triantaphyllides

**PSE:** Ayala Sender, Casaca, Douay, Ettl, Evans Robert, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Kindermann, Kuc, Martínez Martínez, Medina Ortega, Pinior, Roure, Scheele

**Verts/ALE:** Isler Béguin, Romeva i Rueda, Schlyter, Smith

**Korrezzjonijiet ta' vot**

**Favur:** Rainer Wieland

**17. Riżoluzzjoni komuni B6-0471/2006 — Sri Lanka**

**Emenda 5rev.**

**Favur: 28**

**ALDE:** Lynne, Matsakis

**GUE/NGL:** Brie, Kohlíček, Markov, Meijer, Pflüger, Strož, Triantaphyllides

**PSE:** Ayala Sender, Casaca, Douay, Ettl, Evans Robert, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Hasse Ferreira, Kindermann, Kuc, Martínez Martínez, Medina Ortega, Roure, Sakalas, Scheele

**Verts/ALE:** Isler Béguin, Romeva i Rueda, Schlyter, Smith

**Kontra: 51**

**ALDE:** Beaupuy, Geremek, Hall, Prodi

**IND/DEM:** Sinnott, Wise

**NI:** Czarnecki Ryszard, Dillen, Helmer, Rutowicz

**PPE-DE:** Andrikienė, Bauer, Bowis, Březina, Bushill-Matthews, Callanan, Caspary, Castiglione, Chichester, Chmielewski, De Blasio, Defß, Deva, Dover, Gahler, Gauzès, Grossetête, Heaton-Harris, Jeggle, Kaczmarek, Karas, Mann Thomas, Mathieu, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Panayotopoulos-Cassiotou, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Sudre, Van Orden, Vatanen, Vlasák, Wieland, Záborská, Zaleski

**UEN:** Libicki

**Astensjonijiet: 4**

**ALDE:** Maaten, Malmström

**IND/DEM:** Tomczak

**NI:** Wojciechowski Bernard Piotr

**Korrezzjonijiet ta' vot**

**Kontra:** Rainer Wieland

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

**18. Riżoluzzjoni komuni B6-0471/2006 — Sri Lanka****Emenda 2****Favur: 53**

**ALDE:** Beaupuy, Geremek, Hall, Maaten, Malmström, Prodi

**IND/DEM:** Sinnott, Tomczak, Wise

**NI:** Dillen, Helmer, Wojciechowski Bernard Piotr

**PPE-DE:** Andrikienė, Bauer, Bowis, Březina, Bushill-Matthews, Callanan, Caspary, Castiglione, Chichester, Chmielewski, De Blasio, Deß, Deva, Dover, Gahler, Gauzès, Grossetête, Heaton-Harris, Jeggle, Kaczmarek, Karas, Mann Thomas, Mathieu, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Panayotopoulos-Cassiotou, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Sudre, Van Orden, Vatanen, Vlasák, Wieland, Záborská, Zaleski

**UEN:** Libicki

**Kontra: 28**

**ALDE:** Lynne

**GUE/NGL:** Brie, Kohlíček, Markov, Meijer, Pflüger, Strož, Triantaphyllides

**PSE:** Ayala Sender, Casaca, Douay, Ettl, Evans Robert, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Hasse Ferreira, Kindermann, Kuc, Martínez Martínez, Medina Ortega, Piniór, Roure, Sakalas, Scheele

**Verts/ALE:** Isler Béguin, Romeva i Rueda, Schlyter, Smith

**Astensjonijiet: 1**

**ALDE:** Matsakis

**Korrezzjonijiet ta' vot**

**Favur:** Rainer Wieland

**19. Riżoluzzjoni komuni B6-0471/2006 — Sri Lanka****Emenda 4****Favur: 33**

**ALDE:** Lynne, Matsakis

**GUE/NGL:** Brie, Kohlíček, Markov, Meijer, Pflüger, Strož, Triantaphyllides

**IND/DEM:** Tomczak

**NI:** Rutowicz

**PPE-DE:** Bowis, Wieland

**PSE:** Ayala Sender, Casaca, Douay, Ettl, Evans Robert, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Hasse Ferreira, Kindermann, Kuc, Martínez Martínez, Medina Ortega, Piniór, Roure, Sakalas, Scheele

**Verts/ALE:** Isler Béguin, Romeva i Rueda, Schlyter, Smith

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

**Kontra: 48**

**ALDE:** Beaupuy, Geremek, Malmström, Prodi

**IND/DEM:** Sinnott, Wise

**NI:** Czarnecki Ryszard, Dillen, Helmer

**PPE-DE:** Andriksen, Bauer, Březina, Bushill-Matthews, Callanan, Caspary, Castiglione, Chichester, Chmielewski, De Blasio, Deß, Deva, Dover, Gahler, Gauzès, Grossetête, Heaton-Harris, Jeggle, Kaczmarek, Karas, Mann Thomas, Mathieu, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Panayotopoulos-Cassiotou, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Sudre, Van Orden, Vatanen, Vlasák, Záborská, Zaleski

**UEN:** Libicki

**Astensjonijiet: 3**

**ALDE:** Hall, Maaten

**NI:** Wojciechowski Bernard Piotr

**Korrezjonijiet ta' vot**

**Kontra:** John Bowis, Rainer Wieland

**20. Riżoluzzjoni komuni B6-0471/2006 — Sri Lanka**

**Emenda 3**

**Favur: 50**

**IND/DEM:** Sinnott, Tomczak, Wise

**NI:** Dillen, Helmer, Wojciechowski Bernard Piotr

**PPE-DE:** Andriksen, Bauer, Bowis, Březina, Bushill-Matthews, Callanan, Caspary, Castiglione, Chichester, Chmielewski, De Blasio, Deß, Deva, Dover, Gahler, Gauzès, Grossetête, Heaton-Harris, Jeggle, Kaczmarek, Karas, Mann Thomas, Mathieu, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Panayotopoulos-Cassiotou, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Sudre, Van Orden, Vatanen, Vlasák, Wieland, Záborská, Zaleski

**PSE:** Ayala Sender, Ettl, Evans Robert

**UEN:** Libicki

**Kontra: 29**

**ALDE:** Beaupuy, Geremek, Malmström, Prodi

**GUE/NGL:** Brie, Kohlíček, Markov, Meijer, Pflüger, Strož, Triantaphyllides

**NI:** Czarnecki Ryszard, Rutowicz

**PSE:** Casaca, Douay, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Hasse Ferreira, Kindermann, Kuc, Martínez Martínez, Medina Ortega, Pinior, Sakalas, Scheele

**Verts/ALE:** Isler Béguin, Romeva i Rueda, Schlyter, Smith

**Astensjonijiet: 4**

**ALDE:** Hall, Lynne, Maaten, Matsakis

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

**Korrezzjonijiet ta' vot****Favur:** Rainer Wieland**Kontra:** Inés Ayala Sender**21. Riżoluzzjoni komuni B6-0471/2006 — Sri Lanka****Riżoluzzjoni****Favur: 56****ALDE:** Beaupuy, Geremek, Hall, Maaten, Malmström, Matsakis, Prodi**IND/DEM:** Sinnott, Tomczak, Wise**NI:** Czarnecki Ryszard, Dillen, Helmer, Rutowicz, Wojciechowski Bernard Piotr**PPE-DE:** Andrikiéné, Bauer, Bowis, Březina, Bushill-Matthews, Callanan, Caspary, Castiglione, Chichester, Chmielewski, De Blasio, Deß, Deva, Dover, Gahler, Gauzès, Grossetête, Heaton-Harris, Jeggle, Kaczmarek, Karas, Mann Thomas, Mathieu, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Panayotopoulos-Cassiotou, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Sudre, Van Orden, Vatanen, Vlasák, Wieland, Záborská, Zaleski**UEN:** Libicki**Kontra: 26****ALDE:** Lynne**GUE/NGL:** Kohlíček, Meijer, Pflüger, Strož, Triantaphyllides**PSE:** Ayala Sender, Casaca, Douay, Ettl, Evans Robert, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Hasse Ferreira, Kindermann, Kuc, Martínez Martínez, Medina Ortega, Pinior, Roure, Sakalas, Scheele**Verts/ALE:** Isler Béguin, Romeva i Rueda, Schlyter, Smith**Astensjonijiet: 2****GUE/NGL:** Brie, Markov**Korrezzjonijiet ta' vot****Favur:** Rainer Wieland**22. Riżoluzzjoni komuni B6-0489/2006 —  
Dwar ċittadini mill-Korea ta' Fuq li jfittxu ażil, b'mod partikulari fit-Tajlandja****Riżoluzzjoni****Favur: 83****ALDE:** Beaupuy, Geremek, Hall, Lynne, Maaten, Malmström, Matsakis, Prodi**GUE/NGL:** Brie, Kohlíček, Markov, Meijer, Pflüger, Strož, Triantaphyllides**IND/DEM:** Sinnott, Tomczak, Wise**NI:** Czarnecki Ryszard, Dillen, Helmer, Rutowicz, Wojciechowski Bernard Piotr**PPE-DE:** Andrikiéné, Bauer, Bowis, Březina, Bushill-Matthews, Callanan, Caspary, Castiglione, Chichester, Chmielewski, De Blasio, Deß, Deva, Dover, Gahler, Gauzès, Grossetête, Heaton-Harris, Jeggle, Kaczmarek, Karas, Mann Thomas, Mathieu, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Panayotopoulos-Cassiotou, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Sudre, Van Orden, Vatanen, Vlasák, Wieland, Záborská, Zaleski

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

**PSE:** Ayala Sender, Casaca, Douay, Ettl, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Hasse Ferreira, Kindermann, Kuc, Martínez Martínez, Medina Ortega, Pinior, Roure, Sakalas, Scheele

**UEN:** Libicki

**Verts/ALE:** Isler Béguin, Romeva i Rueda, Schlyter, Smith

**23. Riżoluzzjoni komuni B6-0495/2006 — Żimbabwe****Riżoluzzjoni**

**Favur: 77**

**ALDE:** Beaupuy, Geremek, Hall, Lynne, Maaten, Malmström, Matsakis, Prodi

**GUE/NGL:** Meijer

**IND/DEM:** Sinnott, Tomczak, Wise

**NI:** Czarnecki Ryszard, Dillen, Helmer, Rutowicz, Wojciechowski Bernard Piotr

**PPE-DE:** Andrikienė, Bauer, Bowis, Březina, Bushill-Matthews, Callanan, Caspary, Castiglione, Chichester, Chmielewski, De Blasio, Deß, Deva, Dover, Gahler, Gauzès, Grossetête, Heaton-Harris, Jeggle, Kaczmarek, Karas, Mann Thomas, Mathieu, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Panayotopoulos-Cassiotou, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Saryusz-Wolski, Sudre, Van Orden, Vatanen, Vlasák, Wieland, Záborská, Zaleski

**PSE:** Arnaoutakis, Ayala Sender, Casaca, Ettl, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Hasse Ferreira, Kindermann, Kuc, Martínez Martínez, Medina Ortega, Pinior, Roure, Sakalas, Scheele

**UEN:** Libicki

**Verts/ALE:** Isler Béguin, Romeva i Rueda, Schlyter, Smith

**Kontra: 1**

**GUE/NGL:** Pflüger

**Astensjonijiet: 5**

**GUE/NGL:** Brie, Kohlíček, Markov, Strož, Triantaphyllides

---

**TESTI ADOTTATI****P6\_TA(2006)0345****L-adeżjoni tal-KE għall-Konferenza dwar il-Liġi Internazzjonali privata ta' The Hague \*\*\*****Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Konferenza dwar il-Liġi Internazzjonali Privata ta' The Hague (COM(2005)0639 — 7591/2006 — C6-0138/2006 — 2005/0251(AVC))**

(Proċedura ta' kunsens)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2005)0639 — 7591/2006<sup>(1)</sup>),
  - wara li kkunsidra t-talba għall-kunsens magħmula mill-Kunsill skond l-Artikolu 61(c) b'rabta ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3), tat-Trattat KE (C6-0138/2006),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 75(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0250/2006),
1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill;
  2. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6\_TA(2006)0346****Relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina (2005/2161(INI))***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-30 anniversarju, fl-2005, mit-twaqqif ta' relazzjonijiet diplomatiċi bejn l-UE u ċ-Ċina,
- wara li kkunsidra l-Isħubija Strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina li tnediet fl-2003,
- wara li kkunsidra l-qafas legali prinċipali għal relazzjonijiet maċ-Ċina, jgħid li l-Ftehma dwar il-Kummerċ u l-Koperazzjoni Ekonomika bejn il-KE u ċ-Ċina, iffirmata f'Mejju 1985, li tkopri r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali u l-programm ta' koperazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina<sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' politika mill-Kummissjoni, intitolat "Sħubija li qed timmatura: interressi u sfidi komuni fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina" (COM(2003)0533, approvat mill-Kunsill Ewropew fit-13 ta' Ottubru 2003,
- wara li kkunsidra l-ewwel dokument ta' politika li qatt ħarġet iċ-Ċina dwar l-UE, maħruġ fit-13 ta' Ottubru 2003,
- wara li kkunsidra d-djalogu politiku bejn l-UE u ċ-Ċina li twaqqaf b'mod formali fl-1994 bħala għarfien ta' l-istatus taċ-Ċina bħala poter emerġenti fix-xena internazzjonali,

<sup>(1)</sup> ĠU L 250, 19.9.1985, p. 2.

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

- wara li kkunsidra d-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem li nbeda f'Jannar 1996, li ġie interrott u nbeda mill-ġdid fl-1997, iż-żjara tat-Trojka f'Xinjiang f'Ottubru 2005, li saret fil-qafas tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina, u s-Seminar ta' Djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li sar f'Londra f'Diċembru 2005, bil-Parlament Ewropew bħala osservatur,
- wara li kkunsidra d-Djalogi Settorjali li għadhom sejrjn bejn iċ-Ċina u l-Kummissjoni, bħad-djalogu li nbeda dan l-aħħar dwar l-impjeg u d-djalogu dwar id-drittijiet għal proprjetà intelletwali (IPR),
- wara li kkunsidra l-Ftehma dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija bejn il-KE u ċ-Ċina li daħlet fis-seħħ fl-2000 u ġġeddet fl-2004<sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-ftehma maċ-Ċina dwar koperazzjoni fil-programm ta' l-UE Galileo li jirrigwarda n-navigazzjoni bis-satellita, iffirmit fit-30 ta' Ottubru 2003.
- wara li kkunsidra t-8 Summit bejn l-UE u ċ-Ċina li sar f'Beijing f'Settembru 2005 u d-Dikjarazzjoni Konġunta maħruġa fi tmiem tas-Summit, u d-9 Summit bejn l-UE u ċ-Ċina li se jsir fil-Finlandja fit-tieni nofs ta' l-2006,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Bidla fil-Klima, maħruġa fit-8 Summit bejn l-UE u ċ-Ċina, u l-impenn biex tiġi żviluppata u tintwera bi prova fiċ-Ċina u fl-Unjoni Ewropea teknoloġija tal-faħam avanzata b'emissjonijiet qrib iz-zero billi l-karbonju jinġabar u jiġi maħżun (CCS),
- wara li kkunsidra s-sessjoni ta' l-10 Kungress Nazzjonali tal-Poplu (5-14 ta' Marzu 2006) u r-rapport tal-gvern tal-Prim Ministru Wen Jiabao li ġie ppreżentat waqt dan il-kungress,
- wara li kkunsidra l-iktar żewġ laqgħat interparlamentari riċenti tiegħu maċ-Ċina li saru f'Beijing, Shanghai u Hainan f'Marzu 2004 u fi Brussell f'Ottubru 2005 rispettivament,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet riċenti tiegħu dwar iċ-Ċina, b'mod partikulari r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar il-prospetti għal relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u ċ-Ċina<sup>(2)</sup>, tat-8 ta' Settembru 2005 dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikulari fir-rigward tal-libertà tar-reliġjon<sup>(3)</sup>, tat-28 ta' April 2005 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja 2004 u l-politika ta' l-UE dwar il-kwistjoni<sup>(4)</sup> u tal-11 ta' April 2002 dwar Strateġija ta' l-UE fir-rigward taċ-Ċina<sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra l-embargo ta' l-armi ta' l-UE introdott wara l-inċidenti ta' trażżin tal-protesti fi Tiananmen f'Ġunju 1989, kif appoġġjat mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2006 dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni<sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2005 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE, iċ-Ċina u t-Tajwan u dwar is-sigurtà fil-Lvant Imbiegħed<sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-Tibet u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Novembru 2004<sup>(8)</sup>, tat-13 ta' Jannar 2005<sup>(9)</sup>, u tas-27 ta' Ottubru 2005<sup>(10)</sup> dwar il-każ tal-Lama Tenzin Delek Rinpoche, li ġie imprigjunat u torturat u b'hekk fil-periklu li jitlef ħajtu,
- wara li kkunsidra n-nuqqas ta' progress fid-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij (A6-0257/2006),

(1) ĠU L 6, 11.1.2000, p.40.

(2) *Testi Adottati*, P6\_TA(2005)0381.

(3) ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 347.

(4) ĠU C 45 E, 23.2.2006, p 107.

(5) ĠU C 127 E, 29.5.2003, p 652.

(6) *Testi Adottati*, P6\_TA(2006)0037.

(7) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p 471.

(8) ĠU C 201 E, 18.8.2005, p 122.

(9) ĠU C 247 E, 6.10.2005, p 158.

(10) *Testi Adottati*, P6\_TA(2005)0416.

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

- A. billi l-Isħubija Strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina hija ta' importanza kbira fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina, billi sħubija strateġika ġenwina għandha tkun ibbażata fuq valuri komuni,
- B. billi l-aċċettazzjoni ta' politika Waħda Ċiniża twassal għal rispett ta' riżoluzzjoni paċifika tal-kwistjoni tat-Tajwan permezz ta' djalogu konstruttiv;
- C. billi, minbarra l-valuri demokratiċi, l-kredibilità, l-istabilità u r-responsabilità għandhom jikkostitwixxu l-bażi fundamentali tar-relazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina,
- D. billi t-tisħiħ tar-relazzjoni ta' l-UE maċ-Ċina ser ikun kruċjali biex jintlaħqu sfidi globali bħall-bidla fil-klima, is-sigurtà u n-non-proliferazzjoni ta' l-armi,
- E. billi ċ-Ċina fiha nnifisha tikkostitwixxi l-ikbar sfida fil-globalizzazzjoni tal-kummerċ u billi qed tesperjenza tkabbir ekonomiku qawwi ħafna, b'rati li jilhqqu madwar 9 % fis-sena,
- F. billi l-iżvilupp ekonomiku qawwi taċ-Ċina, flimkien ma' l-isħubija permanenti tagħha fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-isħubija tagħha fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), qed iġiegħel lill-pajjiż jerfa' responsabilità internazzjonali li qiegħda dejjem tiżdied,
- G. billi "djalogi settorjali" bejn l-UE u ċ-Ċina żdiedu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin,
- H. billi l-UE hija l-ikbar sieħba kummerċjali taċ-Ċina u l-ikbar investitur f'dak il-pajjiż u billi ċ-Ċina hija t-tieni l-ikbar sieħba kummerċjali ta' l-UE; billi r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi qed idellu l-kwistjoni ta' riformi demokratiċi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,
- I. billi sħubija fid-WTO toħloq lista ta' drittijiet u obbligi kemm għall-UE kif ukoll għaċ-Ċina; billi, barra minn hekk, ħafna minn dawn l-obbligi għadhom m'humiex qed jiġu applikati u implimentati b'mod xieraq min-naħa taċ-Ċiniża, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-ħarsien tal-proprjetà intellettwali, it-ttrattament nazzjonali u t-trasparenza,
- J. billi 70 % tal-prodotti foloz li jinqabdu fis-suq Ewropew joriġinaw miċ-Ċina, u billi kull sena madwar ħames miljun biċċa lbies u aċċessorji foloz jiġu kkonfiskati mis-servizzi tad-dwana,
- K. billi l-Istat ta' l-Ekonomija tas-Suq (MES — Market Economy Status) huwa strument ekonomiku aktar milli strument politiku; billi ċ-Ċina għandha ttejjeb il-prestazzjoni tagħha biex tingħata l-MES,
- L. billi relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u ċ-Ċina jeħtieġu aċċess reċiproku għas-suq stabbilit fuq il-bażi legali tar-regoli tad-WTO u fuq il-kompetizzjoni ugwali u ġusta,
- M. billi t-tmexxija Ċiniża, fil-White Paper tagħha dwar "Il-Bini ta' Demokrazija Politika fiċ-Ċina" (2005) tikkonferma l-preminenza tal-Partit Komunista Ċiniż (CCP) fis-sistema governattiva soċjalista taċ-Ċina,
- N. billi r-Renju Nofsani preżenti qed igawdi minn network kumpatt ta' qrati mifrux madwar il-pajjiż, li jixhed progress sinifikanti meta mqabbel mas-sitwazzjoni xi tletin sena ilu,
- O. billi waqt is-sessjoni ta' l-10 Kungress Nazzjonali tal-Poplu (5-14 ta' Marzu 2006) kelliem għall-Qorti Suprema tal-Poplu ddikjara li ċ-Ċina mhux se tabolixxi l-piena tal-mewt, li għaliha l-pajjiż jiġi kkritikat fix-xena internazzjonali, għaliex ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (PRC) għadha pajjiż li qed jiżviluppa fil-fażi bikrija tas-soċjaliżmu,
- P. billi n-numru ta' eżekuzzjonijiet li twettqu huwa sigriet ta' l-istat fiċ-Ċina, iżda li, skond stimi mogħtija minn ġuristi Ċiniżi, madwar 8,000 persuna jmutu b'dan il-mod kull sena,



**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

- Q. billi fl-2005 l-awtoritajiet tas-sigurtà Ċiniżi rreġistraw 87,000 "każ ta' laqgħat pubbliċi b'attenzenza kbira ħafna", żieda ta' 6.6 % fuq l-2004,
- R. billi, skond twissijiet minn xjentisti soċjali lokali, il-linji politiċi tat-tmexxija Ċiniża għal soċjetà armonjuża u l-bini ta' rħula soċjalisti ġodda jirriflettu l-istadju attwali ta' tranżizzjoni perikoluż tal-PRC għal ekonomija tas-suq,
- S. billi l-PRC introduċiet politika ta' "tarbija waħda" fl-1976, li bħalissa qed tiġi diskussa taħt it-titolu intriganti "Iċ-Ċina se tixjieħ qabel ma tistagħna?",
- T. billi ċ-Ċina keċċiet lill-Fondazzjoni Friedrich Naumann minn Beijing fl-1996,
- U. billi f'Marzu 2004 ċ-Ċina inkludiet fil-kostituzzjoni tagħha dispożizzjoni li bis-saħħa tagħha għandhom jiġu rispettati u garantiti mill-istat id-drittijiet tal-bniedem; billi ċ-Ċina ffirmat imma ma rratifikatx il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR),
- V. billi qed ikun hemm rapporti disturbanti kontinwi dwar prigruneriji politiċi, b'mod partikulari ta' membri ta' minoranzi reliġjużi u etniċi, allegazzjonijiet ta' tortura, l-użu mifruż ta' xogħol sfurzat, l-użu ta' spiss tal-piena tal-mewt u r-repressjoni sistematika tal-libertà tar-reliġjon, tal-libertà tal-kelma u tal-mezzi tal-komunikazzjoni, inkluż l-internet,
- W. billi regolamenti ġodda dwar affarijiet reliġjużi daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2005,
- X. billi l-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar L-Għajbien Sfurzat jew Mhux Volontarju irrimarka li l-laqqgħa tiegħu f'Ġinevra f'April 2006 kien jikkoinċidi ma' għeluq is-17-il sena ta' Gedhun Choekyi Nyim, il-Panchen Lama tat-Tibet, li nhatat miċ-Ċiniżi kontra r-rieda tiegħu u tal-ġenituri tiegħu meta kellu sitt snin,
- Y. billi, kważi għaxar snin wara li saret it-talba inizjali, iż-żjara fil-PRC mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tortura fl-aħħar seħħet bejn l-20 ta' Novembru u t-2 ta' Diċembru 2005; billi, madankollu, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU għal-Libertà tar-Reliġjon jew tat-Twemmin ma ġiex milqugħ għal żjara ta' segwitu għaż-żjara li għamel fiċ-Ċina l-predeċessor tiegħu f'Novembru 1994, u billi ċ-Ċina naqset milli toħroġ stedina permanenti lill-proċeduri tematiċi kollha tal-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,
- Z. billi, fl-Appell Globali 2006 tiegħu, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) kompli jitlob lill-PRC biex toħroġ regolamenti xierqa dwar refuġjati nazzjonali, u għal iktar aċċess għal persuni li qed jitolbu refuġju mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jafu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali,
- AA. billi, skond l-Annwarju 2005 tal-Qorti Suprema tal-Poplu, madwar 400 ċittadin ġew ikkundannati għal reati politiċi fl-2004, 25 % iktar mis-sena ta' qabel,
- AB. billi skond il-Fondazzjoni Dui Hua, li nġhatat "stat speċjali ta' konsultazzjoni" mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU, il-PRC bħalissa għandha bejn 3,000 u 3,500 persuna fil-ħabs għar-reat ta' "theddida għas-sigurtà pubblika",
- AC. billi l-portal ta' l-internet "Google" issottometta ruħu għal restrizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet Ċiniżi, u ċaħad l-aċċess għal siti ta' l-internet li jkun fihom elementi ta' kritika u kliem bħal "Taiwan", "indipendenza", "Tibet" jew "Tiananmen",
- AD. billi fl-14 ta' Marzu 2006 is-servizzi ta' l-aħbarijiet barranin Reuters u BBC rrappurtaw dwar ittra miftuħa (bid-data tat-2 ta' Marzu 2006) miktuba minn diversi persuni li qabel kienu membri importanti tas-CCP, fejn ikkritikaw it-tisħiħ taċ-ċensura ta' l-istampa,

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

- AE. billi l-kampanja fir-Reġjun Awtonomu ta' Xinjiang Uighur li tindirizza t-"tliet elementi ta' ħażen" li huma l-estremiżmu reliġjuż, is-separatiżmu u t-terroriżmu għadha għaddejja u wasslet għal numru kbir ta' arresti s-sena l-oħra, skond il-meżżi ta' komunikazzjoni mmexxija mill-istat,
- AF. billi, minħabba l-kontrolli stretti tal-Gvern Ċiniż fuq informazzjoni dwar, u aċċess għal, inħawi Tibetani fiċ-Ċina, huwa diffiċli li wieħed jiddetermina b'mod preċiż l-ammont ta' abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem,
- AG. billi t-tmexxija Ċiniża tenfasizza "il-qawmien paċifiku" jew "l-iżvilupp paċifiku" taċ-Ċina fir-rigward ta' l-apparenza mill-ġdid tal-PRC fix-xena dinjija,
- AH. billi l-possibiltà ta' tqarrib mill-ġdid tal-PRC mat-Tajwan għandha tinżamm haġja; billi din il-possibiltà trid tiġi segwita b'mod paċifiku bis-saħħa tad-djalogu u d-diplomazija, kif ukoll billi titqies ir-rieda tal-popli fuq iż-żewġ naħat,
- AI. billi l-kawżi għaliex qed tiħżien ir-relazzjoni bilaterali bejn iċ-Ċina u l-Ġappun huma politiċi, mhux ekonomiċi,
- AJ. billi l-approċċ preżenti Amerikan lejn iċ-Ċina bħala poter li qed jikber jista' jiġi kkaratterizzat mill-kunċett ta' "con-gagement", li hija taħlita ta' żewġ strateġiji: it-trażżin (containment) u l-impenn (engagement),
- AK. billi l-impenn u l-influenza taċ-Ċina fl-Afrika żiedu b'mod sostanzjali f'dawn l-aħħar għaxar snin,
- AL. billi iċ-Ċina għandha rabtiet finanzjarji u kummerċjali sostanzjali mar-Repubblika Iżlamika ta' l-Iran (esplorazzjoni u importazzjoni taż-żejt u gass/esportazzjoni ta' armi), u jista' jkollha rwol kruċjali fl-isforzi biex l-Iran ikun ipperswadut biex jieħu approċċ aktar koperattiv fuq kwistjonijiet nukleari;
- AM. billi iċ-Ċina qed tikkopera ma' pajjiżi ġirien tagħha fil-kuntest ta' l-Organizzazzjoni għal Koperazzjoni ta' Shanghai (SCO),
- AN. billi iċ-Ċina u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet ta' l-Asja tax-Xlokk (ASEAN) iddeċidew fl-2002 li jistabbilixxu ż-żona ta' kummerċ ħieles ASEAN-Ċina,
- AO. billi f'dawn l-aħħar ftit snin il-Kummissjoni u l-Parlament flimkien kienu b'mod kostanti qed jiffukaw l-attenzjoni fuq il-Macao u l-Hong Kong,

### ***Koperazzjoni bejn l-UE u iċ-Ċina***

1. Jistenna b'ħerqa l-bidu ta' l-Isħubija Strateġika bejn l-UE u iċ-Ċina u l-koperazzjoni iktar mill-qrib li din l-isħubija se toħloq fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jifformulaw politika konsistenti u koerenti dwar iċ-Ċina;
2. Jilqa' x-xogħol tal-Kummissjoni fil-qasam tad-djalogi settorjali maċ-Ċina, li bħalissa jkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, minn kwistjonijiet ambjentali għal affarijiet soċjali u d-drittijiet tal-bniedem u jitlob li l-Parlament ikun infurmat regolarment minn żmien għall-ieħor dwar il-progress li jkun sar;
3. Jistieden li iċ-Ċina u lill-UE biex jistabbilixxu l-isħubija u r-relazzjoni bilaterali tagħhom fuq il-bażi ta' l-onestà reċiproka u fuq il-bażi fundamentali tal-kredibiltà, ta' l-istabilità, tar-responsabilità u ta' ftehim reciprok; iħeġġeġ kemm li iċ-Ċina kif ukoll lill-UE biex itejbu l-koperazzjoni tagħhom fuq din il-bażi sabiex ikollhom rwol stabbli, responsabbli u kredibbli fi ħdan il-komunità internazzjonali;
4. Jiddispaċih li relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi akbar maċ-Ċina ma wasslux għal progress sostanzjali fil-qasam tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, li huma komponenti fundamentali fid-djalogu politiku bejn iċ-Ċina u l-UE; huwa ta' l-opinjoni, f'dan ir-rigward, li l-iżvilupp tar-relazzjonijiet kummerċjali maċ-Ċina irid jimxi id f'id ma' l-iżvilupp ta' djalogu politiku ġenwin, produttiv u effettiv;

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

### Sitwazzjoni ekonomika

5. Jinnota li l-UE, wara t-tkabbir, għaddiet lill-Ġappun biex saret l-ikbar sieħba kummerċjali taċ-Ċina u li, fl-istess waqt, iċ-Ċina telgħet mit-tielet l-ikbar sieħba kummerċjali ta' l-UE biex saret it-tieni l-ikbar, wara l-Istati Uniti;
6. Jinnota li fl-2005, il-bilanċ fil-kummerċ taċ-Ċina laħaq il-USD 102 biljun, li huwa iktar minn darbtejn l-ammont tas-sena ta' referenza preċedenti (USD 32 biljun); li fl-2005, ir-riżervi ta' muniti laħqu madwar USD 819-il biljun — żieda ta' USD 209 biljun meta mqabbel mas-sena preċedenti; li jekk din ix-xejra tkompli, x'aktarx iċ-Ċina se jkollha għad-dispożizzjoni tagħha 'l fuq minn USD 1000 biljun fir-riżervi ta' muniti barranin fl-aħħar ta' l-2006, u b'hekk ikollha l-ikbar ħażna ta' muniti barranin fid-dinja; li tbassiriet inizjali għall-2006 jindikaw dħul ta' kapital ta' madwar USD 50 biljun, primarjament finvestimenti diretti privati fit-tul; jilqa' f'dan ir-rigward il-fatt li ċ-Ċina bdiet tnaqqas ir-rabta (pegging) tal-munita tagħha (Renminbi) mad-dollaru Amerikan u b'hekk mhix kontra l-possibiltà ta' evalwazzjoni mill-ġdid tal-munita; jaħ-seb li għandhom jittieħdu bis-serjetà twissijiet dwar nuqqas ta' ħlas supplimentari fuq riskju għal operazzjonijiet ta' self;
7. Jinnota l-iżvilupp ekonomiku mgħaġġel taċ-Ċina, li jagħmilha r-raba' l-ikbar ekonomija fid-dinja f'termini ta' dollari, anke meta bħalissa hija evalwata inqas; b'hekk jistieden lill-Kummissjoni biex teżerċita pressjoni politika u ekonomika bil-ħsieb li ġġib flessibilità fir-rata tal-kambju tal-munita Ċiniża, li qed tin-trabat ma' valur baxx artifiċjali, sitwazzjoni li tmur kontra l-liberalizzazzjoni gradwali tal-kummerċ dinji; jistieden liċ-Ċina sabiex b'mod gradwali tifflowtja r-rata tal-kambju tagħha; jistieden liċ-Ċina biex tissostit-wixxi l-irbit fiss tal-munita tagħha mad-dollaru b'rabta ma' basket ta' muniti, inkluż l-euro;
8. Hu mħasseb dwar l-iżvilupp ta' inugwaljanza u ta' distribuzzjoni inġusta tal-ġid, il-qgħad kbir u l-urbanizzazzjoni bla kontroll, ir-rata li qed tikber ta' kriminalità u ta' korruzzjoni u mhux b'inqas il-problemi ambjentali taċ-Ċina;
9. Jagħraf li ċ-Ċina hija iktar minn suq li qed jikber malajr; jenfasizza l-fatt li r-rivoluzzjoni teknoloġika preżenti ta' pajjiż ta' dan id-daqs għandha implikazzjonijiet enormi fuq l-ekonomija globali;
10. Huwa tal-fehma li żvilupp ekonomiku bbilanċjat huwa ta' importanza kbira kemm għaċ-Ċina kif ukoll għall-UE; jenfasizza l-fatt li l-istaġnar ta' l-ekonomija Ċiniża minħabba tkabbir mhux ikkontrollat huwa theddida serja kemm għall-istabilità interna taċ-Ċina kif ukoll għall-benesseri ta' l-ekonomija globali; jirrikonoxxi li żvilupp ekonomiku mgħaġġel fiċ-Ċina jippreżenta sfida enormi għall-isforzi globali biex jiġu ttrattati l-problemi tal-bidla tal-klima, meta l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mill-impjanti li jiġġeneraw l-elettriku li jaħdmu bil-faħam huma maħsuba li jirdupjaw sa l-2030;
11. Jilqa' l-fatt li fil-ħarifa 2006 il-Kummissjoni ħadet l-inizjattiva li tippublika dokument ta' strateġija dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali fuq medda twila ta' żmien ta' l-Unjoni maċ-Ċina sabiex tantiċipa b'mod iktar adegwat l-impatt tat-tkabbir ekonomiku taċ-Ċina u biex tevita li jsiru deċiżjonijiet ad hoc, b'hekk tgħin biex tiżgura li ċ-Ċina ma tibqax titqies bħala theddida, iżda li titqies bħala sfida u bħala sieħba li qed tevolve;
12. Jenfasizza li relazzjoni kummerċjali dejjem iktar pożittiva għandha wkoll twassal għal riformi fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, u jirrikonoxxi li, sakemm ma jkun hemm kodiċi ta' kondotta li jorbot legalment dwar l-esportazzjoni ta' armi u sakemm is-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet ċivili u politiċi — inkluża l-kwistjoni ta' Pjazza Tiananmen — ma jiġux indirizzati b'mod xieraq, l-UE m'għandhiex tneħħi l-embargo fuq l-armi;
13. Jistieden liċ-Ċina biex tiżviluppa klima ta' investment solida u kredibbli għall-kummerċ u l-industrija barranin u sabiex tingħata prijorità assoluta lit-titjib tas-sigurtà legali għal kumpanniji barranin;
14. Ifakkar liċ-Ċina li aktar ftuħ tas-swieq tagħha għal kumpanniji u investimenti barranin, speċjalment fis-setturi tat-telekomunikazzjoni, tal-banek u tas-servizzi finanzjarji jrid jitqies bħala parti integrali ta' l-isħubija strateġika; jistieden liċ-Ċina biex tirriforma s-suq u s-sistema ekonomika tagħha kif xieraq, u biex tikkonforma b'mod iktar rigoruż mar-regoli dwar l-anti-dumping u biex tinforzahom b'mod iktar strett;

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

15. Fid-dawl tar-riżultati ta' l-investigazzjoni tal-anti dumping fis-settur taż-żraben, fejn ġie ppruvat li ċ-Ċina kienet qed tippratika intervenzjoni mill-Istat u dumping soċjali, u fid-dawl tal-passi meħuda mill-Kummissjoni sabiex tikkoreġi dan it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, tħeġġeġ lill-Unjoni sabiex l-imsieħba tagħha fil-kummerċ, bħaċ-Ċina, jaderixxu mar-regoli tal-kummerċ internazzjonali ġust u fuq prinċipju ta' ekwita'; jitlob lill-Kummissjoni, sabiex meta din tikkunsidra kif il-miżuri ta' anti-dumping għandhom jintużaw — ħaġa li din ser tagħmel fi żmien qasir, tissimplifika l-proċeduri sabiex il-mekkaniżmi ta' l-antidumping jistgħu jintużaw aktar malajr mill-SMEs; barra minn hekk, isejjaħ sabiex il-proċedura ta' l-antidumping issir aktar trasparenti;
16. Huwa tal-fehma li fil-qafas ta' l-isforzi biex is-sistema bankarja Ċiniża tiġi mmodernizzata u liberalizzata, l-UE għandha tkompli taħdem mill-qrib ma' l-awtoritajiet Ċiniżi bil-ħsieb li jiġu adottati standards ta' kontabilità internazzjonali u l-istandard ta' Basel II, li għandhom jiżguraw iktar sigurtà għal investituri mill-UE;
17. Jilqa' l-modernizzazzjoni mgħaġġla tas-settur finanzjarju Ċiniż; jenfasizza, madankollu, l-importanza kbira li tiġi żgurata tranżizzjoni bla skossi sabiex tiġi evitata kwalunkwe instabilità finanzjarja li jista' jkollha konsegwenzi fuq is-swieq finanzjarji globali; jissuġġerixxi, b'mod partikulari, li għandha tiġi evitata 'tellieqa sal-qiegħ' li tinvolvi konkorenza regolatorja li tagħmel ħsara bejn is-swieq finanzjarji globali; jissuġġerixxi, bil-kontra, li regolaturi ewlenin madwar id-dinja għandhom jipromwovu standards ta' l-ogħla kwalità; ifakkar li l-UE nnifisha hija impenjata favur il-konverġenza globali ta' standards fl-oqsma tal-kontabilità (Standards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju), tal-verifika (Standards Internazzjonali tal-Verifika), rekwiżiti ta' kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu (Basel II), il-money laundering u l-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu (Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma ta' Azzjoni Finanzjarja kontra l-Money Laundering (FATF)) u r-regolamentazzjoni tas-suq fit-titoli (Standards ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli); jirrimarka li l-UE tkun lesta toffri l-esperjenza u l-għajnuna tagħha lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jimplimentaw konverġenza meta tkun meħtieġa;
18. Huwa tal-fehma li ċ-Ċina qed tiffaċċja żbilanċ konsiderevoli fl-iżvilupp reġjonali u iktar żbilanċi fid-dħul finanzjarju ġenerali, u li t-tmexxija Ċiniża ġdida għandha timpenja ruħha biex tiffaċċja dawn il-problemi bl-għajnuna u l-kompetenza tal-Kummissjoni;
19. Jistieden liċ-Ċina biex tuża proċedura trasparenti u ġusta fl-għoti ta' kuntratti għall-akkwist pubbliku li tagħti lil organizzazzjonijiet barranin opportunitajiet indaqs biex jipparteċipaw;
20. Huwa tal-fehma li l-piraterija u l-iffalzifikar ta' prodotti u marki Ewropej minn industriji Ċiniżi jikkostitwixxu ksur serju tar-regoli internazzjonali tal-kummerċ; iħeġġeġ liċ-Ċina biex issaħħaħ b'mod sinifikanti l-ħarsien tad-Drittijiet tal-Proprietà Intelletwali (IPR) għal invenzjonijiet Ċiniżi u barranin; jistieden liċ-Ċina biex tenforza l-liġijiet preżenti dwar il-ħarsien ta' l-IPR; jilqa' l-ħolqien tal-katedra ta' l-IPR fl-Università ta' Beijing;
21. Jirrikonoxxi l-importanza ta' l-MES għaċ-Ċina; jenfasizza, madankollu, il-fatt li l-MES huwa strument ekonomiku aktar milli strument politiku; iħeġġeġ liċ-Ċina biex tnaqqas l-indhila ta' l-istat fl-ekonomija u biex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fir-rigward tal-konformità żbilanċjata tagħha ma' sistemi ta' governanza korporattiva u ta' kontabilità u l-qafas mhux effettiv tagħha relatat ma' proċeduri ta' falliment;
22. Jinnota li l-problemi riċenti fis-settur taż-żraben juru l-ħtieġa li ċ-Ċina tadotta politika ta' anti-dumping iktar xierqa; jenfasizza l-urġenza ta' tali politika fil-kuntest ta' l-isħubija taċ-Ċina fid-WTO;
23. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jirrikonoxxu li d-diffikultajiet li qed jiffaċċjaw is-setturi tat-tessuti, tal-ħwejjeġ u taż-żraben huma sistemiċi, u jistieden lill-Kummissjoni, meta tkun qed tirrivedi l-istrateġija ekonomika u kummerċjali tagħha fir-rigward taċ-Ċina, biex tikkoreġi l-iżbilanċji attwali u biex tantiċipa l-isfidi;
24. Jistieden liċ-Ċina biex tadotta politika ekonomika bbażata iktar fuq il-konsum soċjali (edukazzjoni, saħħa, pensjonijiet, eċċ) u domestiku u inqas fuq l-investment u l-esportazzjoni;
25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-awtoritajiet Ċiniżi fil-kampanja tagħhom kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali u l-piraterija ta' prodotti;

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006*****Is-sitwazzjoni interna***

26. Huwa wkoll tal-fehma li bħalissa hemm diffikulta' sabiex jitbassar l-iżvilupp futur taċ-Ċina u se jiddipendi l-iktar fuq kwistjonijiet domestiċi bħall-iżvilupp ulterjuri bla xkiel ta' l-ekonomija u t-titjib gradwali ta' l-istandards ta' l-għajxien tal-maġġoranza tal-popolazzjoni;
27. Jaqbel għal kollox mal-konklużjoni fil-White Paper imsemmija hawn fuq dwar il-ħtieġa li jkomplu jissaħħu aktar il-kunċett tad-demokrazija u l-għarfien dwar il-kunċetti ġuridiċi fis-soċjetà Ċiniża kollha kemm hi;
28. Jenfasizza l-fatt li l-modernizzazzjoni soċjo-ekonomika mgħaġġla tal-PRC għandha titwettaq flimkien mal-pluraliżmu politiku u l-modernizzazzjoni istituzzjonali meħtieġa u li din tista' tmantni lilha nnifisha minn sorsi indiġeni bħax-xogħlijiet tar-riformaturi liberali ta' lejn tmiem is-seklu 19, u speċjalment il-ħsibijiet bażiċi ta' Sun Yat-sen;
29. Jinnota li s-sigurtà soċjali, is-saħħa u s-sigurta' fil-post tax-xogħol, id-dritt li tiffirma trade unions, ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali jirrappreżentaw sfidi ewlenin għall-gejjeni taċ-Ċina; jistieden liċ-Ċina biex tirratifika l-konvenzjonijiet ewlenin ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, b'mod partikulari l-Konvenzjoni 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u l-Konvenzjoni 98 dwar l-innegozjar kollettiv u biex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' qafas ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' miżuri effettivi fil-ġlieda kontra kull forma ta' skjavitù modern, ħaddiema tfal u l-isfruttar, b'mod partikulari ta' ħaddiema nisa, sabiex tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u biex tiskuraġġixxi d-dumping soċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex titensifika u tirrapporta lura regolament dwar id-djalogu strutturat f'dawn l-oqsma mal-kontropartijiet tagħha fiċ-Ċina;
30. Huwa tal-fehma li ċ-ċaħda tad-dritt li jiffurmaw trade unions indipendenti hi kontroproduktiva fid-dawl tal-protesti u d-dimostrazzjonijiet li qed jiżdiedu minn ħaddiema madwar ċ-Ċina kontra senzjar impost, paġi u benefiċċji oħra mhux imħallsa, korruzzjoni b'mod uffiċjali u mmaniġġjar ħażin; għalhekk jistieden lill-gvern Ċiniż biex jirrikonoxxi u jiggarantixxi l-istess dritt bażiku għall-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-assoċjazzjoni u d-dritt ta' azzjoni industrijali;
31. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema li qed tikber tax-xogħol minn persuni taħt l-età fiċ-Ċina u l-kundizzjonijiet tax-xogħol mhux favorevoli li jħabbtu wiċċhom magħhom ħaddiema taħt l-età fil-pajjiż, minkejja l-fatt li xogħol minn persuni taħt l-età huwa projbit mill-liġi tax-xogħol Ċiniża; għalhekk iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex mhux biss itejbu l-infurzar tal-liġi, imma wkoll jindirizzaw l-għerq tal-kawżi tal-problema tax-xogħol minn persuni taħt l-età, bħad-disparitajiet ekonomiċi li qed jikbru, bħall-istruttura soċjali li qed tinbidel malajr u bħall-falliment tas-sistema edukattiva li tipprovdi edukazzjoni adegwata għat-tfal kollha u li tintlaħaq mill-bwiet ta' kulħadd;
32. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-diskriminazzjoni soċjo-ekonomika terribbli fiċ-Ċina kontra l-150 miljun ħaddiem migrant mill-kampanja; jieħu nota tal-miżuri meħuda mill-gvern Ċiniż biex isolvi l-problema, murija bil-pubblikazzjoni uffiċjali fit-28 ta' Marzu 2006 tal-linji gwida ġodda tal-gvern, u jesprimi l-intenzjoni tiegħu biex isegwi bir-reqqa r-riżultati ta' l-implimentazzjoni ta' din il-politika ġdida;
33. Jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tkompli tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Macao u f'Hong Kong u jittama li l-aspetti li jagħmlu kuraġġ taż-żewġ esperjenzi jservu ta' eżempju u jstimulaw biex il-proċess politiku Ċiniż jimxi 'l quddiem;
34. Jirraġuna li sakemm is-CCP mhix suġġetta għall-ordni ta' stat kostituzzjonali, il-partit se jibqa' stat ġo stat u b'hekk ikun vulnerabbli ħafna għal każijiet serji ta' abbuż tal-poter bħall-ħażen nazzjonali ta' korruzzjoni fi ħdan l-istruttura politika, u tali sitwazzjoni ddghajef il-possibilità li tinħoloq soċjetà bbażata fuq l-istat tad-dritt;
35. Jingħaqad mal-kritika, espressa fil-ġurnali ta' l-avukati taċ-Ċina, li l-Artikolu 126 tal-Kostituzzjoni Ċiniża għandu jinkludi wkoll projbizzjoni fuq l-indhila tas-CCP jew tal-Gvern Ċiniż fl-operat tal-ġustizzja;
36. Jistenna li jsiru sforzi ġodda biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura, u jittama li l-bidla gradwali ta' mħallfin mhux kwalifikati ma' ġuristi kompetenti twaqqaf il-korruzzjoni endemika fi ħdan il-ġudikatura u b'hekk titqawwa l-fiducia popolari f'din l-istituzzjoni fundamentali ta' l-istat;

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

37. Jilqa' l-wegħda li għamel il-President tal-Qorti Suprema tal-Poplu waqt l-10 Kungress Nazzjonali tal-Poplu li minn Lulju 2006 appelli kontra sentenzi li jimponu l-piena tal-mewt se jibdew isiru f'qorti miftuħa; jistenna li din il-wegħda sseħħ;

38. Iħeġġeġ liċ-Ċina biex tabolixxi l-piena tal-mewt u tiddikjara moratorju effettiv fir-rigward ta' persuni li diġà ġew ikkundannati; jinnota s-sinjali sinifikanti li taw il-ġuristi Ċiniżi li l-piena tal-mewt għandha tiġi imposta biss f'każi fejn isiru reati serji u vjolenti, bil-maqlub tas-sitwazzjoni preżenti, fejn 68 reat jistgħu jwasslu għall-piena tal-mewt, u li nofshom ma humiex reati kapitali; huwa mħasseb dwar il-fatt li ċ-Ċina twettaq iktar eżekuzzjonijiet minn kull pajjiż ieħor fid-dinja; jistieden liċ-Ċina biex tippubblika l-figuri uffiċjali ta' l-eżekuzzjonijiet li saru fis-sena 2005/2006;

39. Jappoġġja bil-qawwa t-talba tal-Professor Liu Renwen, ġurista u membru ta' l-Akkademja Ċiniża tax-Xjenzi Soċjali, biex jintemm il-kummerċ illegali fl-organi ta' persuni ġġustizzjati, billi jiġu imposti dispożizzjonijiet u kontrolli stretti;

40. Huwa mħasseb serjament dwar l-azzjoni qawwija li tittieħed mill-awtoritajiet kontra "aġitaturi"; jinnota li, skond Blue Paper maħruġa mill-Akkademja tax-Xjenzi Soċjali ta' Beijing, raġunijiet għal protesti tal-massa inkludew b'mod partikulari problemi ambjentali serji ħafna li pperikolaw is-saħħa u l-eżistenza ta' ħafna bdiewa f'reġjuni li ġew industrijalizzati riċentement, kif ukoll esproprijazzjonijiet tal-mistħija ta' raba' għal skopijiet ta' bini, mingħajr ma nsemmu l-arbitrarjetà u l-korruzzjoni ta' l-awtoritajiet lokali;

41. Jilqa' l-intenzjoni tal-Gvern Ċiniż li jnaqqas id-distakk li qed jikber fid-dħul ekonomiku bejn il-popolazzjonijiet tar-reġjuni kostali u dawk tal-kampanja, li jiġu ffaċċjati problemi ambjentali serji, li titwettaq amministrazzjoni aħjar tar-riżorsi naturali u li jiġu żviluppata u stimolati teknoloġiji iktar effiċjenti;

42. Jiġbed l-attenzjoni fuq l-impatt tat-tkabbir ekonomiku taċ-Ċina fuq ir-riżorsi naturali u fuq l-ambjent lokali u globali prinċipalment bħala riżultat ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>; jistieden lill-Gvern Ċiniż biex jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex iħares l-ambjent u b'mod partikulari biex jiżgura l-provvisti ta' l-ilma għax-xorb għall-popolazzjoni u biex jieħu azzjoni kontra t-tniġġis atmosferiku u biex tinżamm il-bijodiversità; isejjaħ għal djalogu intensiv bejn iċ-Ċina u l-Unjoni Ewropea dwar riżorsi naturali u l-ambjent;

43. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jissorveljaw mill-qrib il-programmi ta' investiment tagħhom favur il-kampanja, fil-kuntest tal-biża' espressa minn riċerkaturi Ċiniżi li membri lokali tal-partit jinterpretaw referenzi għal "irħula ġodda" bħala sejħa għal proġetti ta' bini minn fuq dahar il-bdiewa, u meta wieħed iqis il-fatt stabbilit li s'issa, għoxrin fil-mija biss tas-sussidji ta' l-istat għas-settur agrarju fil-fatt waslu għand il-bdiewa li kienu intitolati għalihom;

44. Huwa mħasseb dwar rapporti riċenti ta' abbużi serji kontinwi tad-drittijiet tal-bniedem fl-inħawi Tibetani taċ-Ċina, inklużi t-tortura, l-arrest arbitrarju u d-detenzjoni arbitrarja, l-arrest fid-dar u tipi oħra ta' sorveljanza mhux ġudizzjarja ta' dissidenti, detenzjoni mingħajr proċess legali pubbliku, repressjoni tal-libertà tar-reliġjon u restrizzjonijiet arbitrarji fuq il-libertà tal-moviment; huwa mħasseb ħafna dwar l-intensifikazzjoni tal-kampanja hekk imsejħa "edukazzjoni patrijottika" minn Ottubru 2005 fil-monasteri u l-kunventi tat-Tibet, l-isfurzar tat-Tibetani biex jiffirmaw sqarrijiet li jiddenzjaw lid-Dalai Lama bħala separatist perikoluż u jipproklamaw it-Tibet bħala "parti miċ-Ċina", inkluż l-arrest ta' membri tal-kleru mill-Monasteru ta' Drepung f'Novembru 2005 għax irrifjutaw li jiddenzjaw lid-Dalai Lama; jistieden liċ-Ċina biex tħalli korp indipendenti jkollu aċċess għall-Gedhun Choekyi Nyima, il-Panchen Lama tat-Tibet, u għall-ġenituri tiegħu, kif mitlub mill-Kumitat għad-Drittijiet tat-Tfal tan-NU; jistieden lill-Gvern Ċiniż biex jintensifika l-parteċipazzjoni pożittiva tiegħu f'negozjati dwar it-talbiet tad-Dalai Lama għall-awtonomija tat-Tibet;

45. Jieħu nota li l-politika ta' "tarbija waħda" taċ-Ċina rriżultat fi żbilanċ fit-tqassim tal-popolazzjoni; iħeġġeġ liċ-Ċina biex tirrikonoxxi l-fatt li l-bilanċ futur bejn il-partijiet tal-popolazzjoni li jaħdmu u dawk li ma jaħdmux se jkollu effetti ekonomiċi kbar; jenfasizza l-fatt li l-UE qed tiffaċċja wkoll il-problema ta' popolazzjoni li qed tixxjeh; jistieden liċ-Ċina biex taħsiha mill-ġdid dwar l-implimentazzjoni konkreta tal-politika tagħha ta' "tarbija waħda" sabiex tieħu ħsieb l-iżvantaġġi ekonomiċi u soċjali ta' dik il-politika;

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

46. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Ċiniżi biex fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jipprovdu miżuri li jħarsu l-benesseri ta', u jwaqqfu l-krudeltà fuq l-annimali, speċjalment fir-rigward tat-trobbija ta' l-annimali għall-pil tagħhom; ihegġegħ liċ-Ċina biex twaqqaf l-abbuż ta' l-annimali għal skopijiet ta' mediċina tradizzjonali, kif isir fil-każ tal-qrun tar-rinoċeronte u l-bili ta' l-orsijiet;

**Drittijiet tal-Bniedem**

47. Jenfasizza l-fatt li t-tweġġ tad-drittijiet bażiċi mill-PRC jirrikjedi t-twaqqif ta' Qorti Kostituzzjonali, li mingħajrha l-emendi kostituzzjonali, bħal dik ta' Marzu 2004 dwar id-drittijiet tal-bniedem, jibqgħu fil-biċċa l-kbira simboliċi;

48. Jenfasizza li ċittadini Ċiniżi għandu jkollhom il-jedd legali għad-drittijiet bażiċi tagħhom, u jhegġegħ lill-qrati biex jindirizzaw bis-sħiħ inġustizzji ċari fuq il-bażi tal-Kostituzzjoni, b'hekk jitwettaq proċess legali fsaħħtu li issa, bil-mod il-mod, qed iżid fil-momentum;

49. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-istat jastjeni milli jirregola r-reliġjon u l-espressjoni reliġjuża; jafferma l-ħtieġa, partikolarment fil-kuntest tat-taħdidiet bejn uffiċjali Ċiniżi dwar id-definizzjoni ta' "reliġjon" u speċjalment ta' "reliġjon legali", ta' liġi komprensiva dwar ir-reliġjon li tilħaq l-istandards internazzjonali u tiggarantixxi libertà reliġjuża ġenwina;

50. Jikkundanna l-kuntradizzjoni bejn il-libertà kostituzzjonali tat-twemmin (iddikjarata fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) u l-indħil kontwinwu ta' l-Istat fl-affarijiet ta' komunitajiet reliġjużi, b'mod partikulari fir-rigward tat-taħriġ, l-għażla, il-ħatra u l-indottrinazzjoni politika tal-ministri tar-reliġjon; jikkundanna b'mod partikulari l-fatt li l-Istat jagħti d-dritt ta' eżistenza legali lil ħames reliġjonijiet biss u barra minn hekk, ipogħihom taħt il-kontroll ta' l-assoċjazzjonijiet reliġjużi "patrijottiċi" Ċiniżi korrispondenti, jipproteġi attivitajiet reliġjużi "normali" (zhengchang) biss u jagħmel ir-reġistrazzjoni uffiċjali tagħhom suġġetta għall-aċċettazzjoni tal-prinċipji li huma l-bażi tat-"Tliet Awtonomiji";

51. Jistieden lill-Kunsill biex jgħarraf lill-Parlament dwar miżuri li ttieħdu bħala segwitu għad-dikjarazzjoni li saret fir-riżoluzzjoni hawn fuq imsemmija tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-destin ta' bosta isqfijiet maqfulin il-ħabs fil-PRC minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom; barra minn hekk, jistieden lill-awtoritajiet tal-PRC biex jeħilsu minnufih lill-membri kollha tal-Knisja Nisranija li għadhom qed jinżammu fil-ħabs b'mod inġust u li qed jiġu ppersegwitati;

52. Jinnota li attwalment hemm iktar Insara madwar iċ-Ċina li jipprattikaw ir-reliġjon f'postijiet għal dan l-iskop li huma "illegali" (kemm fi knejjes Protestanti ġo djar kif ukoll ma' gruppi Kattoliċi sigrieti leali lejn il-Vatikan) milli jattendu postijiet tat-talb "patrijottiċi", u li ż-żewġ gruppi ta' prattikanti, magħmulin minn ċittadini li josservaw il-liġi, ma jikkostitwixxu l-ebda theddida għas-sigurtà pubblika; jistieden lill-Gvern Ċiniż biex jieqaf mill-persekuzzjoni u mill-priġunerija ta' gruppi Nsara bħal dawn; isostni li Nsara li ma jidentifikawx ruħhom mal-"knejjes patrijottiċi" għandhom id-dritt li jipprattikaw ir-reliġjon fil-libertà;

53. Jikkundanna l-ksur serju tal-libertà reliġjuża bl-ordinazzjoni illegali riċenti ta' isqfijiet (30 ta' April 2006, Kunming — Yunnan; 3 ta' Mejju 2006, Wuhan — Anhui), ikkaġunat mhux f'it mill-perssoni qawwija u mit-theddid minn korpi mhux tal-Knisja li ġie sottomess għalihom il-kleru Kattoliku leali lejn il-Vatikan;

54. Huwa tal-fehma li l-aħħar ordinazzjonijiet inaqqsu mill-kredibilità ta' l-istqarrijiet riċenti ta' l-awtoritajiet Ċiniżi dwar ir-rieda tagħhom li jħejju t-triq għal djalogu sinċier u kostruttiv bejn il-PRC u s-Santa Sede; jirrimarka, għalhekk, dwar il-ħtieġa li tiġi rispettata l-libertà tal-Knisja u tinżamm l-awtonomija ta' l-istituzzjonijiet tagħha minn kwalunkwe indħil estern, li, barra milli jiġi espress f'imġiba li tmur kontra t-talbiet negozjati miż-żewġ naħat, idgħajf il-kunfidenza fi djalogu reċiproku u progress fil-libertà fiċ-Ċina;

55. Jirrimarka li r-Rapporteur Speċjali dwar it-Tortura tan-NU, wara li temm il-missjoni tiegħu, irringrazzja lill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għall-koperazzjoni tiegħu, iżda ċanfar lill-Ministeri tas-Sigurtà ta' l-Istat u tas-Sigurtà Pubblika għax ostakolaw jew irrestrinġew l-isforzi tiegħu biex jiġbor tagħrif;

56. Huwa mħasseb bil-kbir dwar l-istqarrija tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura li l-prattika tat-tortura għadha mifruxa fiċ-Ċina, sitwazzjoni ta' min jikkundannaha li fil-fatt qed tiġi rrikonoxxuta dejjem iżjed minn uffiċjali tal-Gvern u frapporti, kif ukoll mil-"livell palpabbli ta' biża" u awtoċensura" li huwa osserva waqt intervisti mad-detenuti;

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

57. Japprova r-rakkomandazzjonijiet preliminari tar-Rapporteur Speċjali għall-Gvern Ċiniż, eż. dwar riforma tal-liġi kriminali billi jiġi miżjud ir-reat tat-tortura skond id-definizzjoni fil-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Kastig Krudili, Inuman jew Degradanti ieħor, kif ukoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmu indipendenti għall-ilmenti għal detenuti li huma suġġetti għat-tortura u trattament ħażin;
58. Jistieden lill-Gvern Ċiniż biex jirrevdi l-verdetti li ngħataw għar-reat ta' "theddida għas-sigurtà pubblika", meta wieħed iqis li fil-maġġoranza l-kbira tal-każi, l-akkużat ma kien għamel xejn ħlief li jeżerċita b'kuraġġ id-dritt kostituzzjonali fundamentali tiegħu li jikkritika fil-miftuħ il-linji politiċi tal-Gvern u tas-CCP;
59. Għal darb'oħra jistieden lill-Gvern tal-PRC biex itejjeb il-kundizzjonijiet ta' priġunerija fil-ħabsijiet tiegħu u biex iwaqqaf u jabolixxi t-tortura ta' detenuti;
60. Jiddispijaċih li ma sar l-ebda progress sostanzjali fir-rigward tal-ħelsien ta' priġunieri politiċi detenuti minħabba l-involviment tagħhom fid-dimostrazzjonijiet fil-Pjazza ta' Tiananmen u, bl-istess mod, jiddispijaċih li l-awtoritajiet Ċiniżi jkomplu jinjoraw sejħiet għal inkjesta sħiħa u imparzjali dwar il-ġrajjet ta' l-1989; isejjaħ għal evalwazzjoni uffiċjali mill-ġdid tal-ġrajja il-Pjazza ta' Tiananmen mill-awtoritajiet Ċiniżi, il-pubblikazzjoni tal-lista ta' priġunieri politiċi u l-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tagħhom;
61. Isejjaħ l-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jiżvelaw fejn jinsab l-avukat għad-drittijiet tal-bniedem Gao Zhisheng u sabiex jirrilaxxawh sakemm dan mhux ser ikun mixli b'reat kriminali; bl-istess mod isejjaħ għar-rilaxx ta' Chen Guangcheng li għen persuni fl-isforzi tagħhom sabiex jieħdu azzjoni kontra l-awtoritajiet lokali tagħhom li wettqu abborti sfurzati u sterilizzazzjoni, u r-rilaxx ta' Bu Dongwei, li kien mibgħut għal sentejn u nofs 'Ri-edukazzjoni permezz ta' Xogħol' (RTL) u li hu detenut f'post mhux magħruf; jikkundanna r-repressjoni reċenti ta' l-avukati tad-difiża min-naħa ta' uffiċjali Ċiniżi bl-għan li jwaqqfu l-isfidi legali għall-awtorità tagħhom; jitlob, b'mod partikulari, il-ħelsien immedjat ta' Gao Zhisheng, wieħed mill-avukati u dissidenti Ċiniżi li l-aktar li kkritika bla tlaqliq, u li kien arrestat fuq suspett ta' attività kriminali, u ta' Chen Guangcheng, difensur tad-drittijiet tan-nies tal-kampanja li kien ikkundannat għal aktar minn erba' snin ħabs; b'hekk iħeġġeġ l-awtoritajiet sabiex jiżguraw li dawk li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem jistgħu jwettqu attivitajiet paċifiċi u leġittimi mingħajr biża' ta' arrest arbitrarju, tortura jew trattament ħażin u li jingħataw aċċess lill-rappreżentazzjoni xierqa legali fil-każ ta' arrest;
62. Jingħaqad mar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura, mal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-Detenzjoni Arbitrarja u mal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem biex iħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż biex jabolixxi l-"Edukazzjoni mill-ġdid permezz tax-Xogħol" u forum simili ta' "edukazzjoni mill-ġdid" sfurzata ta' detenuti fil-ħabsijiet, f'ċentri ta' detenzjoni ta' qabel il-proċess fil-qorti u fi sptarijiet psikjatriċi;
63. Jirrifjuta s-sistema ta' psikjatrija pulizjeska msejħa Ankang, li hi mifruxa madwar il-pajjiż kollu, li tintuża fil-konfront ta' dissidenti politiċi u soċjali, li tagħti x'tifhem li twieġhed "is-saħħa permezz tal-mistrieħ u tal-paċi", imma fil-fatt tkisser lill-"pazjenti" tagħha; iwiddeb lill-awtoritajiet kontra t-twessigħ ta' l-Ankang minn 22 għal 125 klinika, iżda, għall-kuntrarju, jistedinhom ineħħu din it-tebgħa nazzjonali;
64. Jikkundanna b'mod partikulari l-eżistenza tal-kampijiet tax-xogħol ta' Laogai mifruxin madwar il-pajjiż, li fihom il-PRC iżżomm bħala detenuti attivisti favur id-demokrazzja, attivisti fil-qasam tax-xogħol u membri ta' minoranzi mingħajr proċess ġust, li jiġu sfurzati jaħdmu f'kundizzjonijiet terribbli u mingħajr trattament mediku; iħeġġeġ li-Ċina sabiex tirratifika l-konvenzjoni ta' l-ILO 29 u 105 dwar l-Eliminazzjoni ta' xogħol infurzat u obbligatorju; jistieden li-Ċina biex tippreżenta stqarrija bil-miktub li tgħid li kwalunkwe prodott esportat ma għex immanifatturat minn ħaddiema sfurzati f' xi kamp ta' Laogai u, jekk l-ebda assigurazzjoni ma tista' tingħata, jinsisti li l-Kummissjoni tipprojbixxi l-importazzjoni ta' tali prodotti fl-UE;
65. Jistieden lill-PRC biex tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 dwar l-Istat tar-Refuġjati u l-Protokoll ta' l-1967 mehmuż magħha, u biex il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati jitħalla jkollu aċċess sħiħ għall-persuni mill-Korea ta' Fuq li qed ifittxu kenn u li jafu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali;
66. Jikkundanna b'mod qawwi d-detenzjoni u t-tortura ta' prattikanti tal-Falun Gong fil-ħabsijiet, kampijiet ta' "Edukazzjoni mill-ġdid permezz tax-Xogħol", sptarijiet psikjatriċi u "skejjel għall-edukazzjoni legali"; huwa mħasseb dwar rapporti li organi ta' prattikanti detenuti tal-Falun Gong tneħħew u nbiegħu lil sptarijiet; iħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż biex itemm id-detenzjoni u t-tortura ta' prattikanti tal-Falun Gong u li jehlshom minnufih;



**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

67. Jesprimi t-tħassib qawwi tiegħu dwar il-każijiet numerużi ta' ksur tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfalijiet li jirriżultaw mill-konformità sfurzata mal-politika tal-Gvern Ċiniż dwar l-ippjanar tal-familja, inklużi aborti selettivi, sterilizzazzjoni sfurzata, u l-abbandun ta' tfalijiet fuq skala enormi;
68. Iħeġġeġ liċ-Ċina biex mingħajr iktar dewmien tirratifika u timplimenta l-ICCPR;
69. Jaqbel mal-messaġġ importanti mwassal fl-ittra miftuħa tar-Reuters/BBC hawn fuq imsemmija — li sfortunatament inżammet mistura mill-pubbliku ġenerali fiċ-Ċina — li l-politika preżenti taċ-ċensura qiegħda xxekkel l-iżvilupp politiku taċ-Ċina;
70. Jesprimi tħassib qawwi dwar it-trażżin attwali min-naħa tal-PRC tal-libertà ta' l-espressjoni u l-aċċess ħieles għall-Internet; jirrepeti t-talbiet tiegħu lil Beijing biex tiegħu mill-tintimida, twaqqaf jew titfa' fil-ħabs lil dawk li jiddefendu l-libertà ta' l-espressjoni, kemm jekk ir-ripressjoni hija diretta lejn ġurnalisti jew attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem jew jekk l-aċċess għal informazzjoni ma jibqax possibbli jekk tibblokka siti ta' l-internet li ma jikkonformawx maċ-ċensura ta' l-istat; jikkundanna, għalhekk, il-liġi dwar iċ-ċensura ta' l-Internet li għaddiet mill-Kongress Nazżjonali tal-Poplu u l-eżistenza ta' sistemi ta' ċensura ta' l-Internet magħrufin kollettivament bħala "Il-Firewall il-Kbir taċ-Ċina"; jagħmel stedina b'mod partikulari biex is-sit AsiaNews, it jerġa' jitħalla jkun online mingħajr dewmien — jew f'kwalunkwe każ li ma jkunx blokkjat — meta wieħed iżomm f'moħħu li barra milli hu sors eċċellenti ta' informazzjoni dwar l-Asja u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, is-sit jgħin ukoll biex irawwem id-djalogu bejn il-Vatikan u l-PRC u b'hekk l-unità tal-Knisja Ċiniża;
71. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-linji politiċi irresponsabbli tal-kumpaniji ewlenin ta' l-Internet Yahoo u Google li b'mod dirett u indirett baxxew rashom għat-talbiet tal-Gvern Ċiniż għal ċensura;
72. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jiftħu mill-ġdid l-uffiċċju tal-Fondazzjoni Friedrich Naumann f'Beijing, sabiex il-Fondazzjoni titħalla tkompli bix-xogħol tagħha għall-iżvilupp u d-demokrazija;
73. Jirrikonoxxi l-influenza globali li qed tiżdied taċ-Ċina iżda b'mod partikulari f'pajjiżi differenti bħall-Belorusja, il-Venezwela, is-Sudan, iż-Zimbabwe, il-Burma/Myanmar, l-Iran u l-Korea ta' Fuq, li r-rekord tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem l-UE tikkritika b'mod qawwi;
74. Jitlob lill-awtoritajiet Ċiniżi u lill-Kunsill biex itejbu d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem billi jintroduċu l-interpretazzjoni simultanja waqt il-laqgħat; jitlob li Membri tal-Parlament Ewropew ikunu involuti b'mod iktar attiv fid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem flimkien mal-kollegi tagħhom mill-parlament Ċiniż;
75. Jiddispijaċih li l-awtoritajiet f'Xinjiang b'mod regolari jgħbru flimkien individwi jew organizzazzjonijiet li allegatament huma involuti fit-"tliet elementi ta' ħażen", li tagħmilha diffiċli li wieħed jiddetermina jekk rejd, detenzjonijiet jew kundanni ġudizzjarji partikulari humiex immirati lejn dawk li qed ifittxu b'mod paċifiku li jesprimu l-fehmiet politiċi u reliġjużi tagħhom jew lejn dawk li huma involuti fil-vjolenza; iqis bħala kontroproduktiva l-qerda minn uffiċċjali ta' kotba bil-lingwa Uighuriża, bil-għan li jgħawġu l-fatti storiċi u jrawmu sentiment ta' separatiżmu etniku;
76. Ħerqan biex jiltaqa' mal-Kap Eżekuttiv u l-membri kollha tal-Kunsill Leġiżlattiv tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong li ġie elett permezz ta' sistema elettorali bbażata fuq il-prinċipji tad-demokrazija b'aktar minn partit wieħed, ir-responsabilità tal-gvern lejn il-leġiżlatura u l-governanza ġenwinament effettiva, li se tkun ta' benefiċċju ċar għan-nies kollha ta' Hong Kong;
77. Jirrikonoxxi r-rwol dejjem akbar li ċ-Ċina għandha bħala potenza globali fuq livell dinji; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-gvern Ċiniż biex jimpenja ruħu bis-sħiħ f'dak li għandu x'jaqsam mar-responsabilitajiet dejjem akbar tiegħu u biex jieħu sehem attiv fl-organizzazzjonijiet u l-fora internazzjonali u sabiex jippromwovi l-paċi u s-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti u biex jappoġġja l-valuri universali tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

**Politika barranija/Relazzjonijiet mal-ġirien**

78. Jiġbed l-attenzjoni għat-tħassib tad-dinja ta' barra, speċjalment il-ġirien reġjonali ta' Beijing, fir-rigward tar-rata ta' tkabbir b'ċifri doppji kull sena min-nofs id-90ijiet fin-nefqa militari taċ-Ċina; jirrakkomanda b'mod qawwi — kif approvat minn bosta riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew — li l-embargo ta' l-armi ta' l-UE kontra ċ-Ċina għandu jinżamm sakemm ma jsirx iktar progress fuq kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem; ifakkar f'dan il-kuntest fil-ħtieġa li tiġi inkluża f'aktar negozjati dwar il-Politika Ewropea dwar il-Viċinanzi u dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni, l-adeżjoni għall-embargo ta' l-UE fuq il-kummerċ fl-armi mal-PRC;

79. Jenfasizza r-rabta diretta bejn l-interess ovvju taċ-Ċina li tikseb aċċess għall-ogħla teknoloġija militari Ewropea u li jitneħħa l-embargo fuq l-armi kontra l-PRC, rabta li għandha konsegwenzi sinifikanti għall-koeżjoni tar-relazzjoni transatlantika u l-pożizzjoni tass-suq fl-Ewropa ta' l-industrija ta' l-armi ta' l-ogħla teknoloġija;

80. Jesprimi tħassib dwar il-profondità tal-koperazzjoni maċ-Ċina fil-programm Galileo u jsejjaħ biex tiġi introdotta iktar protezzjoni biex ikun żgurat li ċ-Ċina, u msieħba oħrajn, ma jkunx jistgħu jittrasferixxu teknoloġiji sensitivi li jintużaw fil-programm għal applikazzjonijiet militari;

81. Josserva li l-Liġi taċ-Ċina kontra s-Seċessjoni ta' l-14 ta' Marzu 2005 u l-istazzjonar preżenti ta' iktar minn 800 missila mal-kosta fix-xlokk tal-PRC li tħares lejn it-Tajwan igiddu l-prinċipju ta' reunifikazzjoni paċifika; jistieden liċ-Ċina u lit-Tajwan biex jistabbilixxu fiduċja u rispett reċiproku u biex ifittxu bażi komuni waqt li jqiegħdu fil-ġenb id-differenzi li jeżistu bejniethom, biex jistabbilixxu l-bażi politika neċessarja għal żvilupp paċifiku u sod tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ naħat tal-Fliegu, biex jibdew mill-ġdid djalogu dwar dawk ir-relazzjonijiet sabiex jissaħħu l-iskambji u l-koperazzjoni ekonomika, sabiex isir progress b'mod partikulari fuq it-"tliet ħolqiet diretti" bejn iż-żewġ naħat tal-Fliegu ta' Tajwan (il-posta, it-trasport u l-kummerċ);

82. Huwa tal-fehma li fir-rigward ta' l-għażla possibbli ta' proċess paċifiku ta' reunifikazzjoni maċ-Ċina, ir-rieda u l-approvazzjoni ta' 23 miljun ċittadin tat-Tajwan żgur li jridu jitqiesu, u jkunu rispettati, u hekk ukoll is-sovranià u l-integrità tat-Tajwan, fin-negozjati maċ-Ċina dwar l-istat tat-Tajwan; jirrimarka li l-bidu ta' proċess demokratiku ġenwin fil-PRC jista' jgħin biex titnaqqas it-tensjoni u titlesta t-triq għall-kontinwazzjoni ta' djalogu sostanzjali bejn iż-żewġ naħat;

83. Jistieden liċ-Ċina biex tappoġġja l-possibilità li t-Tajwan ikollu l-istejtus ta' osservatur fl-Assemblea Dinjija tas-Saħħa ta' l-Organizzazzjoni għas-Saħħa fid-Dinja, sabiex tipproteġi s-saħħa tal-poplu tat-Tajwan, ta' rappreżentanti internazzjonali u ħaddiema barranin fuq il-gżira, u tal-popolazzjoni kollha tad-dinja; ifakkar f'dan il-kuntest li infezzjonijiet bħall-HIV/AIDS, it-tuberkulożi, il-malarja, is-SARS, u riċentement, l-influenza avjarja ma jafux fruntieri u jeħtieġu koperazzjoni mad-dinja kollha — kif ukoll, u speċjalment, mat-Tajwan bħala wieħed mill-iktar ċentri internazzjonali importanti fil-Paċifiku tal-Punent; itenni s-sejħa tiegħu biex it-Tajwan ikun rappreżentat aħjar f'fora u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex tasal fi tmiemha l-esklużjoni mhux ġusta ta' 23 miljun ruħ mill-komunità internazzjonali;

84. Jikkonkludi li r-relazzjoni problematika bejn Beijing u Tokjo hija kkawżata minn sens reċiproku ta' sfida: Il-Ġappun qed iħossu sfidat mill-qawmien ekonomiku taċ-Ċina u ċ-Ċina mit-tentattiv tal-Ġappun biex ikollu rwol politiku ikbar u iktar attiv fir-reġjun; jistieden liż-żewġ pajjiżi biex ma jagħmlux azzjonijiet li jistgħu joffendu t-tifkira storika jew is-sensibilitajiet tal-pajjiż l-ieħor;

85. Jilqa' l-inizjattiva Amerikana għall-bidu ta' djalogu strateġiku ma' l-Ewropa dwar il-qawmien taċ-Ċina — element ewlieni ġdid fil-politika tad-dinja "l-ġdida" lejn id-dinja "l-antika" — u jħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw, kunsens strateġiku dwar kif għandha tiġi ttrattata ċ-Ċina;

86. Jenfasizza l-importanza globali tar-relazzjonijiet taċ-Ċina fil-qasam ta' l-enerġija, kemm dawk li diġà jeżistu kif ukoll dawk li qed jifacċaw issa; jiġbed l-attenzjoni għall-impatt fuq is-suq dinji ta' l-enerġija taż-żieda fil-konsum ta' enerġija fiċ-Ċina, li se timxi id f'id mat-tkabbir ekonomiku tagħha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinkludu kwistjonijiet dwar l-enerġija fl-istrategġija fit-tul tagħhom għar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina biex meta jkun xieraq iqajmu l-kwistjoni fil-kuntatti tagħhom maċ-Ċina;

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

87. Jirrikonoxxi l-importanza ekonomika speċjali tal-Kontinent Afrikan għall-PRC (30 % ta' l-importazzjoni taż-żejt/suq li qed jikber għal tagħmir militari Ċiniż), iżda jħeġġeġ lit-tmexxija Ċiniża biex tirrispetta r-responsabilitajiet taċ-Ċina bħala membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u biex fir-relazzjonijiet tagħha ma' stati Afrikani tippromwovi l-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prevenzjoni ta' kunflitti;

88. Jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet taċ-Ċina biex ikollhom rwol attiv sabiex jitkattar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u ssir bidla demokratika fil-Burma/Myanmar;

89. Jistenna li l-PRC tapplika l-proklamazzjoni tagħha kontra t-terroriżmu u l-proliferazzjoni nukleari b'mod konkret fir-relazzjonijiet ta' influwenza li ċ-Ċina għandha ma' l-Iran; jenfasizza li pożizzjoni deċiżiva tal-PRC fir-rigward ta' l-Iran tista' turi r-rieda u l-ħila taċ-Ċina li tieħu fuqha responsabilità internazzjonali;

90. Jilqa' l-impenn taċ-Ċina għat-Taħdidiet bejn is-Sitt Partiti, u jħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż biex jagħmel iktar biex jippromwovi s-sigurtà u l-istabilità fl-Asja tal-Lvant, b'mod partikulari fil-peniżola Koreana, u biex ikollu rwol iktar proattiv fil-promozzjoni tad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-Korea ta' Fuq;

**Konklużjonijiet**

91. Jikkonkludi li relazzjoni ekonomika u kummerċjali kredibbli, stabbli u responsabbli bejn l-UE u ċ-Ċina għandha tkun ibbażata, fuq in-naħa Ewropea, fuq l-iżvilupp ta' strateġija fit-tul u, fuq in-naħa Ċiniża, fuq l-iżvilupp ta' klima soda ta' investiment, fuq it-titjib fis-sigurtà legali għal kumpaniji barranin, fuq il-ftuħ kontinwu tas-swieq tagħha, u qabel kollox, fuq l-osservanza ta' regoli ġusti u ugwali dwar il-kummerċ u fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tad-WTO, inkluża l-konformità mal-ftehim tat-TRIPS fir-rigward tal-ħarsien ta' l-IPR;

92. Jenfasizza l-importanza li jiġi indirizzat l-kunċett ta' responsabilità soċjali korporattiva u l-bżonn ta' promozzjoni ta' l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ekoloġikament sostenibbli fir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u ċ-Ċina; jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu ħsieb li dawn il-prinċipji jiġu applikati;

93. Jasal għall-konklużjoni li s-sitwazzjoni ġewwiena taċ-Ċina għandha titjeb billi jissaħħaħ il-proċess indiġenu ta' demokratizzazzjoni, billi tiżdied il-professjonalità tal-ġudikatura, billi tiġi abolita għal kollox l-piena tal-mewt u fuq kollox, billi jiġi implimentat il-programm soċjali tal-Gvern, approvat mill-10 Kungress Nazzjonali tal-Poplu, favur il-komunitajiet tal-kampanja li għadhom lura sabiex tinqeda l-popolazzjoni taċ-Ċina u tiġi promossa l-istabilità fir-reġjun, u billi jitħarsu l-minoritajiet u d-diversità kulturali, speċjalment fir-reġjuni tat-Tibet u ta' Xinjiang;

94. Jikkonkludi li politika kredibbli u responsabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem tista' tiġi stabbilita mill-ġdid fiċ-Ċina biss billi jiġu rispettati d-drittijiet bażiċi taċ-ċittadini tagħha, kif iddikjarati fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika Popolari;

95. Jasal għall-konklużjoni li ċ-Ċina tista' tikkontribwixxi b'mod qawwi għal relazzjonijiet kredibbli, stabbli u responsabbli ma' pajjiżi barranin u fil-viċinanzi billi tirrikonoxxi l-pożizzjoni ewlenija tagħha bħala parti interessata serja fil-liġi internazzjonali — u s-sistema ta' promozzjoni tal-paċi, pass ewlieni li l-UE tista' tippromwovi b'mod sinifikanti billi tifformula ma' l-Istati Uniti strateġija komuni ġdida dwar iċ-Ċina;

\*

\* \*

96. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jippreżenta din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u l-pajjiżi applikanti u dawk kandidati għas-sħubija, lill-gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u lill-Kungress Nazzjonali tal-Poplu taċ-Ċina, u lill-awtoritajiet tat-Tajwan.

P6\_TA(2006)0347

**Is-sistemi ta' l-ittikkettar tal-prodotti tas-sajd****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tnedija ta' dibattitu dwar approċċ komunitarju rigward is-sistemi ta' l-ittikkettar tal-prodotti tas-sajd (2005/2189(INI))***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lil Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li biha jitnieda dibattitu dwar approċċ komunitarju rigward is-sistemi ta' l-ittikkettar tal-prodotti tas-sajd (COM(2005)0275),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
  - Wara li kkunsidra r-Rapport Nru 780 tas-26 sessjoni tal-Kunitat għas-Sajd ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tan-NU li saret f'Ruma bejn is-7 u l-11 ta' Marzu 2005,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni komunitarju għall-integrazzjoni tar-rekwiżiti tal-ħarsien ta' l-ambjent fil-politika komuni dwar is-sajd (COM(2002)0186),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "Il-futur għas-suq tal-prodotti tas-sajd fl-Unjoni Ewropea: responsabbiltà, sħubija u kompetitività"(COM(1997)0719),
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002, dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - Wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kunitat għall-Ambjent, is-Saħħa Publika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0219/2006),
- A. billi t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd sostanzjati minn ċertifikazzjoni ta' min joqgħod fuqha li l-qbid, it-trobbija, il-ġbir jew l-ipproċessar tagħhom sar skond kriterji ta' sostenibbiltà ambjentali jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv biex kemm il-produtturi kif ukoll il-konsumaturi jappoġġjaw aktar l-oġġettivi tas-sajd sostenibbli,
- B. billi, madankollu, m'hemmx kriterju wieħed adottat internazzjonalment dwar it-tifsira tas-sostenibbiltà fir-rigward tal-prodotti tas-sajd,
- C. billi fi skema ta' l-ittikkettar ekoloġiku tal-prodotti, l-approċċ ekoloġiku għandu jkun dejjem ibbażat fuq evalwazzjonijiet ta' firxa wiesgħa,
- D. billi, fi programm ta' ttikkettar u ċertifikazzjoni ekoloġika, trid tingħata prijorità lil skema ta' kjarifika bbażata fuq numru ta' kriterji,
- E. billi l-FAO ilha tistudja l-aspetti ta' l-ittikkettar ekoloġiku għall-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura mill-1998, u l-Kunitat tas-Sajd tagħha ħareġ linji gwida dwar dan f'Mejju ta' l-2005,
- F. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) studjat il-kwistjoni wara l-laqgħa f'Doha fl-2001, fejn deher ċar il-biża' tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li l-ittikkettar ekoloġiku jista' jwassal għal mekkaniżmu ta' protezzjoniżmu għall-prodotti tal-pajjiżi iktar żviluppati,

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

- G. billi l-ittikettar ekoloġiku tal-prodotti tas-sajd ser iservi biex jittejjeb il-ġbir ta' informazzjoni dwar attivitajiet speċifiċi tas-sajd (itejjeb il-kwantità u l-affidabilità tad-data),
- H. billi l-proliferazzjoni attwali ta' tiketti ekoloġiċi u kriterji għall-ittikettar ekoloġiku, u n-nuqqas ta' fiduċja u l-konfużjoni li dawn joħlqu fil-konsumaturi, tista' twassal biex dan l-istrument ikun skreditat,
- I. Billi l-Komunità Ewropea reċentement iffirmit il-Ftehma dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel u l-iskema ta' ċertifikazzjoni ekoloġika marbuta magħha ('Dolphin Safe'),
- J. Billi kien ippruvat ukoll li hemm konfużjoni bejn tikketta ekoloġika u tikketta ta' kwalità,
- K. Billi, skond ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002, kull attività ta' sajd li ssir fl-Unjoni Ewropea għandha bilfors tkun sostenibbli peress li trid tkun konformi man-normi komunitarji,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li biha nediet id-dibattitu dwar approċċ komunitarju rigward is-sistemi ta' l-ittikettar tal-prodotti tas-sajd;
  2. Jiddispijaci, iżda, għad-dewmien min-naħa tal-Kummissjoni biex tippreżenta l-Komunikazzjoni tagħha, li ppermetta l-proliferazzjoni ta' l-ittikettar ekoloġiku privat mingħajr ebda forma ta' kontroll pubbliku, bil-problemi ta' kredibilità u konfużjoni għall-konsumaturi u l-produtturi li din iġġib magħha;
  3. Jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, għall-oġettivi reali ta' ħafna minn dawn it-tikketti li, meta wieħed jikkunsidra l-importanza dejjem akbar li l-konsumaturi jaġhtu lill-iżvilupp sostenibbli, huma sempliċement użati bħala mezz biex jiżdied il-bejgħ, mingħajr ma l-konsumatur jingħata garanzija reali tal-benefiċċji ta' dawn il-prodotti għas-sostenibbiltà;
  4. Iqis li l-varjeta ta' skemi eżistenti jżid il-kumplessità tal-problema u li l-proposti futuri għandhom ikunu mfassla b'mod li ma jaġhtix vantaġġ kummerċjali lil dawk li diġà qed joperaw fis-suq;
  5. Jifhem li l-uniku għan tal-Kummissjoni huwa li tiftaħ dibattitu ġenerali u li għalissa ma tapprofondix-xix il-kriterji li jridu jmxexx l-ittikettar ekoloġiku komunitarju; madankollu, jiddispijaci li bil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni f'it li xejn qed tikkontribwixxi għad-dibattitu li hi stess qed tipproponi li tniedi, li issa jidher li tħalla miftuħ iżżejjed u b'nuqqas ta' riflessjoni;
  6. Jiddispijaci għan-nuqqas ta' ambizzjoni tal-Komunikazzjoni u jqis li l-għażla li saret (li tikkonsisti fl-ikunu stabbiliti rekwiżiti minimi għal programmi fakultattivi ta' l-ittikettar ekoloġiku) ma tweġibx b'mod sħiħ għall-kwistjonijiet imqajma; tqis li l-ittikettar kollu li jintuża fis-suq għandu jkun ikkontrollat b'mod indipendenti, biex ikun affidabbli u kredibbli għall-konsumatur;
  7. Jitlob rikonoxximent akbar fuq skala Ewropea tas-sajd mhux industrijali; jitlob, għaldaqstant, li qabel it-twaqqif possibbli ta' sistema ta' ttikettar ekoloġiku, jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati, inklużi r-rappreżentanti tas-sajd mhux industrijali, u li jitqiesu s-suġġerimenti tagħhom;
  8. Iqis li tikketta se tkun effikaċi bis-sħiħ biss jekk tkun unika u tinftiehem faċilment mill-konsumaturi, u tippermettilhom li jorjentaw l-għażla tagħhom lejn prodotti li jippreservaw is-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd;
  9. Jinkoraggiixxi għalhekk lill-Kummissjoni biex tippromwovi iktar dibattitu wiesa' li fih jistgħu jipparteċipaw il-partijiet kollha kkonċernati, u li fih tista' ssir riflessjoni fil-fond dwar l-ammont u l-importanza tal-kwistjonijiet li għadhom miftuħa;
  10. Jaqbel, fil-prinċipju, ma' l-għanijiet tas-sostenibbiltà, l-armonizzazzjoni, it-traċċabilità, it-trasparenza, l-oġġettività u n-non-diskriminazzjoni, li jissemew fil-punt 4 tal-Komunikazzjoni; iqis li l-ħolqien ta' tikketta ekoloġika unika ta' l-UE huwa kkumplikat mill-lat burokratiku;

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

11. Huwa konvint li l-użu ta' tikketti ekoloġiċi ta' min joqgħod fuqhom huwa strument effettiv ħafna fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux regolat u mhux rapportat, minħabba li dan jirrikjedi dokumentazzjoni ċara ħafna li fiha jrid jintwera minn fejn hu ġej il-ħut, li tagħmel aktar diffiċli l-aċċess tas-sajd illegali fis-swieq;
12. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiċċara il-fehim tagħha ta' tikketta pubblika komunitarja, peress li fl-analiżi tagħha ta' l-għażla 2 (Il-ħolqien ta' sistema waħda Komunitarja ta' ttikettar ekoloġiku għal ħut u l-prodotti tas-sajd) u ta' l-għażla 3 (Twaqqif ta' rekwiżiti minimi għal sistemi volontarji ta' ttikettar ekoloġiku) fil-Komunikazzjoni tinħoloq konfużjoni dwar jekk humiex qed ikunu meqjusa l-kunsiderazzjonijiet li saru f'fora internazzjonali dwar is-sidien ta' sistema ta' ttikettar ekoloġiku;
13. Iqis li, ladarba jkun stabbilit programm ta' ttikettar u ċertifikazzjoni ekoloġika, il-Kummissjoni trid tippromwvoh u tispjegah lill-parteċipanti kollha fil-proċess; barra minn hekk il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-fiduċja tista' tkun garantita b'mod sħiħ fir-rigward ta' l-osservanza tar-regoli stipulati mill-entitajiet responsabbli mill-ittikettar u ċ-ċertifikazzjoni sabiex il-konsumaturi ma jkunux mqarrqa;
14. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex, f'perjodu ta' sitt xhur, tfassal Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond il-konklużjonijiet ta' dibattitu wiesa', dwar ir-rekwiżiti minimi u linji gwida li magħhom trid tkun konformi sistema komunitarja ta' ttikettar ekoloġiku għall-prodotti tas-sajd;
15. Ihegġegħ ukoll lill-Kummissjoni biex tqis kriterji internazzjonali f'dan ir-rigward, b'mod partikolari l-kriterji stabbilit mill-FAO fit-tfassil tal-bażi ta' sistema ta' ttikettar ekoloġiku għall-prodotti tas-sajd fl-UE, u fosthom li s-sistema:
- tkun konsistenti kemm mal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-FAO għal Sajd Responsabbli kemm mar-risoluzzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, fosthom in-NU u d-WTO;
  - hija volontarja u tiggarantixxi ħarsien akbar ta' l-ambjent mingħajr ma tagħti lok għall-interpretazzjoni li prodott mhux ittikkettat ekoloġikament huwa ta' kwalità inferjuri;
  - tkun trasparenti fil-fażijiet kollha tagħha, inkluża l-istruttura organika tagħha u d-dispożizzjonijiet finanzjarji;
  - ma tkunx diskriminatorja u ma toħloqx ostakli għall-kummerċ, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, waqt li tiggarantixxi kompetizzjoni ġusta;
  - tkun promossa mill-Kummissjoni, li tkun responsabbli biex tistabbilixxi r-regoli tat-tħaddim tas-sistema, waqt li tiggarantixxi l-indipendenza ta' entitajiet speċjalizzati fl-akkreditazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni, strumenti essenzjali ta' garanzija tal-proċess u tal-kredibbiltà ta' dak li hemm fit-tikketta;
  - tinkopora ċerti kriterji ta' sostenibbiltà li jridu jkunu stabbiliti fl-livell ta' strettezza akbar minn dawk li japplikaw għas-sistema komunitarja ta' l-immaniġġjar tar-riżorsi u li jridu jkunu bbażati fuq analiżi xjentifiċi serji; dawn il-kriterji jistgħu jkunu kemm ġenerali kemm speċifiċi skond il-prodotti tas-sajd differenti;
  - tiżgura li t-tikketti jkun fihom informazzjoni li tgħid il-verità, li tfisser li qed tingħata garanzija tal-katina ta' kustodja tal-prodott mill-bastiment tas-sajd sal-konsumatur aħħari, jiġifieri tiżgura l-monitoraġġ ta' ċertifikazzjoni, biex b'hekk taċċerta li l-prodott jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet previsti;
  - tinkorpora proċedimenti ta' awditjar u verifika ta' min joqgħod fuqhom u indipendenti;
  - tiżgura l-ammont ta' riklamar essenzjali tas-sistema;
  - tagħżel tikketta li fiha jkun inkluż ir-riżultat finali ta' l-evalwazzjoni tal-prodott miktub b'mod faċli u li jinftiehem mill-konsumatur;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

P6\_TA(2006)0348

## Is-Sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, partikularment ir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar il-kriżi umanitarja fit-territorji Palestinjani u l-irwol ta' l-UE<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1701(2006), 1559(2004), 520(1982), 426(1978), 338(1973) u 242(1967),
  - wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Lulju 2006,
  - wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Ko-chairperson tal-Konferenza ta' Ruma dwar il-Libanu li saret fis-26 ta' Lulju 2006,
  - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill straordinarju dwar l-Affarjiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni (GAERC) tal-25 ta' Awissu 2006,
  - wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Bureau ta' l-Assembleja Parlamentari Ewro-Mediterranja (EMPA) adottata fl-24 ta' Awissu 2006,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Konferenza ta' Stokkolma għar-Rikostruzzjoni Bikrija tal-Libanu li saret fil-31 ta' Awissu 2006,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra dwar il-liġi umanitarja internazzjonali,
  - wara li kkunsidra l-intervent tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-Territorji Okkupati Palestinjani, waqt is-sessjoni speċjali tal-Kunsill tan-NUghad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-5 ta' Lulju 2006, f'Ġinevra;
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 15, 16 u 19 tat-Trattat UE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kunflitt fil-Libanu irriżulta f'katastrofi umanitarja li ħalliet mijiet mejta u mġarrba fuq iż-żewġ naħat, ħsara kbira fl-infrastruttura ċivili u mijiet ta' eluf ta' nies barra minn posthom, u liema katastrofi ma ntemmitx mal-waqfien l-isparar,
- B. maħsud ħafna bl-esplużjoni ta' l-ostilitajiet fin-nofsinar tal-Libanu, bl-attakki tal-Hizbollah, ir-reazzjoni esaġerata fl-użu tal-forza mill-armata Iżraelita, li kienet theddida serja għall-paċi internazzjonali u għas-sigurtà,
- C. jinnota s-sejħa mill-Kummissarju l-Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU sabiex isir eżami ta' ksur tal-liġi internazzjonali waqt il-kunflitt,
- D. jikkunsidra l-gravità tal-bumbardamenti Iżraeliti u ta' l-isparar ta' ròkits mill-Hizbollah u l-militanti Palestinjani kontra l-popolazzjoni ċivili,
- E. billi r-riżoluzzjoni 1701 talbet lill-Gvern Libaniż sabiex jestendi l-awtorità tiegħu fuq it-territorju tal-pajjiż permezz tal-forzi leġittimi tiegħu, u ddeċidiet li żżid is-saħħa tal-Forza Interim tan-NU tal-Libanu (UNIFIL) u testendi l-mandat tagħha,
- F. billi r-riżoluzzjoni 1701 tistieden lill-Gvern Iżraelit sabiex jirtira t-truppi tiegħu kollha minn Nofsinar tal-Libanu sabiex jibda l-iskjerament tal-UNIFIL u jtemm l-imblokk ta' l-ajruporti u tal-portijiet fil-Libanu,

<sup>(1)</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2006)0237.

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

- G. jinsisti li l-Libanu kompletament demokratiku u sovrani għandu rwol importanti fl-implimentazzjoni ta' soluzzjoni waħda għall-kriżi mal-Lvant Nofsani u fl-iżvilupp ta' Sħubija Ewro-Meditarranja b'saħħha,
- H. jenfasizza li l-kriżi umanitarja fit-Territorji Okkupati qegħda teħżien minkejja l-Mekkaniżmu Temporanju Internazzjonali (TIM) imwaqqaf mill-Komunità Internazzjonali sabiex titkompla l-assistenza lill-poplu Palestinjan,
- I. peress li l-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani jinsab f'falliment politiku u diplomatiku għalkemm hemm bżonn ta' soluzzjoni ġusta u dejjiema għall-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina sabiex ikunu stabbiliti l-paċi u s-sigurtà fir-reġjun kollu,
- J. billi l-Unjoni Ewropea għandha responsabiltà speċjali għall-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani, li huwa l-viċinat ta' l-Ewropa, u għalhekk l-istrumenti u l-metodi għall-koordinazzjoni tal-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni (CFSP) għandhom jittejjbu billi tkun adottata Pożizzjoni Komuni fil-qafas tas-CFSP u skond l-Artikolu 15 u 16 tat-Trattat ta' l-UE,
1. Jesprimi t-tħassib serju dwar l-estensjoni u l-intensità tal-kunflitt militari fin-Nofsinar tal-Libanu u jiddispjaċi għall-midruba ċivili fil-Libanu u fl-Iżrael, għas-soldati u l-osservaturi tan-NU fil-Libanu u/jew fl-Iżrael, u l-qerda kbira fl-infrastruttura; jerġa' jikkonferma li m'hemmx soluzzjoni militari għall-kunflitt fil-Lvant Nofsani;
  2. F'dan is-sens jenfasizza li l-ebda waqfien l-isparar ma jista' jinżamm għal żmien twil mingħajr rieda tajba politika tal-partijiet involuti direttament u ta' dawk involuti indirettament sabiex ifejqu l-għerqu u l-kawżi ta' din il-kriżi riċenti;
  3. Itenni t-talba għar-rilaxx immedjat tas-soldati Israeliti miżmuma u tal-membri tal-Gvern Palestinjan u tal-membri tal-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan miżmuma fil-ħabs mill-Iżrael;
  4. Jilqa' l-adozzjoni unanima tar-Riżoluzzjoni 1701 mill-NUSC, li taħseb għall-kundizzjonijiet sabiex jit-waflu l-operazzjonijiet militari u ssaħħaħ il-UNIFIL permezz ta' mandat b'saħħtu immirat sabiex iżid il-kapaċità li jkun evitat ksur tal-waqfien l-isparar, jassisti l-Gvern Libaniż fl-eżerċizzju sħiħ tas-sovrani u fil-kontroll effettiv fuq it-territorju tal-pajjiż, inklużi l-ibħra territorjali, jappoġġja l-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni tal-UNSC 1559 u jikkontribwixxi lejn il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivi u ta' l-UNIFIL innifisha;
  5. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvern Libaniż sabiex iqiegħed it-truppi tiegħu fin-nofsinar tal-Libanu u l-ftehim ta' l-armata Iżraelita li tirtira wara l-Linja l-Blu kif maħsub mill-UNSC 1701; jilqa' l-appoġġ qawwi tal-gvern Libaniż għal rwol imsaħħaħ ta' l-UNIFIL;
  6. Jikkunsidra li l-mandat ta' l-UNIFIL għandu jirrapreżenta impenn serju sabiex tkun provduta għajnuna xierqa lill-Gvern Libaniż fl-istabbiliment ta' kontroll effettiv u arranġamenti ta' sigurtà kif determinat fir-Riżoluzzjonijiet UNSC 1559 u 1701;
  7. Jilqa' l-esitu tal-laqgħa tal-GAERC imsejma hawn fuq, partikolarment l-appoġġ sħiħ tal-Kunsill fl-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1701, u l-impenn ta' l-Istati Membri li jipprovdu madwar 7000 suldat minn massimu ta' 15000 truppa ta' l-UNIFIL;
  8. Jissottolinea l-irwol attiv li hađu Franza u l-Italja; jappoġġja bi sħiħ id-deċiżjoni li Franza tkompli tmexxi l-UNIFIL sa Frar ta' l-2007 u wara tiegħu t-tmexxija u l-kontroll l-Italja; jenfasizza li, minkejja kollox, id-duplikazzjoni ta' l-istrutturi ta' tmexxija għandhom ikunu evitati;
  9. Madankollu jenfasizza l-importanza li l-mandat u r-regoli ta' ingaġġ ikunu definiti tajjeb, li l-istruttura u l-kompetenzi ta' l-UNIFIL, jekk ikun neċessarju ikunu miftexxa f'Riżoluzzjoni ġdida tan-NUSC Uniti li għandha tikkunsidra l-lezzjonijiet meħudha minn ingaġġi għaż-żamma tal-paċi preċedenti tan-Nazzjonijiet Uniti, notament fil-Bosnja u fil-Herzegovina;



**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

10. Jikkunsidra vitali li kull importazzjoni ta' armamenti fil-Libanu jaslu biss għand l-armata Libaniża uffiċjali u jitlob lill-gvern Libaniż sabiex jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjoni 1559, b'koperazzjoni ma' l-UNIFIL; jenfasizza wkoll l-importanza li l-Istati Membri kollha ta' l-UE jieħdu passi skond ir-rekwiżiti tar-Riżoluzzjoni 1701 rigward il-provvista ta' l-armi (għodda); u jenfasizza li dan għandu jwassal għad-disarmament tal-milizja kollha, inkluża dik tal-Hizbollah, u tevita d-dħul ta' l-armi fil-Libanu;
11. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jirrispettaw b'mod rett il-Kodiċi ta' Imġieba ta' l-Esportazzjoni ta' l-Armi f'dak li jirrigwarda l-konsenja ta' l-armi lir-reġjun;
12. Jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tinvolti ruħha f'bidma mal-partijiet kollha kkonċernati u tappella lil dawn ta' l-aħħar sabiex jirrispettaw b'mod skrupluż l-impenji tagħhom għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-UNSC, b'mod li jippermettu l-aċċess għall-għajnuna umanitarja b'urġenza u r-ritorn ta' persuni spustati taħt l-aħjar kundizzjonijiet ta' sigurtà; f'dan ir-rigward, jitlob b'insistenza t-tneħħija ta' l-imblukkar bil-baħar u bl-ajru fuq il-Libanu u, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-UNSC, ifakkar li l-ħolqien ta' miżuri effettivi, fil-qasam ta' l-armi, ta' materjal relatat, ta' taħriġ u assistenza, huwa prijorità;
13. Jinnota li sforzi qawwija, urġenti u effettivi huma neċessarji għar-rikostruzzjoni tal-Libanu; jilqa' b'so-disfazzjon, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Konferenza ta' Stokkolma għar-Rikostruzzjoni tal-Libanu, fejn pajjiżi donaturi ddeċidew li jikkontribwixxu għall-bini mill-ġdid tal-pajjiż, u l-Kummissjoni u l-Istati Membri ħabbru li se jagħtu EUR120 miljun f'għajnuna umanitarja;
14. Jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu sħubija ħajja mal-forzi politiċi demokratiċi u mas-soċjetà ċivili sabiex jappoġġjaw demokrazija akbar fil-Libanu wara l-ġrajjiet ta' Marzu 2005;
15. Jistieden b'urġenza lill-Iran u lis-Sirja biex ikollhom irwol kostruttiv, b'mod speċjali fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet 1559 u 1701; jistieden partikolarment lis-Sirja biex issaħħaħ il-kontrolli fuq in-naħa tagħha tal-fruntiera Libaniża-Sirjana bi qbil mar-Riżoluzzjoni 1701, li tobbliga lill-pajjiżi ġirien li jżommu milli armi jiġu forniti lil entitajiet mhux governattivi;
16. Jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jergħu jibdew dialogu ġenwin mas-Sirja sabiex idaħħlu dan il-pajjiż fl-isforzi għall-paċi għal soluzzjoni komprensiva tal-konflitt; jistenna li r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU previst fir-Riżoluzzjoni 1701 dwar id-delineazzjoni tal-fruntieri internazzjonali fil-Libanu, inkluża l-kwistjoni dwar ir-reġjun ta' l-irziezet ta' Shebaa, jikkontribwixxi għall-progress f'din il-kwistjoni;
17. Jitlob li ssir inkjesta komprensiva internazzjonali u ta' livell għoli, taħt il-patroċinju tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, fil-Libanu u l-Iżrael bil-mandat li tinvestiga rapporti dwar ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, it-tbatija tal-vittmi, il-ksur tal-liġi umanitarja;
18. Iqis f'dan il-kuntest li l-Unjoni Ewropea, bħala donatur prinċipali, u l-komunita internazzjonali għandhom jistudjaw il-metodi għal kundizzjonijiet possibbli ta' responsabilità;
19. Jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjoni bikrija taċ-ċentru ta' monitorjar u ta' informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex jittratta l-problema taż-żejt li kkontamina aktar minn 50km tal-kosta Libaniża; Jenfasizza l-bżonn li jittieħdu miżuri għall-ġlieda kontra t-tniġġis ta' ċerti reġjuni u speċjalment kontra l-impatt diżastruż tat-safef ta' żejt max-xatt tal-Libanu; Jistieden l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jipprovdu assistenza u reazzjoni fi ħdan il-qafas tal-Protokoll dwar il-prevenzjoni ta' u r-reazzjoni għat-tniġġis tal-Konvenzjoni ta' Barċellona u ċ-Ċentru Reġjonali għal Reazzjoni Urġenti għat-Tniġġis tal-Baħar għall-Mediterran li topera fi ħdan il-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Mediterran;
20. Jiddeplora bil-qawwa s-sitwazzjoni deterjoranti tal-popolazzjoni u l-infrastruttura ċivili f'Gaza u fix-Xatt tal-Punent; Jitlob lin-naħat kollha biex iwaqqfu ċ-ċirku vizzjuż ta' attacchi u kontrattakki li rriżultaw fmijiet ta' mwiet u fi ħsarat estensivi fl-infrastruttura ċivili;

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

21. Jenfasizza l-bżonn li l-Proċess ta' Paċi għall-Lvant Nofsani jerġa' jitpoġġa fuq nett fl-aġenda politika internazzjonali; Jistieden lill-Kwartett (NU, UE, USA u Russja) biex jerġa' jqajjem mill-ġdid ir-Roadmap fid-dawl ta' l-Assemblea Ġenerali annwali tan-NU ta' Settembru 2006; jerġa' jafferma li s-soluzzjoni ta' żewġ stati, bi stat Iżraeljan u stat Palestinjan jeżistu ma ġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà, hija kundizzjoni essenzjali għal soluzzjoni paċifika u dejjiema fil-Lvant Nofsani;
22. Jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex ikompli jiggarrantixxu mal-komunità internazzjonali l-għajnuna umanitarja essenzjali għall-popolazzjoni Palestinjana; jitlob li t-TIM jiġi msaħħaħ u estiż fiż-żmien u fir-riżorsi; jistieden lill-gvern Israeljan biex jerġa' jstabbilixxi b'urġenza t-trasferiment tat-taxxi u d-dħul mid-dwana Palestinjani miżmuma; jistieden l-Iżrael sabiex jippermetti l-moviment ta' persuni fir-rispett tal-Ftehim dwar il-Moviment u l-Access f'Refah u bejn il-fruntieri f'Gaza;
23. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-President ta' l-Awtorità Palestinjana, Mahmoud Abbas, fl-isforzi tiegħu li jippromwovi djalogu nazzjonali bejn il-partiti Palestinjani differenti, bil-għan li jstabbilixxi gvern ġdid Palestinjan;
24. Iqis li l-preżenza ta' forza multinazzjonali fil-Libanu tista' titqies bħala mudell li għandu jservi ta' eżempju fil-proċess ta' negozjati għal soluzzjoni tal-konflitt bejn Iżrael u l-Palestina;
25. Jistieden lill-Kunsill sabiex jagħmel kull sforz biex isejjaħ għal konferenza internazzjonali għall-paċi — bħall-Konferenza ta' Madrid ta' l-1991 — biex tinstab soluzzjoni komprensiva, dejjiema u vijabbli għall-problemi fir-reġjun, ibbażata fuq riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU, li jinkludu d-dritt ta' Iżrael li jgħix f'konfini sikuri u rikonnoxxuti u d-dritt ta' stat vijabbli għall-Palestinjani bbażat fuq it-Territorji Okkupati u jitrattaw kwistjonijiet dwar is-sigurtà u diżarm b'mod komprensiv; jikkunsidra li approċċ unilaterali mill-partijiet kollha konċernati għandu jiġi miċħud;
26. Jikkunsidra essenzjali, f'dan il-kuntest, l-involviment tal-Lega tal-pajjiżi Għarab jikkunsidra li l-"Pjan ta' Bejrut" ta' l-2002, li sar qbil dwaru fost il-Pajjiżi Membri tal-Lega tal-pajjiżi Għarab, u l-Inizjattiva ta' Ġinevra bħala kontribuzzjonijiet għan-negozjati li għandhom jiġu kkunsidrati b'mod xieraq;
27. Jikkunsidra li l-EMPA, l-unika istituzzjoni parlamentari tal-Proċess ta' Barċellona li tgħaqqad il-membri eletti tal-poplu tax-xatt ta' nofsinhar tal-Mediterran u l-Unjoni Ewropea, għandha tassumi r-responsabilità bil-ħsieb li tiffaċilita d-djalogu u l-koperazzjoni bejn il-partijiet konċernati mis-sitwazzjoni tal-Lvant Nofsani; jappoġġa t-talba tal-Bureau ta' l-EMPA biex isejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill tal-Euromed tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-Proċess ta' Barċellona kemm jista' jkun malajr;
28. Jemmen li fi żmien medju u twil, il-bini ta' istituzzjonijiet li jgħaqqdu l-pajjiżi tal-baċir Mediterran, bħall-Bank għall-Iżvilupp Ewro-Mediterranju, ikunu l-aqwa garanzija għal paċi dejjiema u żvilupp uman; u jistieden lill-Istati Membri biex iħabirku għall-ħolqien ta' istituzzjonijiet bħall-dawn, pjuttost milli jfittxu ftehimiet bilaterali;
29. **Huwa favur li tintbagħat** delegazzjoni investigattiva l-Libanu, il-Palestina u Iżrael sabiex timmonitorja s-sitwazzjoni, u tiffoka b'mod speċjali fuq il-kundizzjonijiet umanitarji u politiċi;
30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti ta' l-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti ta' Iżrael, tal-Libanu u ta' l-Awtorità Palestinjana, lis-Sirja u l-Iran, lill-Istati Uniti ta' l-Amerika u lir-Russja, lis-segretarju Ġenerali tal-Lega tal-pajjiżi Għarab.
-

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

P6\_TA(2006)0349

## In-nirien fil-foresti u l-għargħar

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar in-nirien tal-foresti u l-għargħar

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6 u 174 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2006 dwar ir-riżultat tal-Konferenza ta' Montreal dwar il-bidla fil-klima<sup>(1)</sup>, ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Settembru 2002 dwar l-għargħar fl-Ewropa<sup>(2)</sup>, ir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' April 2005 dwar in-nixfa fil-Portugall<sup>(3)</sup>, ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2005 dwar in-nixfa fi Spanja<sup>(4)</sup>, ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (in-nirien u l-għargħar) fl-Ewropa<sup>(5)</sup> u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 dwar id-diżastri naturali (in-nirien fil-foresti, in-nixfa u l-għargħar) — aspetti dwar l-agrikoltura<sup>(6)</sup>, aspetti dwar żvilupp reġjonali<sup>(7)</sup> u aspetti dwar l-ambjent<sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) tal-11 ta' Diċembru 1997 u r-ratifika mill-Komunità tal-Protokoll ta' Kyoto fil-31 ta' Mejju 2002,
- wara li kkunsidra r-regolament 'Forest Focus', ir-Regolament (KE) Nru 2152/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003<sup>(9)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 1998 dwar Strateġija għall-Foresti għall-Unjoni Ewropea (COM(1998)0649), u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' Strateġija għall-Foresti ta' l-Unjoni Ewropea<sup>(10)</sup>,
- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2004 għal regolament dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (COM(2004)0621 u l-Posizzjoni tal-Parlament tas-7 ta' Lulju 2005<sup>(11)</sup>),
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 tal-Kunsill dwar il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi tal-Komunità għall-iżvilupp rurali,
- wara li kkunsidra l-istrument ta' reazzjoni rapida u ta' tlestija għal emerġenzi kbar (COM(2005)0113),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-titjib tal-Mekkaniżmi għall-Protezzjoni tal-Komunita' Ċivili (COM(2005)0137 u s-sejħa ta' Michel Barnier għall-ħolqien ta' korp għall-protezzjoni Ċivili Ewropea, li għandu jissejjaħ 'Assistenza Ewropea',
- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Fond Ewropew ta' Solidarjeta' (COM(2005)0108) u l-Posizzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Mejju 2006<sup>(12)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar pjan ta' Azzjoni għall-Bijomassa (COM(2005)0628) u dwar Strateġija ta' l-UE għall-bijofjuwils (COM(2006)0034),

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0019.

<sup>(2)</sup> ĠU C 272 E, 13.11.2003, p. 471.

<sup>(3)</sup> ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 599.

<sup>(4)</sup> ĠU C 92 E, 20.4.2006, p. 414.

<sup>(5)</sup> ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 322.

<sup>(6)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0222.

<sup>(7)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0223.

<sup>(8)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0224.

<sup>(9)</sup> 9 ĠU L 324, 11.12.2003, p. 1.

<sup>(10)</sup> 10 Testi adottati, P6\_TA(2006)0068.

<sup>(11)</sup> 11 ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 451.

<sup>(12)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0218.

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar l-istrateġija riveduta għall-iżvilupp sostenibbli <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-punt numru 12 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 dwar ir-risposta ta' l-Unjoni f'każ ta' emerġenzi, kriżi u diżastri,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fl-2006 l-Unjoni Ewropea ġarrbet nirien tal-foresti qerrieda, speċjalment fl-Istati Membri tan-nofs-sinhar, li kkawżaw imwiet u ħsara materjali konsiderevoli,
- B. billi fl-UE l-erja totali ta' veġetazzjoni u msaġar affettwati min-nirien hija ta' aktar minn 200,000 ettaru, li nofshom huma fi Spanja; billi l-Istati Membri l-oħra affettwati ma jinkludux biss il-Portugall, il-Greċja, Franza, l-Italja u Ċipru, iżda wkoll oħrajn li tradizzjonalment jitqiesu li għandhom riskju inqas, bħall-Olanda, l-Irlanda, il-Litwanja, ir-Renju Unit, l-Awstrija, l-Iżvezja, ir-Repubblika Ċeka u l-Polonja,
- C. billi n-nirien fil-foresti kienu serji ħafna f'reġjuni bħall-Galicia, fejn sa l-14 ta' Awissu 2006 kienu affettwati 88,473 ettaru, u dan wassal biex mietu 4 persuni, indarbu 514-il ruħ, inqatlu annimali u saret ħsara materjali u ekoloġika konsiderevoli, anke fi 17-il Sit ta' Importanza Komunitarja (SCIs) inklużi fin-Netzwerk Natura 2000 u f'żoni oħra ta' importanza ekoloġika, li uħud minnhom jiffurmaw kanali għal speċji bejn siti protetti,
- D. billi fi snin reċenti nixfiet persistenti u temperaturi għoljin wasslu għall-proliferazzjoni ta' nirien fil-foresti fl-Ewropa, u b'hekk żdiedet id-deżertifikazzjoni f'ħafna reġjuni u ġew affettwati l-agrikoltura, it-trobbija ta' l-annimali u l-wirt tal-foresti,
- E. billi l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) bassret li fl-Ewropa tan-nofs-sinhar se jżdied l-istress min-nixfa, li n-nirien fil-foresti se jseħħu iktar spiss u li se jżdied l-istress mis-sħana, filwaqt li fit-tramuntana ta' l-Ewropa se tiżdied ix-xita, u f'ħafna reġjuni ta' l-Ewropa se jżdiedu l-kobor u l-frekwenza ta' l-għargħar minħabba l-bidla fil-klima,
- F. billi l-vulnerabilità ta' l-Ewropa għan-nixfa li qed dejjem aktar tkun minħabba użu mhux sostenibbli ta' l-ilma, tal-ħamrija u tar-riżorsi bijoloġiċi, kif ukoll minħabba bidla fil-klima, li wkoll toħloq riskju għall-provvista ta' l-ikel ta' l-Ewropa,**
- G. billi dawn in-nirien parzjalment ġew ikkaġunati min-nixfa u mit-temperaturi għolja ta' dan is-sajf kif ukoll mill-bidliet soċjoekonomiċi u kulturali li sehew fl-aħħar snin fi nħawi rurali: abbandun ta' nħawi rurali, żamma insuffiċjenti ta' foresti, tħawwil ta' varjetajiet insuffiċjenti ta' siġar u inċidenza konsiderevoli ta' attivitajiet kriminali,**
- H. billi l-abbandun ta' nħawi rurali, kif ukoll tnaqqis fil-profitt miksub mill-foresti u l-ispejjeż kbar għaż-żamma tagħhom, affettwaw l-immaniġġjar tajjeb min-naħa tas-sidien, bil-konsegwenza li kien hemm żieda fil-bijomassa fil-veġetazzjoni ta' taħt is-siġar il-kbar u tfaċċaw żoni kbar ta' msaġar b'siġar li jikbru sfiq f'xulxin u li jaqbd u malajr, filwaqt li f'dawk il-postijiet fejn il-foresti huma rilevanti soċjoekonomikament in-nirien huma sustanzjalment inqas komuni,**
- I. billi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali ta' diżastri naturali li huma ta' ħsara għall-ekonomiji reġjonali, l-attività produttiva u t-turiżmu,
- J. billi l-ħsara kbira lid-djar, lill-infrastruttura u lill-agrikoltura kkawżata mill-għargħar, b'mod partikulari fl-Awstrija, fl-Ungerija, fil-Polonja u f'partijiet oħra ta' l-Ewropa,
- K. billi n-nirien u l-għargħar huma spiss transnazzjonali fin-natura tagħhom u għalhekk huwa neċessarju li jissaħħu l-miżuri konġunti għall-ġlieda kontra d-diżastri naturali u li jissaħħu l-mekkaniżmi tal-Komunità għall-protezzjoni ċivili,

(1) Testi adottati. P6\_TA(2006)0272.

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

- L. billi l-politika għall-iżvilupp rurali m'hijiex se tkun biżżejjed biex tingħeleb din il-problema u l-intestatura għall-ghajjnuna lill-bdiewa għall-ħolqien u l-manutenzjoni ta' waqqafa tan-nar m'għadhiex tidher fir-regolament ta' qafas għall-Fond Ewropew Agrikolu l-ġdid għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD),
- M. billi l-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 adotta r-rapport tal-President dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' l-Unjoni f'każijiet ta' emerġenza u kriżi, u laqa' r-rapport ippreżentat minn Michel Barnier f'Mejju 2006,
- N. billi, wara l-konklużjonijiet tal-Presidenza ta' dak il-Kunsill, il-grupp ta' tmexxija ta' kriżi ad hoc ibbażat fi Brussell għandu jibda jaħdem mill-1 ta' Lulju 2006,
- O. billi l-Parlament bi ħsiebu jkompli x-xogħol tiegħu dwar id-diżastri naturali, li sar b'mod partikulari minn Awissu 2005 'l hawn, permezz ta' seduta ta' smiġh pubblika dwar in-nirien u l-għargħar li għandha ssir f'Ottubru 2006,
- P. billi m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni Ewropea speċifika biex taffronta n-nixfiet u n-nirien, għalkemm qed titlestha direttiva speċifika dwar il-prevenzjoni ta' l-għargħar,
1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-qraba ta' dawk li mietu kif ukoll ma' l-abitanti taż-żoni li saritilhom il-ħsara, b'mod partikulari fil-Galicia, u jirringrazzja lil dawk kollha — professjonisti u voluntiera — li għenu biex jintfexx in-nirien u biex jiġu salvati l-vittmi ta' l-għargħar;
  2. Jagħraf is-solidarjetà li wrew l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u pajjiżi oħra mar-reġjuni milquta kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi applikanti u l-ghajjnuna ta' min ifaħħarha li għet ipprovduta lill-awtoritajiet u s-servizzi tas-salvataġġ tagħhom; huwa tal-fehma li d-dimensjonijiet ta' dawn il-fenomeni u l-konsegwenzi tagħhom imorru lil hinn mil-livell reġjonali u nazzjonali u jitolbu impenn Ewropew effettiv u urġenti;
  3. Huwa mħasseb dwar l-għadd, li qed jikber, ta' diżastri li, skond l-esperti, jista' jiġi attribwit l-aktar għall-bidla fil-klima; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri biex jagħmlu dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' Kyoto, u jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu inizjattivi sabiex tiggarantixxi l-konformità ma' l-impenji ta' Kyoto u li jkun hemm żvilupp fuqhom; jemmen li l-ħsara kkaġunata mill-avvenimenti ta' dan l-aħħar tkompli tenfasizza li l-mitigazzjoni se tkun tiswa ħafna inqas mill-konsegwenzi tat-tisħin globali;
  4. Huwa tal-fehma li r-riżoluzzjoni tiegħu fuq imsemmija tal-15 ta' Ġunju 2006 fiha elementi u prinċipji importanti li għandhom jiġu kkunsidrati u jitlob għall-implimentazzjoni f'waqtha ta' l-istrategġija;
  5. Jemmen li l-prevenzjoni globali u reġjonali, aktar milli t-tiswija tal-ħsara, għandu jkollha l-irwol ewlieni; jinnota wkoll li l-ħsara kkaġunata mid-diżastri naturali setgħet tkun parzjalment evitata u li għandha sservi bħala inċentiv għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' politiki ta' prevenzjoni u ta' leġiżlazzjoni adegwata dwar il-konservazzjoni u l-użu xieraq ta' l-art, inklużi Prattiki sostenibbli għall-farms u għall-foresti u mmaniġġjar effiċjenti tar-riskji;
  6. Jemmen li diżastri bħal dawn jistgħu jiġu indirizzati b'mod effiċjenti biss fil-livell Komunitarju, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà: jagħtu lok għal rispons effettiv fuq livell Ewropew imtejjeb, jekk ikun meħtieġ permezz ta' strumenti Komunitarji ġodda għall-prevenzjoni u l-affrontar tal-problema;
  7. Jitlob lill-Kummissjoni biex timmobilizza l-Fond ta' l-Unjoni Ewropea għas-Solidarjetà sabiex jiġi applikat bi flessibilità, u b'hekk iħaffef l-implimentazzjoni tiegħu sabiex jindirizza l-ħsara serja kkaġunata min-nirien, meta wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-ħsara taffettwa l-mod kif tgħix il-popolazzjoni, speċjalment fir-reġjuni l-inqas prosperi li jridu jħabbtu wiċċhom ma' l-effetti negattivi fuq l-infrastruttura, il-potenzjal ekonomiku, ix-xogħol, il-wirt naturali u kulturali, l-ambjent u t-turiżmu, li lkoll għandhom effett negattiv fuq il-koeżjoni ekonomika u soċjali;
  8. Jagħmel stedina sabiex jiġu allokati riżorsi adegwati lill-protezzjoni ċivili għal emerġenzi kbar, u huwa ddispijaċut bir-rispons biered tal-Kunsill għall-proposta biex jinholq korp Ewropew tal-protezzjoni ċivili (Rapport Barnier);

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

9. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni sabiex tittejjeb il-kapaċità ta' l-UE li tirreaġixxi malajr f'każ ta' diżastri;
10. Jagħmel stedina għal użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u tekniċi eżistenti u għal titjib xjentifiku fir-rigward tal-prevenzjoni tad-diżastri u tat-taffija tal-konsegwenzi tagħhom;
11. Jistieden sabiex tiġi adottata skond il-proċedura ta' ko-deċiżjoni, u lill-Istati Membri biex jimplimentaw kemm jista' jkun malajr, il-leġislazzjoni proposta li tistabilixxi mekkaniżmu Komunitarju ta' protezzjoni ċivili u rigward l-evalwazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-għargħar;
12. Jistieden lill-Presidenza Finlandiża ta' bħalissa biex tagħti attenzjoni partikulari lill-iżvilupp tal-kapaċità ta' l-Unjoni biex tirreaġixxi malajr għal tali diżastri u lill-proposti magħmula mill-Kummissjoni u mill-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Komunità fil-protezzjoni ċivili u sabiex tipproponi l-adozzjoni ta' l-istrumenti legali sa tmiem l-2006, skond il-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006;
13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex toħloq programm ta' tpartit ta' esperjenza dwar l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għall-kontroll tar-riskji u ta' l-effetti tan-nirien tal-foresti u għall-azzjoni ulterjuri dwarhom, kif ukoll it-tħejjija ta' proċedura Ewropea ta' approvazzjoni għall-kwalifikazzjoni ta' personal tekniku, sabiex jittejjeb it-taħriġ tagħhom;
14. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-għanijiet tar-Regolament 'Forest Focus' fil-qasam tal-prevenzjoni ma ntlaħqux; jinnota li l-għadd ta' nirien fl-inħawi li nħarqu, minflok ċkien, kiber minn mindu daħal fis-seħħ; jistieden lill-Kummissjoni biex, fir-rapport li tippreżenta qabel tmiem l-2006, tinkludi proposti speċifiċi sabiex issolvi dawn il-problemi;
15. Jinnota li, minkejja l-fatt li s-Sistema għal Informazzjoni dwar Nirien fil-Foresti Ewropea (EFFIS) irnexxielha tarmonizza d-dejta dwar in-nirien fl-Istati Membri u tipprovdi tagħrif aġġornat dwar il-fatturi ta' riskju naturali, ma tippermettix l-investigazzjoni tan-nisel antropoġeniku, ma tiddeterminax il-fatturi soċjoekonomiċi ta' riskju u ma tevalwax ir-riperkussjonijiet tan-nirien; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta sabiex tissupplimenta din is-sistema b'dejta oħra li tagħmilha possibbli li jiġu kkorreġuti dawn in-nuqqasijiet;
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta, fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijomassa, proposti konkreti għall-foresti fin-nofsinar ta' l-Ewropa rigward l-użu ta' bijomassa tal-foresta għal skopijiet ta' enerġija, li jinvolvu għajn ġdida ta' dħul għas-sid u fl-istess ħin jikkontribwixxu għal immaniġġjar aħjar tal-foresti;
17. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar sostenibbli tal-foresti' l-ġdid, tmexxi 'l quddiem il-politika Ewropea dwar il-foresti, u b'hekk tagħti preminenza lill-bosta funzjonijiet tal-biedja Ewropea b'għan li jinqasam fi tnejn: biex iżżomm u tipprovdi x-xogħol għall-popolazzjoni rurali u żżid sustanzjalment il-massa ta' foresta; **hekk ukoll jitlob li jittieħdu miżuri li jgħinu l-prevenzjoni tan-nirien fis-silvikultura sabiex is-sidien u l-organizzazzjonijiet tagħhom jiġu mgħejjuna jimplimentaw attivitajiet bħat-taqċit tas-siġar minn fuq, iż-żbir mhux kummerċjali, il-qtuġh, it-tneħħija tal-bijomassa tal-foresta, il-ħolqien ta' linji ta' kontroll u ta' waqqafa tan-nirien, il-bini ta' toroq fil-foresti u d-depożitu ta' l-ilma;**
18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq komunikazzjoni sabiex fis-soċjetà jinħoloq għarfien dwar il-valur tal-foresti tagħna u tar-riżorsi tagħhom u tal-benefiċċji li ġġib magħha l-konservazzjoni tagħhom, b'mod li jippromwovi l-involviment tas-soċjetà ċivili permezz tal-volontarjat organizzat jew ta' modi oħra, pereżempju l-involviment ta' assoċjazzjonijiet għall-ħarsien tal-foresti u ta' l-inħawi naturali;
19. Jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-pieni għal atti kriminali li jagħmlu ħsara lill-ambjent u b'mod partikulari għal dawk li jikkaġunaw nirien tal-foresti, u jemmen li investigazzjoni fil-pront u effettiva li tiddetermina r-responsabilitajiet, segwiti minn kastig proporzjonat, jiskuraġġixxi mgħiba neglġenti u deliberatament kriminali;
20. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tressaq proposti speċifiċi għal direttiva dwar il-ġlieda kontra n-nirien tal-foresti u nixfiet fl-Unjoni, bil-ħsieb li tittejjeb il-koordinazzjoni tal-politiki ta' l-Istati Membri u li jsir l-aħjar użu mill-istrumenti Komunitarji eżistenti;

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi fil-fond tal-konsegwenzi u tar-riperkussjonijiet tad-diżastri naturali, speċjalment dawk li jolqtu l-foresti ta' l-Unjoni, inkluż l-impatt fuq in-Netwerk tan-Natura 2000, u biex tressaq proposti għall-iżvilupp ta' politika Komunitarja għall-kontroll tan-nirien tal-foresti u għal protokoll konġunt dwar il-prevenzjoni u l-ġieda kontra nirien bħal dawn;
22. Huwa favur strateġija komunitarja għall-koordinazzjoni tal-miżuri għall-prevenzjoni tan-nirien fil-qafas tar-regolament dwar l-iżvilupp rurali; jagħmel stedina għal politika ta' rijafforestazzjoni msejsa fuq ir-rispett għall-karatteristiċi bijoklimatiċi u ambjentali, li tuża varjetajiet li jirreżistu aħjar in-nar u n-nixfa u li jkunu adattati aktar għall-klima;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi mill-ġdid l-għajnuniet lill-bdiewa biex joħlqu u jżommu waqqafa tan-nar bħala parti mir-regoli ta' implimentazzjoni għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-EAFRD) il-ġdid;
24. Huwa tal-fehma li l-Azzjoni Volontarja ta' Protezzjoni Ċivili għandha tiġi promossa u appoġġjata mingħajr telf ta' żmien, b'attivitajiet bażiċi ta' taħriġ u b'taġmhir li jista' jutilizza teknoloġiji avvanzati, min-ħabba li din hija wieħed mill-ikbar riżorsi disponibbli għall-Istati Membri biex jaffrontaw stati ta' emerġenza maħluqa minn diżastri naturali;
25. Jiddipjaċih li r-Russja ttraskurat il-koperazzjoni mal-pajjiżi ġirien tagħha meta sehewlha n-nirien tal-foresti ta' dan l-aħħar; jitlob li l-Kummissjoni tqajjem din il-kwistjoni fil-qafas tal-Ftehma ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn l-UE u r-Russja;
- 26. Jistieden lill-Bureau tiegħu sabiex jawtorizza delegazzjoni għall-iktar żoni li ntlawtu ħażin, qabel is-smiġh pubbliku li hu ppjanat għal Ottubru 2006, li matulu se jiġi kkunsidrat ir-rapport Barnier;**
27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali milquta min-nirien u mill-għargħar.

---

P6\_TA(2006)0350

**L-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sospensjoni tan-negozjati dwar l-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha**

Il-Parlament Ewropew

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) ta' l-14 ta' Novembru 2001,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' April 2006 dwar l-evalwazzjoni tad-Doha Round wara l-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Hong Kong <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali tas-Sitt Sessjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO, adottata fit-18 ta' Diċembru 2005 <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-Doha Round tnieda fl-2001 bil-għan li jirranġa l-iżbilanċi eżistenti fis-sistema ta' kummerċ multilaterali, li ħareġ mit-twemmin komuni illi sistema multilaterali biss, ibbażata fuq kummerċ ħieles u ġust, regoli ġusti u ekwi, setgħet tistimula żvilupp ġenwin u tpoġġi l-ħtiġijiet u l-interessi tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw fil-qalba tal-programm ta' Ħidma ta' Doha;

<sup>(1)</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2006)0123.

<sup>(2)</sup> Numru tad-dokument 05-6248, simbolu tad-dokument WT/MIN(05)/DEC).

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

- B. billi jekk ma jiġix konkluż id-Doha Round il-kredibilità tas-sistema ta' kummerċ multilaterali tiġi sfidata u jirriżulta ċaqliq lejn ftehimiet ta' kummerċ bilaterali u reġjonali, li ta' spiss jaċċentwaw żbilanċi bejn id-dinja żviluppata u d-dinja li għadha qed tiżviluppa;
- C. billi l-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u l-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs) ibatu l-iktar mis-sospensjoni tar-Round peress li r-ribilanċjament tar-regoli tal-kummerċ li ilhom mistennija, li jpoġġu l-kummerċ għas-servizz ta' l-iżvilupp sostenibbli u jirrispettaw is-sistema iktar wiesgħa ta' gvernar globali, ma jistax jintlaħaq barra l-qafas multilaterali;
- D. billi t-tiġbid ta' l-atmosfera kurrenti ta' inċertezza dwar il-futur tal-multilateraliżmu u tad-WTO innifisha żżid l-inċertezza ekonomika u politika globali u ġġib magħha konsegwenzi ekonomiċi, finanzjarji u soċjali;
- E. billi l-istruttura kurrenti tad-WTO teħtieġ li tiġi riformata biex tiffaċilita negozjati u żżid ir-responsabbiltà u t-trasparenza,
1. Itenni l-impenn sħiħ tiegħu favur l-approċċ multilaterali għall-politika kummerċjali u l-irwol li d-WTO għandu jkollha bħala l-entità li tagħti garanzija ta' kummerċ internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; għalhekk, jesprimi dispaċir għas-sospensjoni *sine die* tan-negozjati tad-Doha Round f'Lulju 2006 u jinsab iddispaċut b'mod speċjali illi flessibilità insuffiċjenti minn uħud mill-parteċipanti ewlenin wasslet għat-twaqqif;
  2. Hu mħasseb illi jekk ma jintlaħaqx ftehim dwar id-DDA jista' jkun hemm riskju ta' kollass ta' din is-sistema kummerċjali multilaterali preżenti; jenfasizza li ċaqliq lejn ftehim bilaterali/reġjonali jwassal għal negozjati żbilanċjati u inqas trasparenti, li ħafna drabi jpoġġu lill-ifqar pajjiżi f'pożizzjoni ta' żvantaġġ;
  3. Jenfasizza li l-konsegwenzi f'perjodu qasir jew medju ta' din is-sospensjoni jaffetwaw l-iktar lill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u lil pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs), speċjalment jekk l-impenni favur l-iżvilupp meħuda f'Hong Kong ma jibqgħux rispettati aktar;
  4. Hu mħasseb illi s-sospensjoni tan-negozjati multilaterali jistgħu jirriżultaw fi tkabbir ta' tilwim kummerċjali, li permezz tiegħu Membri tad-WTO jippruvaw jieħdu permezz tal-litigazzjonijiet dak li ma setax jinkiseb bin-negozjati;
  5. Iħeġġeġ impenn qawwi mill-parteċipanti ewlenin kollha, inklużi l-UE, l-Istati Uniti u l-G-20 biex jaslu fi ftehim bilanċjat fuq kull wieħed mis-suġġetti ewlenin tan-negozjati tar-Round, ipoġġu l-iżvilupp fil-qalba tal-konklużjonijiet u jevalwaw iktar ir-riżultat biex jassiguraw li d-DDA eventwalment tirriżulta fi tkabbir ekonomiku sostenibbli u li jagħmel sens b'mod partikolari għall-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw; jenfasizza illi, sabiex jiġi implimentat bi sħiħ il-mandat ta' Doha, is-suċċessi positivi tan-negozjati għandhom jiġu preservati u l-offerti magħmula sa issa dwar diversi elementi ta' l-aġenda ta' negozjar għandhom jiffurmaw il-bażi tan-negozjati;
  6. Jikkunsidra li l-pajjiżi żviluppati għandhom ikomplu joħlqu kundizzjonijiet kummerċjali iktar favorevoli għall-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u LDCs, indipendentament mir-riżultat finali tar-round; jistieden lill-pajjiżi żviluppati u lil dawk fi stadju ta' żvilupp avanzat biex isegwu l-inizjattiva ta' l-UE "Kollox barra Armi", li tiggarantixxi 100 % ta' aċċess għas-suq ħieles minn dazji u kwoti għall-LDCs;
  7. Jenfasizza l-ħtieġa ta' riformi istituzzjonali sabiex jittejjeb il-fonzzonament tad-WTO u jtenni l-importanza li tiżdied ir-responsabbiltà u l-leġittimità demokratika tan-negozjati u l-organizzazzjoni tad-WTO; huwa konvint li l-proċess multilaterali, ibbażat fuq approċċ axxendenti u trasparenti għandu jkun fil-qalba tan-negozjati; jenfasizza fl-istess ħin il-ħtieġa ta' proċess inklussiv li jinvolvi lill-membri kollha;
  8. Hu konvint li għandna nużaw is-sospensjoni tan-negozjati bħala sejħa biex tirrifletti fuq il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jitjiebu n-negozjati tal-kummerċ fil-futur;
  9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jistabilixxu ftehim biex jassiguraw il-parteċipazzjoni sħiħa tal-Parlament Ewropew fin-negozjati internazzjonali kummerċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
  10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lid-Direttur Ġenerali tad-WTO.



Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

P6\_TA(2006)0351

## L-iffalsifikar tal-prodotti mediċinali

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-iffalsifikar tal-prodotti mediċinali

#### Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-istqarrija dwar il-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-Kapijiet ta' Stat u tal-Gvern tal-G8 waqt is-samit ta' San Pietruburgu fil-15,16 u 17 ta' Lulju 2006.
  - wara li kkunsidra l-istqarrija ta' Ruma waqt il-Konferenza Internazzjonali tad-WTO tat-18 ta' Frar 2006,
  - wara li kkunsidra l-inizjattivi tal-Kummissjoni fil-qasam ta' l-osservanza tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali u l-pjan ta' azzjoni tiegħu kontra l-iffalsifikar u l-piraterija, adottati f'Ottubru 2005,
  - wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-13 ta' Settembru 2005 (C-176/03) li saħħet il-kapaċità tal-Komunità Ewropea li tillegżla sanzjonijiet penali fil-qasam ta' l-iffalsifikar,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tad-WTO dwar is-saħħa pubblika, l-innovazzjoni, ir-riċerka essenzjali u l-proprjetà intelletwali, li ġiet ivvutata fid-29 ta' Mejju 2006,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. wara li kkunsidra l-konsegwenzi estremament gravi ta' l-iffalsifikar tal-mediċini, li jirriskja wkoll li jipperikola s-saħħa u l-ħajja ta' miljuni ta' persuni;
- B. wara li kkunsidra li skond id-WHO mediċina falsifikata hi mediċina li, deliberatament u b'mod frawdamenti, ikollha tikketta li jkun fiha informazzjoni falza rigward l-identità u s-sors veru tagħha. Din tista' tkun speċjalità oriġinali jew ta' prodott ġeneriku u, fost il-prodotti foloz, hemm uħud li jkun fihom ingredjenti tajbin jew ingredjenti ħżiena, jew inkella l-ebda prinċipji attivi u hemm oħrajn li l-prinċipji attivi tagħhom ikunu fi kwantità mhux suffiċjenti jew li l-pakkett tiegħu jkun ġie ffalsifikat,
- C. wara li nnota li dawn il-mediċini foloz qed jiċċirkolaw essenzjalment fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li qed jintużaw bir-riskju ta' mard mortali bħall-malarja, it-tuberkulożi u l-HIV/AIDS,
- D. wara li kkunsidra li l-iffalsifikar tal-mediċini illum jolqot, skond l-istimi tad-WTO, 10 % tas-suq dinji u filwaqt li skond il-US Food and Drug Administration il-perċentwal hu ta' 10 %; filwaqt li sa 70 % tal-mediċini kontra l-malarja li jiċċirkolaw fil-Kamerun huma fil-fatt foloz, ċifra li hi kkonfermata għal sitt pajjiżi oħra Afrikani mid-WHO fl-2003; filwaqt li 25 % tal-mediċini li jintużaw fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw aktarx li huma foloz (50 % fil-Pakistan jew fin-Niġerja),
- E. wara li nnota li, skond id-WHO, minn miljun mewta annwali kkaġunata mill-malarja, 200 000 minnhom huma kkażati minn mediċini mogħtija ħażin jew mit-teħid ta' mediċini foloz,
- F. wara li kkunsidra li l-iffalsifikar tal-mediċini qed jolqot lill-kontinenti kollha u prinċipalment l-Afrika, l-Asja, l-Amerika t'Isfel u r-Russja,
- G. wara li kkunsidra li l-fatturi l-iktar komuni indikati mid-WHO li jiffavorixxu l-eżistenza ta' mediċini foloz huma: in-nuqqas ta' leġiżlazzjoni li tipprojbixxi l-iffalsifikar tal-mediċini, id-dgħjufija tas-sanzjonijiet penali, id-dgħjufija jew l-assenza ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' rregolar farmaċewtiku, in-nuqqas ta' mediċini jew il-provvisti mhux konsistenti tagħhom, in-nuqqas ta' kontroll tal-mediċini għall-esportazzjoni, it-trażazzjonijiet kummerċjali li jimplikaw diversi intermedjarji, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess;

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

- H. billi dan l-ittraffikar ta' mediċini foloz hu wkoll konsegwenza ta' nuqqas ta' konossiment u impenn politiċi, sistemi regulatorji dgħajfa, kapaċità inadegwata ta' infurzar u, speċjalment f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, in-nuqqas ta' aċċess tal-popolazzjonijiet għal mediċini ġenwini, ikkontrollati mill-awtoritajiet pubbliċi;
- I. Jiddispijaci li l-Unjoni Ewropea daħlet biss tard ħafna fil-qasam tal-ġlieda internazzjonali kontra l-iffalsifikar, filwaqt li l-porożità qed iżżid il-fruntieri u t-teknoloġiji l-ġodda (Internet) qed jirriskjaw li jkabbru l-fenomeni tal-piraterija;
1. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha, b'kull urġenza, issib il-mezzi biex tmexxi sew il-ġlieda tagħha kontra l-prattiċi illiċiti fil-qasam tal-piraterija u ta' l-iffalsifikar tal-mediċini;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tmur lil hinn mill-komunikazzjoni tagħha intitolata 'Strateġiji għall-infurzar ta' l-osservanza tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali fil-pajjiżi terzi'; jinkoraġġixxi, b'mod partikulari, lill-Unjoni Ewropea biex tiegħu l-miżuri adegwati biex tiġġieled kontra l-pesta ta' l-iffalsifikar tal-mediċini fit-territorju tagħha;
  3. Jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tiegħu inizzjattivi biex, fil-pajjiżi li jkollhom riżorsi dgħajfa, issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' rregolar u ta' kontroll tal-kwalità tal-prodotti u materjal mediċinali li jitpoġġew fis-suq u li ttejjeb l-aċċess għal mediċini għal prezz aċċessibbli;
  4. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex ikollha rwol mexxej fil-promozzjoni ta' Konvenzjoni dinjija li jkollha l-għan li fil-leġiżlazzjoni ta' kull pajjiż toħloq inkriminazzjoni penali speċifika (reat jew delitt) li tikkonċerna l-iffalsifikar ta' mediċini jew il-ħabi jew it-tixrid ta' mediċini foloz;
  5. Jitlob li tissaħħaħ il-kooperazzjoni kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq dak transnazzjonali bejn l-awtoritajiet differenti imdaħħla fl-azzjonijiet ta' kontra l-iffalsifikar;
  6. Jinsisti fuq l-importanza tal-miżuri preventivi fil-programmi ta' azzjoni: fl-istabbiliment ta' strutturi, il-kooperazzjoni, kampanji ta' sensibilizzazzjoni li preferibbilment jitmexxew mill-awtoritajiet pubbliċi, il-volontà politika, fl-aħħar minn l-aħħar, biex l-azzjonijiet tagħhom iħallu frott;
  7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lis-Segretarju Ġenerali tad-WHO.

P6\_TA(2006)0352

## Il-Liġi Ewropea dwar il-Kuntratti

### Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Kuntratti

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar il-liġi Ewropea dwar il-kuntratti u r-reviżjoni ta' l-acquis: prospettivi għall-futur <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 1989 dwar azzjoni sabiex il-liġi privata ta' l-Istati Membri tkun alineata <sup>(2)</sup>, tas-6 ta' Mejju 1994 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċertu setturi tal-liġi privata ta' l-Istati Membri <sup>(3)</sup>, tal-15 ta' Novembru 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġi ċivili u kummerċjali ta' l-Istati Membri <sup>(4)</sup> u tat-2 ta' Settembru 2003 dwar il-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill — Liġi Ewropea dwar il-Kuntratti aktar koerenti — Pjan t'Azzjoni <sup>(5)</sup>,

<sup>(1)</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2006)0109.

<sup>(2)</sup> ĠU C 158, 26.6.1989, p.400.

<sup>(3)</sup> ĠU C 205, 25.7.1994, p.518.

<sup>(4)</sup> ĠU C 140E, 13.6.2002, p.538.

<sup>(5)</sup> ĠU C 76E, 25.3.2004, p.95.

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

- wara li kkunsidra l-Ewwel Rapport Annwali ta' Progress tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Settembru 2005, dwar il-Liġi Ewropea tal-Kuntratti u r-Reviżjoni ta' l-Acquis (COM(2005)0456), li fih il-Kummissjoni tistqarr li r-reviżjoni ta' l-acquis relatat mal-konsumatur “min-naħa tagħha, tagħti kontribut għall-iżvilupp tal-Kwadru Komuni ta' Referenza (CFR) aktar wiesa”,
  
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2004 dwar il-liġi Ewropea dwar il-kuntratti u r-reviżjoni ta' l-acquis: prospettivi għall-futur (COM(2004)0651), li fiha l-Kummissjoni tistqarr li se tuża lis-CFR bħala “kaxxa ta' l-għodda”, fejn ikun xieraq, meta jiġu ppreżentati proposti biex jittejjbu l-kwalità u l-koerenza ta' l-acquis eżistenti u ta' strumenti legali futuri fil-qasam tal-liġi kuntrattwali,
  
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 indikat li għadu mhux ċar fejn se twassal l-inizjattiva dwar il-liġi Ewropea dwar il-kuntratti f'dak li għandu x'jaqsam ma' riżultati prattiċi jew skond liema bażi legali se jiġi adottat kwalunkwe strument li jorbot,
- B. billi r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 talbet, fost informazzjoni oħra, stqarrija mill-Kummissjoni dwar kif tippromovi li tqis ir-riżultati tas-CFR-net workshops u tal-gruppi ta' riċerka fix-xogħol sussegwenti tagħha,
1. Itenni l-konvinzjoni tiegħu li suq intern uniformi ma jistax ikun kompletament funzjonali mingħajr ma jittieħdu passi oħra lejn l-armonizzazzjoni tal-liġi ċivili;
  2. Ifakkar li l-inizjattiva dwar il-liġi Ewropea dwar il-kuntratti hija l-aktar inizjattiva importanti għaddejjja bħalissa fil-qasam tal-liġi ċivili;
  3. Jappoġġa bis-saħħa approċċ lejn CFR usa' dwar kwistjonijiet ġenerali dwar il-liġi dwar il-kuntratti li jmorru lil hinn mill-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur;
  4. Jenfasizza li, apparti l-ħidma fuq ir-reviżjoni ta' l-acquis dwar il-konsumatur, għandha titkompla l-ħidma fuq CFR usa'; jistieden lill-Kummissjoni biex, b'mod parallel mal-ħidma fuq ir-reviżjoni ta' l-acquis dwar il-konsumatur, tavanza bil-proġett għal CFR usa';
  5. Jenfasizza li — minkejja li l-għan finali u l-forma legali tas-CFR għadhom mhux ċari — il-ħidma fuq il-proġett għandha ssir sew, waqt li jitqies li r-riżultat finali fit-tul jista' jkun strument li jorbot; għandhom jinżammu miftuħa id-diversità ta' għażliet varji possibbli għall-għan u l-forma legali ta' strument futur;
  6. Jistieden lill-Kummissjoni **tieħu kont tal-perspettiva fuq tul ta' żmien ta' CFR meta tippreżenta proposti leġiżlattivi ġodda;**
  7. Jitlob lill-Kummissjoni biex kontinwament tinvolvi lill-Parlament fil-ħidma tagħha fuq is-CFR.
  8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-

P6\_TA(2006)0353

**Il-parteciċipazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-ħidma tal-Konferenza ta' The Hague****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-parteciċipazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-ħidma tal-Konferenza ta' The Hague wara l-adeżjoni tal-Komunità***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Konferenza ta' The Hague dwar il-Liġi Internazzjonali Privata (COM(2005)0639),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Konferenza ta' The Hague dwar il-Liġi Internazzjonali Privata <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-adeżjoni tal-Komunità għall-Konferenza ta' The Hague dwar il-Liġi Internazzjonali Privata (CODIP) għandha ttejjeb il-konsistenza fl-oqsma tal-liġi internazzjonali ċivili u kummerċjali u tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità u għandha żżid b'mod konsiderevoli l-influenza tal-Komunità f'dan il-forum,
- B. billi l-konvenzjonijiet CODIP huma punt ta' riferenza indispensabbli fid-dritt ċivili u kummerċjali,
- C. billi, sa mit-Trattat ta' Amsterdam, il-Komunità kellha l-ħila tadotta miżuri relatati ma' koperazzjoni ġudizzjali fi kwistjonijiet ċivili li għandhom implikazzjonijiet transkonfinali kemm kien meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern,
- D. billi l-Parlament huwa involut bħala ko-leġiżlatur għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, fejn huwa mhux sempliċement ikkonsultat,
- E. billi numru ta' strumenti adottati jew kontemplati mill-Komunità jidħlu f'xulxin bi kwistjonijiet li ġew ittrattati jew jistgħu jiġu ttrattati fil-futur mill-Konferenza ta' The Hague,
- F. billi barra minn dan il-Komunità sejra tintalab tipparteċipa b'mod attiv biex jiġu ffissati l-prijoritajiet tal-CODIP u biex tiżgura li dawn jgħaqqdu mal-programm ta' The Hague dwar koperazzjoni ġudizzjali, mal-pjan ta' azzjoni dwar servizzi finanzjarji u l-istrategġija tas-suq intern u, b'mod aktar ġenerali, mal-programm tax-xogħol tal-Kummissjoni,
- G. billi jeħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Parlament dwar abbozz ta' mandati għan-negozzazzjoni u dwar il-bżonn ta' klawnsoli ta' distakkament,
- H. billi hemm għalhekk il-bżonn li l-Parlament ikun involut mill-viċin fil-proċeduri tal-Konferenza ta' The Hague u li jkun ikkonsultat dwar il-riżultat tad-deliberazzjonijiet tagħha biex jiżgura wkoll skrutinju aktar demokratiku tal-parteciċipazzjoni tal-Kummissjoni fil-Konferenza bħala l-uniku rappreżentant tal-Komunità nnifisha, u miżura akbar ta' trasparenza u ftuħ għall-proċeduri tagħha, li huma ta' interess konsiderevoli għaċ-ċittadini komuni u għall-esperti legali,
1. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jistaqsu lill-Parlament biex jagħti l-fehmiet tiegħu każ b'każ dwar il-bżonn li l-Komunità tidħol fil-konvenzjonijiet eżistenti li ġew ratifikati minn numru sinifikanti ta' l-Istati Membri;
2. Jiddeċiedi li jinvestiga sewwa mal-Konferenza modi oħra ta' koperazzjoni u li jkun ta' l-ewwel biex iwaqqaf 'forum parlamentari' b'membri parlamentari nazzjonali li jsegu x-xogħol tal-Konferenza u wkoll jagħtu informazzjoni dwaru;

(<sup>1</sup>) Testi Adottati, P6\_TA(2006)0345.

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

3. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jipproponu proċeduri xierqa biex il-Parlament ikun jista' jagħmel l-irwol tiegħu proprju fil-kuntest tal-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Privat Internazzjonali;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6\_TA(2006)0354

### **Ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-użu ta' dejta fir-Rekords ta' Ismijiet ta' Passiġġieri**

**Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar in-negozjati għal ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-użu tar-rekords ta' ismijiet ta' passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u r-reati transnazzjonali, inluża l-kriminalità organizzata, u għall-ġlieda kontrihom. (2006/2193(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill minn Sophia in 't Veld fisem il-Grupp ALDE dwar il-kontenut tal-ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-użu ta' Rekords ta' Ismijiet ta' Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u r-reati transnazzjonali, inluża l-kriminalità organizzata, u għall-ġlieda kontrihom (B6-0382/2006),
  - wara li kkunsidra r-Regola 114(3) u r-Regola 94 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0252/2006),
- A. jfakkar ir-risoluzzjonijiet tiegħu ta' qabel dwar il-kwistjoni tal-PNR <sup>(1)</sup>, li fihom l-Parlament esprima mill-bidu:
- li huwa li lest li jawtorizza l-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi għad-dejta personali tal-passiġġieri għal raġunijiet ta' sigurtà meta jkun neċessarju għar-raġunijiet ta' identifikazzjoni u ta' "cross-checking" ma' "watch list" ta' persuni perikolużi jew kriminali u terroristi magħrufa (kif isir fl-UE permezz tal-Konvenzjoni ta' Schengen jew taħt id-Direttiva 2004/82/KE <sup>(2)</sup>), li jagħtu aċċess għal dejta ta' identifikazzjoni mmaniġġjata mill-linji ta' l-ajru permezz tas-Sistema ta' Tagħrif bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri (APIS)), u
  - it-tħassib qawwi tiegħu rigward aċċess sistematiku mill-awtoritajiet pubbliċi għal dejta bħan-numru tal-karta tal-kreditu, indirizz ta' l-email, affiljazzjoni ma' xi grupp partikolari, informazzjoni "frequent flyer" marbuta ma' l-imġieba ta' passiġġieri "normali" (jiġifieri, nies li mhumiex irreġistrati bħala kriminali jew perikolużi fil-pajjiż li se jilqagħhom) sabiex jiġi ċċekjat biss ma' disinn teoretiku jekk xi passiġġier jistax jikkonstitwixxi tehdida "potenzjali" għat-titjira, għall-pajjiż ta' destinazzjoni jew għal xi pajjiż ieħor li l-persuna involuta tkun għamlet tranżitu minnu;
- B. konxju mill-fatt li aċċess sistematiku għal dejta dwar l-"imġieba", anke jekk mhix aċċettabbli fl-Unjoni Ewropea, hu bħalissa meħtieġ minn pajjiżi inklużi l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kanada u l-Awstralja għall-protezzjoni tas-sigurtà interna, imma jirrimarka li:
- fil-każ tal-Kanada u l-Awstralja, leġiżlazzjoni domestika ttiprovdi għal aċċess għal dejta li hu limitat fl-applikazzjoni u ż-żmien u rigward l-ammont ta' dejta koperta u hi taħt kontroll ta' awtorità gudiżzarja, fuq kunsiderazzjoni li dawn is-sistemi jiġu kkunsidrati adegwati mill-Parlament u mill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta fl-UE,

<sup>(1)</sup> Riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2003 dwar it-trasferiment ta' dejta personali mil-linji ta' l-ajru fil-każ ta' titjiriet transatlantiċi (ĠU C 61 E, 10.3.2004, p.381), Riżoluzzjoni tad-9 ta' Ottubru 2003, dwar it-trasferiment ta' dejta personali mil-linji ta' l-ajru fil-każ ta' titjiriet transatlantiċi: l-istat tan-negozjati ma' l-Istati Uniti (ĠU C 81 E, 31.3.2004, p. 105) u r-risoluzzjoni tal-31 ta' Marzu 2004, dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinnota l-livell xieraq ta' protezzjoni provduta għal dejta personali li tinsab fir-Rekords ta' Ismijiet tal-Passiġġieri (PNRs) trasferiti lill-Uffiċċju tad-Dwana u tal-Farsien tal-Fruntieri ta' l-Istati Uniti (ĠU C 103 E, 29.4.2004, p. 665).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2004/82/KE tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tal-linji tat-trasport sabiex jikkomunikaw id-dejta dwar il-passiġġieri li qed jiġu trasportati (OJ L 261, 6.8.2004, p. 24).

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

- fil-każ ta' l-Istati Uniti, anke wara negozjati mal-Kummissjoni u f'it rieda tajba imsemmija fl-“impennji”, għad m'hemmx protezzjoni legali tad-dejta ta' l-Istati Uniti fil-qasam tat-trasport bl-ajru; għalhekk, id-dejta kollha tal-PNR tista' tinqara, bl-eċċezzjoni waħdanija għal dejta “sensittiva”, u d-dejta tista' tinżamm għal snin wara li jkun saret ftittxija ta' sigurtà; aktar minn hekk, m'hemmx protezzjoni għadizzjarja għal ċittadini li mhumiex Amerikani,
- C. jikkunsidra li mindu saru l-atroċitajiet tal-11 ta' Settembru 2001, numru ta' miżuri ta' sigurtà singoli kienu introdotti madwar id-dinja, li ħafna drabi jinvolvu l-għbir sistematiku u l-monitoraġġ tad-dejta personali taċ-ċittadini kollha, partikolarment dejta dwar trasferimenti ta' flus u telekomunikazzjoni u dejta tal-passiġġieri; jikkunsidra li, fl-assenza ta' politika ta' sigurtà Ewropea koerenti, il-pożizzjoni taċ-ċittadin vis à vis din il-qagħda tista' tkun imdhajjfa;
- D. waqt li jfakkar li l-Parlament ressaq proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Europej sabiex jikseb l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/496/KE<sup>(1)</sup> dwar il-konklużjoni ta' ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, negozjata fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/535/KE<sup>(2)</sup>, minħabba li d-deċiżjoni kienet nieqsa minn bażi legali u minn ċarezza legali u għaliex il-għbir tad-dejta personali awtorizzata permezz tal-ftehim kien eċċessiv meta mqabbel mal-bżonn dettat mill-għieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu;
- E. jilqa' l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/496/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/535/KE mill-Qorti tal-Ġustizzja<sup>(3)</sup>,
- F. jiddispijaċih li l-Qorti tal-Ġustizzja ma rrisponditx għat-tħassib tal-Parlament rigward l-istruttura legali tal-ftehim u dwar il-kongruwenza tal-kontenut tiegħu mal-prinċipji ta' protezzjoni tad-dejta stipulati fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR);
- G. jikkunsidra l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja qalet li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/496/KE ma setgħatx tkun addottata b'mod validu fuq il-bażi ta' l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE b'mod konġunt mad-Direttiva 95/46/KE<sup>(4)</sup>, għaliex it-trasferiment lejn l-Uffiċċju tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri ta' l-Istati Uniti (CBP) u l-użu minnu ta' dejta tal-PNR jirrigwarda l-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar tad-dejta li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika u l-attivitajiet ta' l-istat fl-oqsma tal-liġi kriminali, li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE u ta' l-ewwel pilastru;
- H. jikkunsidra l-volontà **espressa** tal-Kummissjoni u tal-Kunsill li jikkoperaw mill-qrib mal-Parlament sabiex jiżguraw konformità sħiħa mas-sentenza tal-Qorti; **madanakollu, jiddispijaċih li l-Kunsill ma involviex lill-Parlament fin-negozjati li għaddejnin;**
- I. jaqsam l-opinjoni adottata fl-14 ta' Ġunju 2006 mill-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 dwar segwitu neċessarju tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>(5)</sup>,
- J. jikkunsidra l-importanza tal-kwistjoni sal-punt li l-Unjoni Ewropea għandha, f'kull każ, tilħaq ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar ftehim internazzjonali xieraq li, bir-rispett xieraq lejn id-drittijiet fundamentali, jistipula:
- a) liema dejta hi neċessarja għal skopijiet ta' identifikazzjoni u li għandha tkun trasferita b'mod sistematiku b'metodu awtomatiku (APIS) u liema dejta għandha x'taqsam ma' l-“imġieba” tal-passiġġier tista' tkun trasferita fuq bażi ta' każ b'każ fir-rigward tan-nies li jkunu rrekordjati fuq “watch list” ta' sigurtà pubblika bħala “perikolużi” minħabba attività kriminali jew terrorista,

(1) Deċiżjoni 2004/496/KE tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2004 dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunita' Ewropea u l-Istati Uniti dwar il-mod kif jiġu trattati u trasferiti dejta dwar l-identifikazzjoni ta' prassi (PNR) min-naħa tal-linji ta' l-ajru ta' l-uffiċċju doganali u għall-protezzjoni tal-fruntieri għas-sigurtà interna ta' l-Istati Uniti (ĠU L 183, 20.5.2004, p. 83).

(2) Deċiżjoni 2004/535/KE tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Mejju 2004 dwar il-livell ta' protezzjoni xierqa għad-dejta personali li jnsabu fil-lista ta' l-ismijiet tal-passiġġieri tal-linji ta' l-ajru li jiġu trasferiti lejn l-Uffiċċju Doganali u għall-Protezzjoni tal-fruntieri ta' l-Istati Uniti (ĠU L 235, 6.7.2004, p. 11).

(3) Sentenza tat-30 ta' Mejju 2006 fil-Każijiet Konġunti C-317/04 u C-318/04.

(4) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi f'dak li jirrigwarda l-ipproċessar tad-dejta personali u l-moviment liberu ta' din id-dejta (OJ L 281, 23.11.1995, p. 31).

(5) Opinjoni 5/2006 dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tat-30 ta' Mejju 2006 fil-każijiet konġunti C-317/04 u C-318/04 dwar it-trasferiment ta' listi ta' ismijiet tal-passiġġieri (PNR) lill-Istati Uniti (ara: [http://ec.europa.eu/justice\\_home/fsj/privacy/workinggroup/wpdocs/2006\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/fsj/privacy/workinggroup/wpdocs/2006_mt.htm)).

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

- b) il-lista ta' reati serji li fir-rigward ta' tagħhom tista' ssir kwalunkwe rikjesta addizzjonali,
- c) il-lista ta' awtoritajiet u aġenziji li jistgħu jaqsmu d-dejta u l-kundizzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta li għandhom jkunu irrispettati,
- d) il-perjodu taż-żamma tad-dejta għaż-żewġ tipi ta' dejta, filwaqt li jkun ċar li dejta li għandha x'taqsam mal-prevenzjoni ta' reati serji għandha tiġi skambjata skond il-ftehim UE-Stati Uniti dwar koperazzjoni ġudizzjarja <sup>(1)</sup> u estradizzjoni <sup>(2)</sup>,
- e) l-irwol li għandu jkollhom l-linji ta' l-ajru, is-**Sistemi Kompjuterizzati tar-Riservar** jew organizzazzjonijiet privati (bħas-SITA u l-AMADEUS) meta jsir it-trasferiment tad-dejta tal-passiġġieri u l-mezzi kkunsidrati (APIS, PNR, eċċ.) għal skopijiet ta' sigurtà pubblika,
- f) il-garanziji li jingħataw lill-passiġġieri sabiex ikunu jistgħu jikkoreġu d-dejta li għandha x'taqsam magħhom jew jipprovdu spjegazzjoni f'każ ta' diskrepanza bejn id-dejta relatata ma' kuntratt ta' vjaġġ u d-dejta murija fuq id-dokumenti ta' identità, viżi, passaporti, u dokumenti uffiċjali oħra,
- g) ir-responsabilitajiet tal-linji ta' l-ajru fil-konfront tal-passiġġieri u ta' l-awtoritajiet pubbliċi fil-każ ta' traskrizzjoni jew żbalji ta' kodifikazzjoni u fir-rigward ta' protezzjoni tad-dejta pproċessata,
- h) id-dritt ta' appell lil xi awtorità indipendenti u mekkaniżmi ta' rimedju f'każ ta' ksur tad-drittijiet tal-passiġġieri;
- i) il-ħtieġa ta' konformità stretta ma' l-Artikolu 6(d) tar-Regolament tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 1989 (KEE) Nru 2299/89 <sup>(3)</sup> dwar kodiċi ta' kondotta għas-sistemi kompjuterizzati tar-riservar, li jitlob il-kunsens minn qabel tal-passiġġier għal kwalunkwe trasferiment ta' taġhrif personali;

**1. Jindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill:****Prinċipji ġenerali**

- a) sabiex jiġi evitat vojt legali fuq livell Ewropew mill-1 ta' Ottubru 2006 għat-trasferiment ta' dejta tal-passiġġieri u biex ikun żgurat li d-drittijiet u l-libertajiet tal-passiġġieri huma mħarsa b'aktar reqqa minn kif qed ikunu mħarsa fil-preżent taħt l-intrapriżi unilaterali mressqa mill-amministrazzjoni Amerikana,
- b) sabiex ftehimiet ġodda f'dan il-qasam jiġu bbażati fuq l-prinċipji ta' l-UE dwar l-protezzjoni tad-dejta kif meħuda mill-Artikolu 8 ta' l-ECHR.

**Fir-rigward tal-proċedura tan-negozjati:**

- c) sabiex jiġi negozjat, kif suġġett mir-restrizzjonijiet fil-kalendarju,
  - ftehim internazzjonali ġdid għal żmien qasir biex ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2006 sa Novembru 2007 (oriġinarjament dan il-perjodu kien kopert mill-ftehim bejn l-Istati Uniti u l-Komunita' Ewropea li ġie annullat mill-Qorti),
  - għal żmien medju sa żmien fit-tul, avviċinament fuq livell ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) aktar koerenti lejn skambju ta' dejta tal-passiġġieri sabiex jiġu żgurati kemm is-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell globali;
- d) sabiex il-President jingħata l-mandat, mgħejjun mill-Kummissjoni, li jinforma lill-Parlament Ewropew bin-negozjati dwar il-ftehim u biex jinvolvi rapreżentanti tal-kumitat rilevanti bħala osservaturi fid-djalogu ma' l-amministrazzjoni Amerikana;

<sup>(1)</sup> ĠU L 181, 19.7.2003, p. 34.

<sup>(2)</sup> ĠU L 181, 19.7.2003, p. 27.

<sup>(3)</sup> ĠU L 220, 29.7.1989, p. 1.

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

**Fir-rigward tal-kontenut tal-Ftehim għal perjodu ta' żmien qasir:**

- e) sabiex l-ewwelnett jingħelbu in-nuqqasijiet msemija fl-ewwel reviżjoni konġunta UE/Stati Uniti tal-ftehim<sup>(1)</sup> u sabiex ikunu ikkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet tas-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29<sup>(2)</sup>,
- f) sabiex jiġi inkluż il-kontenut ta' l-impennji fil-qofol tal-ftehim biex dawn ikunu jistgħu jorbtu b'mod legali, bir-riżultat li jkun neċċessarju li ż-żewġ partijiet jistabbilixxu jew jimmodifikaw kull leġislazzjoni eżistenti u biex l-ġudikatura tipproteġi persuni koperti mill-ftehim;
- g) sabiex bħala prova ta' rieda tajba min-naħa ta' l-amministrazzjoni Amerikana, jiġu inkorporati immedjatament fil-ftehim, l-impennji li ġejjin (li għadhom ma ġewx implimentati kollha aktar minn sentejn minn wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim):
- l-limitu bi skop strett, kif kien stipulat taħt l-Impenn 3, sabiex dejta dwar l-imġieba ma tintużax biex jiġu ċċekkjati reati kriminali finanzjarji jew biex issir prevenzjoni ta' l-influenza avjarja; limitazzjoni bħal din għandha wkoll tkun stipulata għal trasferiment ulterjuri ta' din it-tip ta' dejta;
  - bidla għas-sistema PUSH (kif disposta taħt l-Impenn 13) bħall-każ tal-ftehim tal-KE mal-Kanada u l-Awstralja, peress li ir-reqwiziti tekniċi kollha qegħdin hemm u dan diġà sar, pereżempju mis-SITA;
  - dispożizzjoni ta' l-informazzjoni lill-passiġġieri dwar ir-regoli tal-PNR, u l-introduzzjoni ta' proċeduri ta' ilmenti ġudizzjarji xierqa kif stipulati taħt l-Impennji 36-42 u mill-ftehimiet dwar il-PNR mal-Kanada u ma' l-Awstralja;
  - il-bżonn li jkun żgurati l-istruzzjonijiet u taħriġ adegwat ta' l-istaff li jaħdem bid-dejta, u l-bżonn li s-sistemi ta' l-informatika jkunu sikuri;
  - ir-reviżjoni annwali konġunta, kif dispost taħt l-Impenn 43, għandu tabilħaqq isir kull sena, u għandu jsir b'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta u għandu jkun ippublikat kollu u għandu jevalwa mhux biss l-implimentazzjoni ta' l-"undertakings", imma wkoll ir-riżultati tal-ftehim fl-eliminazzjoni tat-terroriżmu u l-kriminalità;

**Fir-rigward tal-kontenut tal-Ftehim għal perjodu ta' żmien medju:**

- h) sabiex l-UE tiġi pprovduta b'qafas legali ċar, b'mod partikulari permezz ta' l-adozzjoni, meqjusa urġenti, tad-Deċizzjoni ta' Abbozz ta' Qafas għall-Protezzjoni tad-Dejta,
- i) sabiex tiġi evitata d-diviżjoni artifiċjali bejn il-"pilastru" billi jinholq qafas konsistenti bejn il-pilastru għall-protezzjoni tad-dejta fl-Unjoni billi tiġi attivata il-klawżola *passarelle* skond l-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea sabiex ikun żgurat li l-Ftehim il-ġdid ikun konkluż flimkien mal-Parlament u jkun suġġett għall-iskrutinju tal-Qorti tal-Ġustizzja,
- j) sabiex jiġi limitat l-ammont ta' dejta li tista' tintalab u sabiex dejta sensittiva tkun iffilterjata fil-post ta' oriġini tagħha kif hu mitlub mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE; jinnota li l-linji ta' l-ajru huma mitluba biss li jressqu d-dejta li tkun tinsab għad-dispożizzjoni tagħhom, biex b'hekk fil-prattika is-CBP Amerikan rari jirċievi l-23 kategorija ta' dejta kollha rikjesti; jikkonkludi li għal skopijiet tal-Ftehim, b'mod partikolari biex jiġu evitati u miġġielda t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali, inkluż kriminalità organizzata, anke dejta ta' l-APIS għandha tkun biżżejjed; jistieden lill-Presidenza tal-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex iqajmu din il-kwistjoni fin-negozjati;

2. Itenni t-talba tiegħu ta' qabel li ftehim ġdid għandhu jagħti lill-passiġġieri Ewropej l-istess livell ta' protezzjoni ta' dejta li jgawdu minnu ċ-ċittadini Amerikani;

3. Jenfasizza l-pożizzjoni tiegħu ta' qabel li l-Unjoni Ewropea għandha tevita ħolqien indirett ta' sistema ta' PNR Ewropew permezz ta' transfer tad-dejta rilevanti mis-CBP ta' l-Istati Uniti lill-pulizija u lill-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri; jikkonsidra li ġabra sistematika tad-dejta ta' ċittadini "normali" barra l-qafas ta' proċedura ġudizzjarja jew barra investigazzjoni tal-pulizija għandha tibqa' mhux permessa fl-Unjoni Ewropea u li għandu jsir skambju ta' din id-dejta meta jkun neċċessarju skond il-ftehim eżistenti bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar assistenza legali reċiproka u estradizzjoni;

<sup>(1)</sup> Reviżjoni konġunta ta' l-implimentazzjoni mill-Uffiċċju tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri ta' l-Istati Uniti ta' l-Impennji imniżżla fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2004/535/KE ta' l-14 ta' Mejju 2004 (Verżjoni Revista tat-12.12.2005).

<sup>(2)</sup> (ara: [http://ec.europa.eu/justice\\_home/fsj/privacy/workinggroup/wpdocs/2006\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/fsj/privacy/workinggroup/wpdocs/2006_mt.htm)).



**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

4. Jipproponi li jitniedi djalogu fejn rappreżentanti parlamentari jieħdu sehem, qabel tmiem l-2006, bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Awstralja bl-għan li flimkien jippreparaw għar-reviżjoni ta' l-2007 u jistabbilixxu standard globali għat-trasmissjoni ta' PNR, jekk dan ikun neċessarju;

5. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-Parlament jorganizza sessjoni konġunta f'dan ir-rigward mal-Kungress ta' l-Istati Uniti, peress li huwa r-rappreżentant demokratiku taċ-ċittadini kkonċernati, sabiex jinbeda djalogu biex ikunu miġġieleda t-terroriżmu u l-konsegwenzi tiegħu fuq il-libertajiet ċivili u d-drittijiet tal-bniedem;

\*  
\*   \*  
\*

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u, għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni.

**P6\_TA(2006)0355**

## **Il-wirt naturali, arkitettoniku u kulturali Ewropew freġjuni rurali u insulari**

### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħarsien tal-wirt naturali, arkitettoniku u kulturali Ewropew freġjuni rurali u insulari (2006/2050(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 151 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' l-UNESCO tas-16 ta' Novembru 1972 dwar il-Ħarsien tal-Wirt Kulturali u Naturali Dinji,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tat-3 ta' Ottubru 1985 dwar il-Ħarsien tal-Wirt Arkitettoniku ta' l-Ewropa (Granada),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tas-16 ta' Jannar 1992 dwar il-Ħarsien tal-Wirt Arkitettoniku ta' l-Ewropa (Valletta),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Pajsaġġ ta' l-20 ta' Ottubru 2000 adottata mill-Kunsill ta' l-Ewropa (Firenze),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Kunsill ta' l-Ewropa tas-27 ta' Ottubru 2005 dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjeta' (Faro),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Mejju 1974 dwar il-ħarsien tal-wirt kulturali Ewropew <sup>(1)</sup>, ta' l-14 ta' Settembru 1982 dwar il-ħarsien tal-wirt arkitettoniku u arkeoloġiku Ewropew <sup>(2)</sup>, tat-28 ta' Ottubru 1988 dwar il-konservazzjoni tal-wirt arkitettoniku u arkeoloġiku tal-Komunita' <sup>(3)</sup>, tat-12 ta' Frar 1993 dwar il-preservazzjoni tal-wirt arkitettoniku u l-ħarsien tal-beni kulturali <sup>(4)</sup> u tas-16 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Wirt Kulturali u Naturali Dinji fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi l-programm Culture 2000 <sup>(6)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU C 62, 30.5.1974, p 5.

<sup>(2)</sup> ĠU C 267, 11.10.1982, p 25.

<sup>(3)</sup> ĠU C 309, 5.12.1988, p 423.

<sup>(4)</sup> ĠU C 72, 15.3.1993, p 160.

<sup>(5)</sup> ĠU C 262, 18.9.2001, p 48.

<sup>(6)</sup> ĠU L 63, 10.3.2000, p 1.

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2005 fl-ewwel qari bil-mira li tiġi adottata d-Deċiżjoni Nru .../2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm Culture 2007 (2007-2013)<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0260/2006),
- A. billi l-wirt kulturali huwa element ewlieni fl-identità u fl-iżvilupp storiku tal-ġnus ta' l-Ewropa,
- B. billi l-'wirt kulturali' jinkludi kemm elementi tanġibbli kif ukoll intanġibbli, li b'mod kostanti jistagħnew mill-kontribuzzjonijiet kulturali u kreattivi ta' kull ġenerazzjoni suċċessiva,
- C. billi l-wirt kulturali jinkludi kemm il-wirt arkitettoniku kif ukoll il-wirt naturali ikkaratterizzati mill-mod ta' għajxien tal-bniedem matul iż-żminijiet u f'postijiet differenti,
- D. billi l-Unjoni Ewropea hija ddedikata għall-ħidma li tippromwovi u tikkonserva d-diversità kulturali u l-kwalità tal-ħajja u tħares l-ambjent,
- E. billi l-konservazzjoni ta' bosta elementi tal-wirt kulturali toħloq il-pedament għal aktar żvilupp soċjali u ekonomiku u b'hekk issaħħaħ il-ħarsien ambjentali, l-opportunitajiet ta' impjieġ u l-integrazzjoni Ewropea,
- F. billi l-wirt kulturali huwa ta' importanza sinifikanti f'żoni rurali li, filwaqt li jagħmlu 90 % tat-territorju Ewropew, qed ibatu mill-konsegwenzi ta' l-abbandun, tat-tnaqqis fil-popolazzjoni u ta' l-istaġnar ekonomiku,
- G. billi l-gżejjer Ewropej, b'mod partikulari l-iżgħar fosthom, irnexxielhom bejn wieħed u ieħor jippreservaw mingħajr bidliet il-konfigurazzjonijiet oriġinali tagħhom u l-wirt kulturali konsiderevoli tagħhom jeħtieġu appoġġ, ħarsien u promozzjoni,
- H. billi huwa importanti li jiġu konservati u żviluppatti mhux biss monumenti iżda wkoll elementi kulturali oħrajn li jiffurmaw u jagħmlu possibbli kundizzjonijiet ta' l-għajxien xieraq għall-abitanti ta' l-UE ta' llum,
- I. billi l-wirt kulturali Ewropew fis-sħuħija tiegħu, indipendentement mid-dimensjoni Ewropea, nazzjonali jew lokali tiegħu, huwa ta' valur fundamentali għaċ-ċittadini Ewropej,
1. Jistieden lill-Kunsill biex jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-kontribuzzjoni tal-wirt kulturali għall-integrazzjoni Ewropea fir-rigward ta' l-identità u ċ-ċittadinanza Ewropea, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, l-iskambji interkulturali u d-diversità kulturali;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex fit-tfassil tal-proposti leġiżlattivi tagħha, timplimenta b'mod effettiv il-klawsola orizzontali ta' l-Artikolu 151(4) tat-Trattat KE fir-rigward tal-kultura, u tikkunsidra fid-dettall l-implikazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni proposta għall-kultura u għall-wirt kulturali bil-għan li tiżgura li miżuri għall-promozzjoni tagħhom ikunu inkorporati fil-linji politiċi ta' l-Unjoni Ewropea;
  3. Huwa tal-fehma li l-wirt kulturali jrid jitħares bħala xi ħaġa sħiħa indiviżibbli li teħtieġ l-adozzjoni ta' miżuri konġunti ta' ħarsien;
  4. Jenfasizza li l-iżvilupp sostenibbli jeħtieġ li jkun hemm approċċ integrat lejn l-ambjent kulturali, naturali u arkitettoniku kemm f'żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali waqt li jisħaq li hemm bżonn li tingħata attenzjoni b'mod partikulari għall-wirt kulturali Ewropew f'żoni rurali;

(<sup>1</sup>) Testi adottati P6\_TA(2005)0397.

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

5. Jenfasizza wkoll li trid tingħata attenzjoni partikulari għall-ħarsien u l-promozzjoni tal-wirt naturali u arkitettoniku taż-żoni insulari Ewropej;
6. Huwa tal-fehma li kull azzjoni li tittieħed f'żoni rurali u insulari trid tqis dawn il-prinċipji li ġejjin:
  - bilanċ sostenibbli bejn il-popolazzjoni u l-ambjent,
  - approċċ integrat għal żoni li tradizzjonalment huma agrikoli,
  - parteċipazzjoni mill-popolazzjoni lokali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' linji politiċi u l-alinjament bejn il-fehmiet tagħhom u d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-awtoritajiet ċentrali;
  - djalogu kontinwu ma' organizzazzjonijiet soċjali, privati u volontarji li huma involuti b'mod attiv fil-qasam tal-wirt kulturali,
7. Ihegġegħ lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet lokali u lill-organizzazzjonijiet kulturali u mhux governattivi biex jieħdu azzjoni biex jipproteġu u jirrijabilitaw il-wirt kulturali ta' l-Ewropa, b'mod partikulari komunitajiet żgħar tradizzjonali, u li titqajjem kuxjenza mal-pubbliku dwar l-importanza ta' dan;
8. Jaħseb li l-fatturi li għandhom jitqiesu sabiex jiġi żviluppat dan is-settur partikolari, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, għandhom jinkludu:
  - sħarriġ sistematiku tal-wirt rurali,
  - il-ħolqien ta' qafas leġislativ biex jiġi garantit il-ħarsien tiegħu, li jinkorpora kemm inċentivi għall-konservazzjoni ta' bini u komunitajiet tradizzjonali kif ukoll miżuri li jiżguraw li attivitajiet fir-rigward ta' bini għdid ikunu kompatibbli ma' bini storiku li jinsab fil-viċinanzi u ma' l-arkitettura lokali,
  - għajjnuna finanzjarja għar-restawr ta' monumenti lokali u t-tkomplija ta' metodi tradizzjonali tal-biedja,
  - restawr komprensiv ta' abitazzjonijiet tradizzjonali u ta' forom tradizzjonali ta' l-arkitettura, li jinvolvu l-użu xieraq ta' materjali moderni u l-inkorporazzjoni ta' utilitajiet moderni fi strutturi tradizzjonali b'mod li ma jaffettwawx il-karattru tagħhom,
  - konservazzjoni tal-kompetenza lokali u tal-professjonijiet tradizzjonali;
9. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jipprovdu meta mehtiegħ inċentivi għat-twaqqiġ jew il-modifikazzjoni ta' bini li jistona u li jnaqqas mill-karattru arkitettoniku partikolari tal-komunità jew lokalità fejn jinsabu jew ma' l-ambjent naturali u l-bini ieħor fil-viċinanzi;
10. Jistieden lill-Istati Membri, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, biex jippromwovu l-ħarsien u l-konservazzjoni tal-wirt kulturali tagħhom permezz tal-fondi strutturali u ta' inizjattivi li jeżistu bħal LEADER +, URBAN II u INTERREG III li fil-perjodu finanzjarju li jmiss (2007-2013) se jiġu inkorporati fl-istrumenti finanzjarji l-ġodda ta' koeżjoni politika u tal-politika agrikola komuni;
11. Jistieden lill-Istati Membri biex iżommu f'moħħhom li strateġiji ta' inċentivi finanzjarji jridu jinvolvu koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali u lokali u korpi u istituzzjonijiet lokali oħrajn (mingħajr ma wieħed jinsa li l-biċċa l-kbira tal-wirt reġistrat huwa ta' natura reliġjuża) waqt li jfittxu biex jipproteġu u jtejbu l-ambjent naturali u kulturali tal-lokalitajiet ikkonċernati;
12. ***Jikkunsidra li jista' jsir użu sinifikanti mill-wirt naturali, arkitettoniku u kulturali Ewropew permezz ta' l-iżvilupp, f'żoni rurali u insulari, ta' forom alternattivi ta' turiżmu, bħat-turiżmu kulturali, dak tal-mixi, dak ekoloġiku u dak marittimu; jisħaq dwar il-bżonn li jiġu promossi politiki li jippermettu liċ-ċittadini Ewropej kollha sabiex igawdu l-benefiċċji tat-turiżmu alternattiv;***

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

13. Jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' turiżmu alternattiv sostenibbli, li jagħtu prijorità lil komunitajiet tradizzjonali żgħar bl-għajnuna ta' strumenti finanzjarji tal-Komunità bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għas-Sajd, eċċ.;
14. Jistieden lill-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas tal-programmi Komunitarji preżenti, bħall-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, biex jippromwovu miżuri biex jappoġġjaw is-snajja', l-arti applikata u l-attivitajiet professjonali, b'mod partikulari dawk li huma fil-periklu li jisparixxu u li huma mehteieġa għal restawr u konservazzjoni xierqa tal-wirt arkitettoniku;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu t-taħriġ għal professjonisti speċjalizzati fl-użu u fil-ġestjoni ta' l-ispazju, ta' l-arkitettura, tar-restawr u t-tiswija tal-bini u attivitajiet relatati, sabiex jiġu kkonservati l-kwalitajiet partikulari tal-wirt kulturali waqt li jkun konformi mal-ħtiġijiet ta' llum; jistieden ukoll li jkun hemm miżuri biex jittejjeb it-taħriġ ta' ħaddiema tas-sengħa u ta' fornituri ta' materjali tradizzjonali u għall-ġhażla ta' metodi li jinvolvu l-użu kontinwu tagħhom;
16. Jistieden lill-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) biex tappoġġja l-isforzi biex jiġu żviluppati għodod, tekniki u metodi ġodda ta' konservazzjoni tal-wirt kulturali;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ma jipprovdux fondi Komunitarji għal proġetti li jista' jintwera biċ-ċar li se jwasslu għall-qerda ta' elementi ta' valur tal-wirt kulturali tagħna;
18. Jistieden lill-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas ta' programmi Komunitarji preżenti, biex tadotta miżuri li jiffaċilitaw aktar aċċessibilità u jinkoraġġixxu kumpanniji żgħar, snajja' u negozji tradizzjonali u tradizzjonijiet u drawwiet lokali, permezz ta' kampanja kbira biex jiġu promossi rħula u komunitajiet fl-Istati Membri, sabiex tikkontribwixxi b'mod deċiżiv lejn l-iżvilupp ta' l-ekonomija lokali u sabiex twaqqaf l-esodu rurali;
19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-qsam u l-iskambju ta' esperjenzi f'dan il-qasam permezz ta' konferenzi u laqgħat internazzjonali;
20. Jistieden lill-Kummissjoni, l-aktar fi ħdan il-qafas tal-programm 'Kultura' (2007-2013) biex tagħti l-opportunità lil networks sħab fl-Istati Membri varji li jimplementaw proġetti plurijennali biex jippromwovu komunitajiet tradizzjonali **ppreservati tajjeb** b'popolazzjoni ta', ngħidu aħna, inqas minn 1000 ruħ;
21. Iqis li miżuri bħal dawn se jippermettu li jiġu organizzati attivitajiet kulturali li jfittxu li jiżviluppaw il-wirt kulturali ta' dawn il-komunitajiet bil-mira iktar fit-tul li tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn komunitajiet tradizzjonali fl-Ewropa u jkun jistgħu jiżviluppaw il-kulturi lokali speċifiċi tagħhom flimkien mad-dimensjoni Ewropea tagħhom;
22. Jixtieq l-iżvilupp fil-ġejjieni ta' azzjoni favur komunitajiet żgħar, tradizzjonali simili għal dik li tistabilixxi l-bliet kapitali tal-kultura;
23. Iqis li l-'Premju ta' l-Unjoni Ewropea għall-Wirt Kulturali' li huwa amministrat mill-'Europa Nostra' huwa inizjattiva ta' valur li għandha titkompla fil-ġejjieni; jaħseb li f'dan ir-rigward u f'kuntest aktar wiesgħa għandha tiġi introdotta kategorija ġdida ta' premji għall-aqwa restawr f'sens ġenerali ta' komunità tradizzjonali sabiex dawk il-komunitajiet li jirnexxielhom jikkonservaw bis-sħiħ jew parti mill-elementi tradizzjonali tagħhom jitħeġġu jsaħħu l-isforzi tagħhom f'dan il-kamp;
24. Jilqa' l-proposta riċenti fi ħdan il-qafas tal-Kunsill għat-tfassil ta' lista tal-Wirt Ewropew u jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġjaha; huwa tal-fehma li f'dan il-kuntest, għandha tingħata importanza partikulari lill-wirt kulturali lokali ta' żoni rurali u insulari, u jridu jitqiesu wkoll l-aspetti intanġibbli tal-wirt kulturali; huwa tal-fehma li pajjiżi kandidati għandhom ukoll jiġu mistiedna biex jipparteċipaw f'din l-inizjattiva;

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

25. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jippromwovu 'Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali' sabiex il-pubbliku Ewropew isir iktar konxju ta' l-importanza li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi promoss il-wirt kulturali tagħhom;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkooperaw mal-Kunsill ta' l-Ewropa bil-għan li jsir iktar promozzjoni ta' komunitajiet tradizzjonali u tal-wirt arkitettoniku f'żoni rurali u insulari bħala parti mill-inizjattiva 'Jiem Ewropej tal-Wirt Kulturali' sabiex il-pubbliku Ewropew isir iktar konxju tal-valur ta' monumenti arkitettoniċi lokali;

**27. Jitlob lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iqisu d-diversi konvenzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa u tal-UNESCO dwar il-ħarsien tal-wirt naturali, arkitettoniku u kulturali Ewropew, u sabiex isaħħu l-koperazzjoni tagħhom ma' dawh l-organizzazzjonijiet skond l-Artikolu 151, paragrafu 3 tat-Trattat KE;**

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Kunsill ta' l-Ewropa.

**P6\_TA(2006)0356**

**Sri Lanka****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-Sri Lanka**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' qabel tat-18 ta' Mejju 2000 <sup>(1)</sup>, ta' l-14 ta' Marzu 2002 <sup>(2)</sup> u ta' l-20 ta' Novembru 2003 <sup>(3)</sup>, ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2005 <sup>(4)</sup> dwar id-diżastru taz-tsunami fl-Oċean Indjan, u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 <sup>(5)</sup> dwar is-sitwazzjoni fis-Sri Lanka,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2006 <sup>(6)</sup> li tipprojbixxi formalment il-Liberation Tigers of Tamil Eelam (LTTE),
- wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Ko-chairman tal-Konferenza ta' Tokjo tat-30 ta' Mejju 2006,
- wara li kkunsidra l-appell tal-Ko-Presidenti tat-Tokyo Donor Conference (ta' l-UE, ta' l-Istati Uniti, tal-Ġappun u tan-Norveġja) tat-12 ta' Awissu 2006 sabiex iż-żewġ naħat iwaqqfu kull ksur tal-waqfien l-isparar ta' l-2002,
- wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-Sri Lanka tas-17 ta' Awissu 2006,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Tokjo dwar ir-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp tas-Sri Lanka ta' l-10 ta' Ġunju 2003, li għamlet konnessjoni bejn l-appoġġ tad-donaturi u l-progress fil-proċess tal-paċi,
- wara li kkunsidra l-Ftehim għal-Waqfien ta' l-Isparar iffirmat bejn il-Gvern tas-Sri Lanka u l-LTTE li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Frar 2002,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Oslo ta' Diċembru ta' l-2002, fejn il-Gvern tas-Sri Lanka u l-LTTE ftehmhu sabiex jfittxu soluzzjoni bbażata fuq struttura federali fi Sri Lanka magħquda;
- wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

<sup>(1)</sup> ĠU C 59, 23.2.2001, p. 278.

<sup>(2)</sup> ĠU C 47 E, 27.2.2003, p. 613.

<sup>(3)</sup> ĠU C 87 E, 7.4.2004, p. 527.

<sup>(4)</sup> ĠU C 247 E, 6.10.2005, p. 147.

<sup>(5)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2006)0227.

<sup>(6)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/379/KE tad-29 ta' Mejju 2006 li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti lejn ċerti persuni u entitajiet bil-ħsieb li jikkumbattu t-terroriżmu u li jħassar id-Deċiżjoni 2005/930/KE (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 21).

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

- A. billi, fl-aħħar ftit xhur, is-sitwazzjoni fis-Sri Lanka ħżienet miżerjament b'mijiet ta' mwiet, madwar 200000 ruħ spustati minn djarhom, 500 000 persuna ċivili fil-peninsula ta' Jaffna nieqsa mill-ikel essenzjali u mill-provista ta' l-ilma, u x-xogħol ta' rikostruzzjoni vitali wara z-Tsunami ġiet interotta;
- B. billi l-Missjoni ta' Monitoraġġ tas-Sri Lanka (SLMM) skopriet li l-LTTE kienet responsabbli għall-bumbardament ta' karozza tal-linja li kienet qed iġġorr persuni ċivili f'attakk b'majn splussiva fil-15 ta' Ġunju 2006 li qatlet 64 ruħ u darbet aktar minn 80 f'Keбетigollewa fit-Tramuntana tas-Sri Lanka u kkundannat l-inċident bħala ksur kbir tal-Ftehim għal-Waqfien ta' l-Isparar;
- C. billi n-nuqqas ta' ħtif ta' l-opportunità li jerġġhu jinbdeu in-negozjati għall-paċi naqqset ħafna l-possibilità ta' progress politiku reali,
- D. billi l-SLMM saret taf li 17-il ħaddiem fl-għajnuna impjegati mill-aġenzija umanitarja Franċiża *Action Against Hunger*, inqatlu b'tiri mit-truppi tal-gvern fil-Muttur,
- E. billi l-SLMM tbatlet u ħafna mill-monitoraġġi tagħha ġew irtirati mis-Sri Lanka tat-Tramuntana u tal-Lvant wara l-ultimatum iddikjarat mill-LTTE,
- F. ifakkar l-importanza tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u tan-normi umanitarji mill-partijiet kollha f'kunflitt, mhux biss bħala tweġiba immedjata għas-sitwazzjoni li qed tiħżien, imma bħala element fundamentali fil-bini ta' riżoluzzjoni ġusta u deġġiem tal-kunflitt,
- G. billi qatt ma ġie implimentat l-ebda ftehim għall-qsiem ta' l-għajnuna internazzjonali fil-konsegwenzi taz-Tsunami, ir-rikostruzzjoni kienet waħda bil-mod u hemm tħassib reali li l-fondi setgħu kienu misap-propjati,
- Jiddeplora l-bidu mill-ġdid ta' vjolenza fuq skala kbira u mifruxa u t-tkissir tan-negozjati għall-paċi; jitħasseb bid-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tas-sigutà b'kunflitti militari fil-Lvant u fit-Tramuntana; jenfasizza li introduzzjoni mill-ġdid u immedjata tal-Ftehim dwar il-Waqfien ta' l-Isparar eżistenti hija essenzjali sabiex isir kull tip ta' progress lejn soluzzjoni politika u paċi deġġiem;
  - Jikkundanna l-attakki ta' kuljum f'Jaffna, f'Trincomalee u f' Batticaloa u l-madwar, li rriżultaw f'sofferenza umanitarja kbira u fil-mewt ta' mijiet ta' persuni ċivili u personal militari; jinnota li l-Komunità Musulmana fil-Lvant tal-pajjiż soffriet bla proporzjon mill-ġlied li reġa beda u f'Muttur biss ġew spustati 50 000 ruħ;
  - Jiddeplora ħafna l-qtil ta' 17-il persuna mis-Sri Lanka li kienu jaħdmu ma' l-Organizzazzjoni mhux Governattiva Franċiża *Action Against Hunger* f'Muttur; jagħraf l-inizjattiva tal-Gvern għal investigazzjoni sħiħa ta' l-inċident u tal-parteċipazzjoni ta' espert forensiku ssekondat mill-Gvern ta' l-Awstralja; itenni t-talba tiegħu għal investigazzjoni effettiva u imparzjali fl-allegati atroċitajiet u fil-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem bl-appoġġ sħiħ tal-liġi użat kontra dawk li jinstabu kompliċi f'dawn l-attivitajiet;
  - Jikkundanna l-operazzjoni ta' l-14 ta' Awissu 2006 kontra l-Mullaitivu li rriżultat fil-mewt ta' 51 tifel u żgħażugħ;
  - Jilqa' t-tħabbira mill-President tas-Sri Lanka Mahinda Rajapaska, ta' l-intenzjoni tiegħu li jstieden kummissjoni **grupp internazzjonali indipendenti ta' persuni importanti bħala osservaturi ta' investigazzjoni-riet rigward ħtif, għejbien u qtil extraġudizzjarji** sabiex tinvestiga l-qtil riċenti, l-għejbien u l-ħtif fis-Sri Lanka; Jikkunsidra li l-ħatra ta' kummissjoni indipendenti, kredibbli u effettiva, b'mod interim, għandha tkun mossa kuraġġjuża li tista' twaqqaf iċ-ċirku vizzjuż ta' vjolenza fis-Sri Lanka; jirrakkomanda li l-Gvern tas-Sri Lanka jfittex il-parir tal-Kummissarju tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Louise Arbour għat-twaqqif tal-Kummissjoni, sabiex ikunu żgurati l-indipendenza u l-effettività tagħha;
  - Jissottlinea l-bżonn ta' ftehim fit-tul u wiesa' dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn il-partijiet u l-iffaċilitar tiegħu permezz ta' missjoni ta' monitoraġġ effettiva, indipendenti u internazzjonali, li tikkumplimenta l-ftehim attwali, kif kien irrakkomandat mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Philip Alston, b'aċċess bla xkiel għall-gvern u għaż-żoni kkontrollati mil-LTTE;

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

7. Jenfasizza l-bżonn li t-truppi tal-Gvern ingaġġati f'operazzjonijiet ta' kontro-ribelljoni u ta' sigurtà domestika jeżerċitaw trażżin massimu skond id-dritt internazzjonali sabiex inaqqsu kull riskju li jindarbu persuni ċivili innoċenti, u li jġibu ruħhom b'mod impekkabbli fl-azzjonijiet kollha tagħhom; Jirakkomanda li l-Gvern tas-Sri Lanka jsahha il-Korp tal-Pulizija Nazzjonali tiegħu sabiex jiżgura investigazzjoni effettiva mill-pulizija tal-qtil extraġudizzjarji kollha; jirakkomanda l-ħatra immedjata mill-Kunsill Kostituzzjonali ta' membri tal-Kummissjoni tal-Pulizija Nazzjonali, skond il-Kostituzzjoni, u jikkonferma l-irwol prinċipali tagħhom fil-promozzjoni u d-dixxiplina ta' l-uffiċjali tal-pulizija jkun ikkonfermat; jirakkomanda programmi għar-reklutaġġ ta' Tamil u ta' uffiċjali tal-Pulizija li jtkellmu l-lingwa Tamil, speċjalment sabiex jaħdmu fit-Tramuntana u fil-Lvant, u programmi ta' taħriġ fl-identifikazzjoni u l-investigazzjoni kriminali għall-pulizija ta' riserva;
8. Itenni l-kundanna tiegħu ta' l-abbuż mit-tfal permezz ta' reklutaġġ ta' tfal suldati, li huwa reat tal-gwerra, u jistieden lill-gruppi ribelli sabiex iwaqqfu din il-prattika, jeħilsu dawk miżmuma minnhom u jagħmlu dikjarazzjoni ta' prinċipju li fil-futur ma jirreklutawx tfal; ihegġegħ lill-Gvern tas-Sri Lanka sabiex jimplimenta miżuri legali sabiex jipprevjeni din il-prattika u jagħmilha reat kriminali; jilqa' l-ħatra ta' l-Ambaxxatur Alan Rock tal-Kanada bħala Konsulent Speċjali ta' Radhika Coomaraswamy, Rappreżentanta Speċjali tan-NU għat-Tfal u l-Kunflitti Armati, sabiex imexxi missjoni ta' tiftix ta' fatti fuq din il-kwistjoni fis-Sri Lanka;
9. Jikkundanna l-intrasiġenza tat-tmexxija ta' l-LTTE matul is-snin, li repetutament ċaħdet ħafna metodi ta' avvanz, inkluża d-devoluzzjoni fuq il-livell provinċjali jew Kunsilli Provinċjali; id-devoluzzjoni fuq il-livell reġjonali jew Kunsilli Reġjonali; kif ukoll il-kunċett ta' federazzjoni b'devoluzzjoni fuq il-livell nazzjonali;
10. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-elementi fuq iż-żewġ naħat tal-qasma fis-Sri Lanka huma ddeterminati fuq il-kunflitt u jinsisti li jirtiraw mill-fruntiera għall-ġid tan-nies kollha tas-Sri Lanka;
11. Għalhekk jitlob li jkun hemm tmiem immedjat, komprensiv u verifikabbli ta' l-ostilitajiet, inklużi l-omiċidji politiċi u l-attentati suwiċidji, u jistieden lil Prabhakaran u Karuna sabiex jergħu jibdedw in-negozjati għall-paċi mal-Gvern tas-Sri Lanka fuq bażi kostruttiva mingħajr dewmien;
12. Jitlob li jkun hemm rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u lejn in-normi umanitarji mill-partijiet kollha f'kunflitt, mhux biss bħala tweġiba immedjata għas-sitwazzjoni li qed tiżien, imma bħala element fundamentali fil-bini ta' riżoluzzjoni ġusta u deġiema tal-kunflitt;
13. Jistieden lill-partijiet kollha fil-kunflitt sabiex jigarantixxu s-sigurtà ta' l-SLMM f'kull ħin; jiddispijaċih dwar l-inistenza ta' l-LTTE li tirtira ċ-ċittadini ta' l-UE mill-SLMM; ifaħħar is-superviżuri Daniżi, Finlandiżi u Żvediżi li issa qed jitolqu għax-xogħol imprezzabbli tagħhom; jappoġġja l-Iżlanda u n-Norveġja għaż-żieda tan-numru ta' superviżuri li pprovdu lill-SLMM u jesprimi t-tama li l-SLMM jkun jista' jaqdi dmirijietu mingħajr biża' ta' azzjonijiet ostili; jistieden lill-Kunsill sabiex jagħti appoġġ finanzjarju jew tekniku għal kull miżura li tista' tirrikompensa t-telfa u tirranġa t-tgħamir ta' l-SLMM sabiex jiffaċċja l-isfidi tal-ħidma tiegħu;
14. Jistieden lill-Gvern u lil-LTTE sabiex jagħtu aċċess bla xkiel lill-ħaddiema fl-għajnuna umanitarja, ta' l-organizzazzjonijiet tan-NU u tqassam is-superviżuri kollha f'kull parti tal-pajjiż u tiżgura s-sigurtà tagħhom;
15. Jistieden lill-Gvern tas-Sri Lanka sabiex jiddikjara b'mod ċar liema huma r-rekwiżiti ta' l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (OMG) sabiex ikunu attivi fit-Tramuntana u fil-Lvant u sabiex iħaffu l-proċess tal-ħruġ ta' permessi tax-xogħol għall-personal internazzjonali li qed jaħdem ma' l-OMG, u jiżguraw li l-proċess ikun effiċjenti u trasparenti;
16. **Filwaqt li l-LTTE jibqa' proskritt, jitlob lill-Istati Membri ta' l-UE u l-komunità internazzjonali f'sens usa' biex jieħdu azzjoni robusta u determinata b'mod attiv biex jinvestigaw l-aġenti ta' l-LTTE; jikkunsidra li din għandha tinkludi projbizzjoni ta' l-ivvjaġġar infurzata b'mod xieraq biex ixkekkel il-moviment ta' min jirrekluta u l-messaġġiera; l-arrest u r-ripatrijazzjoni ta' dawk involuti f'attivitajiet ta' appoġġ terroristiku; konfiska ta' assi assoċjati ma' l-LTTE bħall-flotta ta' vapuri kummerċjali; l-iffriżar ta' kontijiet tal-bank ta' persuni suspetti; u l-ghelug ta' kumpaniji jew intrapriżi assoċjati ma' l-LTTE; tista' titqies t-tneħħija tal-proskrizzjoni jekk ikun hemm waqfien ta' l-isparar effettiv, tmiem tat-terroriżmu u l-bidu ta' negozjati serji fuq bażi kostruttiva;**

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

17. Jinnota l-għeluq ta' l-Organizzazzjoni ta' Riabilitazzjoni tat-Tamil fir-Renju Unit u l-investigazzjonijiet kurrenti fl-uffiċċji ta' l-Organizzazzjoni ta' Riabilitazzjoni tat-Tamil u fil-Kumitat ta' Koordinazzjoni Dinji tat-Tamil fl-Istati Uniti u fl-Awstralja;

**18. Jinsisti li jridu jittieħdu iżjed miżuri effettivi mill-gvernijiet kollha ta' l-Istati Membri ta' l-UE biex iżommu milli jkun hemm l-indotrinazzjoni u l-intimidazzjoni tar-residenti ta' Tamils fil-pajjiżi tagħhom u l-estorsjoni tal-flus biex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet ta' l-LTTE;**

19. Itenni l-istedina tiegħu, bħala ġest immedjat ta' rieda tajba, għaż-żewġ naħat sabiex iwaqqfu l-użu ta' majn splussivi kontra l-personal (APL) u jassisstu t-tehhija tagħhom u, għal dan l-iskop, jistieden lill-Gvern tas-Sri Lanka sabiex jagħti eżempju billi jiffirma l-Konvenzjoni ta' Ottawa li tipprojbixxi l-użu ta' l-APL u jistieden lil-LTTE sabiex tiffirma d-Dikjarazzjoni ta' Impenn tal-Geneva Call;

20. Jinnota d-deċiżjoni tal-partiti politiċi tat-Tamil, tal-Ħaddiema tal-Kungress ta' Ceylon u tal-Front ta' l-Up Country People, sabiex jissieħbu mal-koalizzjoni governattiva;

21. Jistieden lill-Gvern tas-Sri Lanka, lill-Partit Nazzjonali Unit u lill-partiti oħra sabiex jifhemu dwar koperazzjoni mill-qrib **biex jieħdu azzjoni robusta kontra t-terroriżmu** u jindirzzaw l-ilmenti leġittimi tat-Tamil, u jagħmlu ġest kuraġġjuż ta' rikonċiljazzjoni man-nies Tamil tas-Sri Lanka; jikkunsidra reviżjoni tal-Kostituzzjoni tas-Sri Lanka jkun pass kbir fil-ħolqien ta' qafas xieraq għal din l-azzjoni, bħala l-aktar demokrazzija dejjiema ta' l-Asja, sabiex l-istat ikun definit bħala sekulari, repubblika demokratika fejn kull reliġjon hija rispettata;

22. Jilqa' l-impenn espress mill-President Rajapaksa lejn 'devoluzzjoni massima' għall-popli tat-Tamil u jitlob li jkun dan jingħata s-sustanza; f'dan is-sens iħeġġeġ sabiex ix-xogħol tal-Kumitat Rappreżentattiv tal-Partiti Kollha jitħaffef sabiex jipproduċi proposti realistiċi u aċċettabbli fi żmien ġimgħat mill fi żmien xhur, u dan jirbaħ il-qlub tal-komunitajiet Tamil fl-interessi ta' soluzzjoni mifthemata; itenni l-istqarrija tal-Ko-Chairman tat-30 ta' Mejju 2006, fejn stieden lill-Gvern tas-Sri Lanka sabiex 'juri li huwa lest jagħmel bdil politiku drammatiku sabiex jintroduċi sistema ġdida ta' gvernar li ttejjeb id-drittijiet tan-nies tas-Sri Lanka'; jistieden lill-Gvern tas-Sri Lanka u l-Ko-Chairperson itennu d-Dikjarazzjoni ta' Tokjo, u lil-LTTE sabiex jirrispettawha;

23. Jesprimi t-tħassib dwar l-impatt tal-kunflitt il-ġdid dwar ir-rikostruzzjoni u l-konsenja ta' l-għajnuna internazzjonali, jinnota li għalkemm l-UE allokata kważi 125 EUR miljun għall-għajnuna umanitarja u ta' rikostruzzjoni wara z-Tsunami għas-Sri Lanka, il-blokk politiku persistenti dwar l-Istruttura ta' Immaniġġjar ta' l-Operazzjonijiet wara z-Tsunami' ikompli jittardja l-ħelsien ta' 50 EUR miljun oħra f'għajnuna, u jxekkel ix-xogħol ta' rikostruzzjoni fit-Tramuntana u fil-Lvant tas-Sri Lanka; jinnota wkoll id-deċiżjoni tal-Bank ta' Żvilupp Asjatiku li jerġa jalloka xi fondi u d-diffikultajiet li jitmexxew 'il quddiem ħafna proġetti ta' infras-truttura;

24. Jappoġġja l-pjan ta' azzjoni attwali ta' l-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni ta' l-Affarjiet Umanitarja tan-NU għall-benefiċċju tal-popolazzjoni spustjata;

25. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri sabiex jirdoppjaw l-isforzi tagħhom sabiex iġibu paċi stabbli u ġusta fl-Isri Lanka u jagħtu lura s-sigurtà u l-prosperità;

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Gvern tan-Norveġja u lill-Ko-Chairpersons l-oħra tal-Konferenza tad-Donaturi ta' Tokjo, lill-President u lill-Gvern tas-Sri Lanka u l-partijiet l-oħra fil-kunflitt.



Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

P6\_TA(2006)0357

## Ċittadini mill-Korea ta' Fuq li jfittxu kenn, b'mod partikulari fit-Tajlandja

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ċittadini mill-Korea ta' Fuq li jfittxu kenn, b'mod partikulari fit-Tajlandja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Korea ta' Fuq,
  - wara li kkunsidra r-regoli stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' l-1951 dwar l-Istat ta' Refuġjati u l-Protokoll ta' l-1967 tagħha,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fis-snin riċenti għexieren ta' eluf ta' ċittadini mill-Korea ta' Fuq ħarbu mill-pajjiż tagħhom minħabba għaks u għuħ mifruħ, filwaqt li ħafna minnhom irriskjaw ħajjithom waqt li kienu qed jivjaġġaw miċ-Ċina biex jaslu fit-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Kambodja, il-Korea t'Isfel u pajjiżi oħra ta' l-Asja tax-Xlokk,
- B. billi r-Repubblika Popolari Demokratika tal-Korea (DPRK) irratifikat il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,
- C. billi t-Tajlandja saret destinazzjoni ta' tranżitu għaċ-ċittadini tal-Korea ta' Fuq li jaħarbu l-pajjiż tagħhom, u b'hekk ipoġġu l-awtoritajiet Tajlandiżi f'sitwazzjoni diffiċli fir-rigward tar-Repubblika Popolari Demokratika tal-Korea, pajjiż li miegħu għandhom relazzjonijiet ta' ħbiberija,
- D. billi n-numru ta' refuġjati mill-Korea ta' Fuq, Burma, Laos u miċ-Ċina fi tranżitu f'territorju Tajlandiż żdied b'mod konsiderevoli fl-aħħar sena;
- E. billi l-awtoritajiet Tajlandiżi jixtiequ jinfurzaw il-liġi dwar l-imigrazzjoni illegali;
- F. billi fit-22 t'Awwissu 2006 il-pulizija Tajlandiża arrestat grupp ta' 175 persuna li kienet qed tfittex kenn — 37 raġel, 128 mara u 10t itfal — li kienu qed jistabbew għal dawn l-aħħar xahrejn f'dar abbadunata fil-kapitali Tajlandiża, Bangkok,
- G. billi dawn il-persuni li qed ifittxu l-kenn, li jagħmlu l-ikbar grupp ta' ċittadini mill-Korea ta' Fuq li qatt ġew arrestati fit-Tajlandja, ġew mixlija bid-dħul illegali u tressqu quddiem qorti fejn ġew multati THB 6 000 (USD 160) kull wieħed u ntbagħtu l-ħabs għal 30 ġurnata peress li ma setgħux iħallsu,
- H. billi 16-il membru ta' dan il-grupp ingħataw stat ta' refuġjati mill-Uffiċju ta' Bangkok tal-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati (UNHCR) u huma skedati li jħallu t-Tajlandja fi ftit jiem biex imorru l-Korea t'Isfel, li tagħti ċ-ċittadinanza lil dawk li jaħarbu mit-Tramuntana,
- I. billi l-gvernijiet huma marbuta bl-obbligu tagħhom bħala partijiet fil-Konvenzjoni ta' l-1951 dwar l-Istat ta' Refuġjati u bill-Protokoll ta' l-1967 meħmuż magħha li jagħtu lill-UNHCR aċċess għaċ-ċittadini kollha, fosthom iċ-ċittadini tal-Korea ta' Fuq li jkun qad ifittxu kenn f'pajjiż oħra,
- J. billi s-sitwazzjoni ta' dawk li qed ifittxu l-kenn li fadal tibqa' prekarja u teħtieġ li tissolva malajr,
1. Jiddispaċiħ, kif għamel fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, li eluf ta' ċittadini tal-Korea ta' Fuq qed jaħarbu l-pajjiż tagħhom minħabba għaks, għuħ u tnaqqis fl-iżvilupp ekonomiku;
  2. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Tajlandiżi biex ma jerġgħux jibgħatu lejn pajjiżhom lir-refuġjati mill-Korea ta' Fuq, peress li huma u l-familji tagħhom hemmhekk ikollhom konsegwenzi qarsa;

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

3. Jistieden lit-Tajlandja, li hi magħrufa sew għat-tradizzjoni twila tagħha ta' ospitalità lejn ir-refuġjati u li hi membru responsabbli tal-komunità internazzjonali, biex b'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNHCR u organizzazzjonijiet umanitarji oħra, tfittex li ssib soluzzjoni malajr u aċċettabbli għar-refuġjati mill-Korea ta' Fuq billi tibagħthom f'pajjiż terz li jagħżlu huma wara l-iskadenza tas-sentenza tagħhom ta' 30 ġurnata ħabs;
4. Jistieden lill-pajjiżi li jistgħu jieħdu refuġjati biex jgħarrfu dan kemm jista' jkun malajr sabiex jiżguraw li daww ma jinżammux f'detenzjoni;
5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni tar-refuġjati mill-Korea ta' Fuq b'kol-laborazzjoni mal-UNHCR u, jekk ikun hemm bżonn, biex tipprovdi għajjnuna finanzjarja xierqa;
6. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jindirizzaw il-kwistjoni tar-refuġjati u ta' persuni li qed ifittxu kenn mill-Korea ta' Fuq waqt is-Samit ASEM (Laqgħa bejn l-Asja u l-Ewropa) li għej fl-10 u l-11 ta' Settembru 2006;
7. Jistieden lill-gvern tar-Repubblika Popolari Demokratika tal-Korea biex josserva l-proċeduri speċjali stabbiliti mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvern tar-Renju tat-Tajlandja, lill-gvern tar-Repubblika tal-Korea, lill-Gvern tar-Repubblika Popolari Demokratika tal-Korea u lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati.

P6\_TA(2006)0358

## Is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Jannar 2004 <sup>(1)</sup>, tas-16 ta' Diċembru 2004 <sup>(2)</sup> u tas-7 ta' Lulju 2005 <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/51/CFSP tat-30 ta' Jannar 2006 li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe sa l-20 ta' Frar 2007 <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 898/2005 <sup>(5)</sup> tal-15 ta' Ġunju 2005 li jestendi l-lista ta' daww il-persuni fiż-Żimbabwe li fuqhom hemm miżuri restrittivi,
  - wara li kkunsidra r-rapport ta' l-*International Crisis Group* ta' l-24 ta' Awissu 2006 'Żimbabwe: Strateġija ta' Oppożizzjoni',
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-sitwazzjoni umanitarja, politika u ekonomika tal-biża' fiż-Żimbabwe qed tkompli tmur għall-aghħar, u minħabba l-hekk imsejħa 'Operazzjoni Murambatsvina' (inkeċċu l-ħmieġ) 700,000 ruħ spiċċaw b'xejn, 4 miljun ruħ huma friskju li jmutu bil-ġuħ u qed jgħixu permezz ta' għajnuniet ta' ikel, u r-repressjoni politika qed tkompli b'pass mgħaġġel,
- B. billi l-gvern taż-Żimbabwe ppropona Abbozz ta' Liġi dwar l-Interċettazzjoni tal-Komunikazzjonijiet, li għandha tippermetti lis-servizzi militari ta' intelliġenza, lill-pulizija u lill-uffiċċju tal-President li jimmoniterjaw il-korrispondenza elettronika, l-aċċess għall-internet u l-konversazzjonijiet bit-telefown,

<sup>(1)</sup> ĠU C 92 E, 16.4.2004, p. 417.

<sup>(2)</sup> ĠU C 226 E, 15.9.2005, p.358.

<sup>(3)</sup> ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 491.

<sup>(4)</sup> ĠU L 26, 31.1.2006, p. 28.

<sup>(5)</sup> ĠU L 153, 16.6.2005, p. 9.

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006**

- C. billi l-elezzjonijiet għas-Senat tas-26 ta' Novembru 2005 kienu att ċiniku ta' patroċinju politiku mmirat biex jikkonsolida l-poter awtoritarju ta' Zanu-PF fuq iż-Żimbabwe,
- D. billi l-oppożizzjoni ewlenija fiż-Żimbabwe, il-Moviment għal Bidla Demokratika (MDC), b'dispaċir inqasam f'żewġ partiti f'Ottubru 2005,
- E. billi l-iżvilupp ta' l-Afrika huwa prijorità għad-demokrazzija tal-Punent; jirrikonoxxi, madankollu, li l-għajna biss issolvi ftit problemi u li l-gvernijiet ta' l-Afrika huma mistennija li jagħmlu dak li wiegħdu permezz ta' impenn għad-demokrazzija, għall-istat tad-dritt u għar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem,
- F. billi r-rata tal-qgħad fiż-Żimbabwe hija ta' aktar minn 70 fil-mija u r-rata ta' l-inflazzjoni hija l-ogħla waħda fid-dinja,
- G. huwa mħasseb dwar rapporti minn organizzazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem li migranti miż-Żimbabwe huma vulnerabbli għat-trattament ħażin u għall-abbuż fl-Afrika ta' Isfel,
- H. billi l-Unjoni Afrikana (AU), il-Komunità għall-Iżvilupp ta' l-Afrika ta' Isfel (SADC) u, b'mod partikulari, l-Afrika ta' Isfel, ma rnexxilhomx jieħdu pożizzjoni b'saħħitha biżżejjed kontra r-reġim taċ-ċanfir ta' Mugabe,
1. Jikkundanna d-dittatura ta' Mugabe għall-oppresjoni bla waqfen tal-poplu taż-Żimbabwe u jesprimi d-dispaċir kbir tiegħu għaliex partijiet reġjonali bħall-AU, l-SADC u l-Afrika ta' Isfel irrifjutaw li jieħdu pożizzjoni iktar b'saħħitha kontra l-abbużi tar-reġim u naqsu milli jinsistu li l-gvern taż-Żimbabwe għandu jirringa għemilu u jerġa' jdaħħal id-demokrazzija u l-istat tad-dritt;
  2. Jesiġi li r-reġim ta' Mugabe jżomm il-wegħda tiegħu li jipprovdi djar biżżejjed għal dawk kollha li tkeċċew minn darhom waqt il-kampanja atroċi 'Operazzjoni Murambatsvina';
  3. Jiddispaċih li l-progress taż-Żimbabwe fil-ġlieda kontra l-HIV-AIDS qed tiddgħajef minħabba l-prattiki abużivi tal-gvern bħall-programm tiegħu ta' żgumbrament li ostakola l-aċċess għall-kura tas-saħħa u minħabba linji politiċi ta' 'welfare' soċjali mhux xierqa li komplew iżidu l-vulnerabilità ta' pazjenti bl-AIDS;
  4. Jinnota bi tħassib kbir li bħalissa fiż-Żimbabwe hemm waħda mill-agħar epidemiji ta' l-HIV-AIDS fid-dinja, u aktar minn 3,200 ruħ fil-ġimgħa qed imutu minħabba l-marda; jitlob lill-Gvern taż-Żimbabwe biex jieħu azzjoni urġenti biex itejjeb l-aċċess għall-kura antiretrovirali, li bħalissa qed jeħduha biss 8 % ta' dawk infettati bil-marda;
  5. Jirrifjuta li jirrikonoxxi l-leġittimità tas-'Senat' imwaqqaf reċentement fiż-Żimbabwe peress li 15 fil-mija biss tal-poplu taż-Żimbabwe hađu sehem fil-proċess skreditat ta' l-elezzjoni, u r-riżultat kien ukoll iggarantit minn qabel biex jiffavurixxi lil Zanu-PF;
  6. Jitlob li jiġu rtirati l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Interċettazzjoni tal-Komunikazzjonijiet, l-Abbozz ta' Liġi dwar it-Trażżin tat-Terroriżmu u l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi, li kollha kemm huma se jintużaw bħala skużi għal trażżin iktar b'saħħtu ta' kwalunkwe avversarju tar-reġim ta' Mugabe;
  7. Jesprimi kosternazzjoni kbira għall-attentati sigrieti tar-reġim ta' Mugabe biex jieħu l-kontroll tas-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar taż-Żimbabwe (ZRCS), billi jirrakkomanda bil-forza l-impjeg ta' membri u partitarji tar-reġim; jinnota li l-akbar donaturi taż-ZRCS huma d-Danimarka, ir-Renju Unit u Stati Membri oħra ta' l-UE; jibża' li din il-mossa hija l-bidu ta' l-użu ta' l-appoġġ ta' l-ikel taż-ZRCS bħala arma politika, u b'hekk ħafna nies vulnerabbli taż-Żimbabwe ma jirċivux l-għajna vitali;
  8. Jinsisti bil-qawwa li r-reġim ta' Mugabe m'għandu jieħu l-ebda benefiċċju jew propaganda kemm mit-tħejjija għat-Tazza tad-Dinja ta' l-2010 kif ukoll mit-turnew innifsu; għalhekk, jistieden lill-Afrika ta' Isfel, li se tospitaha, u lill-FIFA, biex jeskludu liż-Żimbabwe milli tieħu sehem fil-logħbiet tat-Tazza tad-Dinja, milli tilgħab logħbiet ta' ħbiberija jew milli tilqa' timijiet nazzjonali involuti fl-avveniment;

Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006

9. Jistieden lil Robert Mugabe biex iżomm il-wegħda tiegħu stess li jirriżenja mill-aktar fis possibbli, riżenja li tkun l-akbar pass wieħed possibbli biex jergħu jittqajmu s-soċjetà, il-politika u l-ekonomija taż-Żimbabwe, u biex jibdew negozjati pożittivi transizzjonali bejn Zanu-PF, il-partiti ta' l-MDC u movimenti oħra ta' l-oppożizzjoni;
10. Jilqa' l-laqgħa li saret bejn iż-żewġ partiti ta' l-MDC fl-Afrika ta' Isfel fis-26 ta' Awissu 2006 u jistieden lil dawk kollha li jopponu r-reġim ta' min jikkundannah ta' Mugabe biex jingħaqdu u jiżguraw li l-attivitajiet tagħhom jagħtu lin-nies taż-Żimbabwe oppożizzjoni soda demokratika, rappreżentattiva u magħquda, lesta mill-aspetti kollha li tassumi r-responsabilitajiet ta' gvern, u biex iġġib bidla politika u ekonomika għall-ġid taż-Żimbabwe;
11. Ifaħħar il-Kungress tat-Trejdjunjins taż-Żimbabwe għall-protesti tiegħu kontra l-kundizzjonijiet ta' għajxien tal-biża' imposti fuq il-poplu taż-Żimbabwe mir-reġim ta' Mugabe u jinsisti li dimostrazzjonijiet bħal dawn għandhom jitħallew isiru mingħajr ma jkunu ostakolati mill-pulizija;
12. Jirrikonoxxi li s-sanzjonijiet immirati ta' l-UE kontra kemm iż-Żimbabwe kif ukoll kontra ċerti individwi fiż-Żimbabwe naqsu milli jkollhom l-impatt mixtieq fuq dawk li huma responsabbli b'mod dirett għat-tifqir taż-Żimbabwe u għat-tbatijiet li ġarrab il-poplu taż-Żimbabwe; jistieden lill-Kunsill biex jiżgura li l-Istati Membri kollha japplikaw l-miżuri restrittivi eżistenti b'mod strett, inklużi l-embargo ta' l-armi u l-projbizzjoni tal-vjaġġi, u għandhom jeżaġeraw aktar fl-istrettezza milli fil-permissività;
13. Barra minn hekk jistieden lill-Kunsill biex iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tas-sanzjonijiet u minbarra biex iżid il-lista ta' individwi — li bħalissa fiha 120 ruħ — sabiex tinkludi ħafna iktar ministri tal-gvern taż-Żimbabwe, deputati u gvernaturi, membri, partitarji u ħaddiema ta' Zanu-PF, minbarra l-membri tal-familji tagħhom, u negozjanti u individwi prominenti oħra assoċjati ma' Zanu-PF;
14. Jistieden liċ-Ċina u lil pajjiżi oħra li jkomplu jfornu l-armi u appoġġ ieħor lir-reġim ta' Mugabe biex jieqfu u jingħaqdu mal-komunità internazzjonali fl-isforzi tagħha biex tbiddel is-sitwazzjoni għall-ġid taż-Żimbabwe;
15. Jikkundanna l-fatt li filwaqt li n-Nazzjonijiet Uniti qed titlob 257 miljun USD f'għajjnuna umanitarja għaż-Żimbabwe, ir-reġim ta' Mugabe għadu kif xtara b'240 miljun USD tna-x il ajruplan militari tat-tip K8 miċ-Ċina; jinnota wkoll li l-armata taż-Żimbabwe ħabbret li xtrat 127 karozza għal uffiċjali għolja, u li se tixtri 194 karozza oħra fix-xhur li ġejjin;
16. Iħeġġeġ lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jagħmel rapport urġenti dwar is-sitwazzjoni politika u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe;
17. Itenni t-talba tiegħu biex l-SADC tagħlaq iċ-ċentru reġjonali tagħha għat-taħriġ fiż-żamma tal-paċi f'Harare u li terġa' tiftħu fit-territorju ta' stat membru ieħor ta' l-SADC;
18. Jinsisti li l-għajjnuna kollha għaż-Żimbabwe trid tingħata permezz ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ġenwini u għandha tasal għan-nies li għalihom hija intiża, bl-anqas involviment mir-reġim ta' Mugabe; huwa inkwetat li l-UE ffinanzjat seba' proġetti fiż-Żimbabwe fl-2005 bi spiża ta' 70 miljun EUR, u proġetti oħra fl-2006, inklużi 3.7 miljun EUR permezz ta' l-Istruttura ta' l-Ilma ta' l-UE, u jitolb lill-Kummissjoni biex tagħti l-garanziji tagħha li xejn mil l-għajjnuna ma kienet ta' benefiċċju għar-reġim ta' Mugabe;
19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-gvernijiet tal-pajjiżi tal-G8, lill-gvern u lill-parlament taż-Żimbabwe u lill-Afrika ta' Isfel, lis-Segretarju Ġenerali tal-'Commonwealth', lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, liċ-'Chairmen' tal-Kummissjoni u tal-Kunsill Eżekuttiv ta' l-Unjoni Afrikana, **lill-Parlament Panafrikan** lis-Segretarju Ġenerali ta' l-SADC, u lill-President tal-FIFA.